


EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1977

IL-KELMA TAR-RAGHAJ

Gabra ta' ittri pastorali, cirkulari, u atti ohra tal-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi Isqof t'Ghawdex

Vol. II

1150

EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1977

IL-KELMA TAR-RAGHAJ

Gabra ta' ittri pastorali, cirkulari, u atti ohra tal-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi Isqof t'Ghawdex

Vol. II

DAĦLA

Tliet snin ilu, jiġifieri fl-1974, kienet ġiet ippublikata taħt it-titolu "IL-KELMA TAR-RAGĦAJ", ġabra ta' ittri pastorali u ċirkulari li kont ħriġt sa dik is-sena, kif ukoll ta' xi siltiet mid-diskorsi tiegħi. Dak inhar kont esprimejt it-tama li ktieb ta' din ix-xorta "bilgħajnuna t'Alla, iħalli xi ġid spiritwali f'dawk kollha li jaqrawh." Il-fatt li l-ktieb ġie milqugħ tajjeb u li l-kopji tiegħu tqassmu fi żmien qasir, saħħaħni fil-fehma li dik it-tama ma kienitx fiergħa għal kollox.

Hija parti mill-missjoni tal-isqof li jxandar it-tagħlim nisrani u li regolarment iwassal il-messaġġi tiegħu lil poplu anke per mezz talittri li jippublika. Għalhekk, minn mindu ħareġ l-ewwel volum, inġabar materjal biżżejjed biex jiġi fformat volum ieħor. Dan il-ktieb li għandkom f'idejkom, mela, jiġbor fih xi dokumenti dottrinali mxandrin fid-djoċesi t'Għawdex mill-1974 sallum, kif ukoll xi diskorsi tiegħi li saru fl-istess perijodu. Hekk l-insara tad-djoċesi tagħna ikunu jistgħu jiftakru aħjar fittagħlim u fit-twissijiet tar-ragħaj spiritwali tagħhom.

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex inrodd ħajr minn qalbi lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom biex jiġi ppublikat u mxerred dan il-ktieb.

† **Nikol Ġ. Cauchi**
Isqof t'Għawdex.
10 ta' Frar, 1977.

I. L-IRTIRI SPIRITWALI

Mija u ħamsin sena ilu, infetħet f'Għawdex id-dar tal-irtiri magħrufa bl-isem ta' San Kalċedonju. Minn dak iż-żmien sal-lum għadd kbir ta' saċerdoti u sekulari għaddew xi jiem f'dik id-dar biex fis-skiet jisimgħu l-kelma ta' Alla u jitolbu.

Din hija esperjenza spiritwali li għandha effett mhux biss fil-ħajja tal-individwu li jġarrabha, imma wkoll fil-ħajja u fil-ħidma tal-kommunità nisranija kollha.

Dehrilna għalhekk, li għandna ninqdew b'din l-okkażjoni tal-għeluq il-150 sena ta' din id-dar tal-irtiri, sabiex infakkru lil uliedna dwar il-ġid spiritwali li jista' jinkiseb mill-irtiri u nħajruhom sabiex jieħdu sehem fihom.

L-EWWEL PARTI
L-EŻEMPJU TA' KRISTU U TA' L-APPOSTLI

L-Imgħallem divin tagħna Sidna Ġesù Kristu, qabel ma beda l-ħajja tiegħu pubblika, mar fid-dežert biex, il-bogħod mill-għagħa tad-dinja, għal erbgħin jum jitlob u jagħmel penitenza.

F'dan għandna eżempju sublimi ta' Kristu li jgħallimna kif il-ħidma għat-tixrid tassaltna t'Alla jeħtieġ li tkun mibdija f'għaqda ta' talb mal-Mulej li minnU tiġina kull grazzja.

Mhux biss fil-bidu tal-predikazzjoni tiegħu, imma wkoll fl-intervalli tal-ħidma appostolika tiegħu, Kristu kien jistieden liddixxipli biex jinġabru f'xi post għall-kwiet u jehdew fit-talb. **"Ejjew 'l hemm f'post imwarrab u strieħu daqsxejn".** (1)

U meta wara t-tlugħ tiegħu fis-sema, skond il-wegħda li kien għamlilhom Kristu, niżel fuqhom l-Ispirtu Santu, l-appostli kienu miġburin f'irtir ta' għaxart ijiem fiċ-ċenaklu flimkien ma' Omm Kristu, Marija Santissima, **"Kienu Miġburin flimkien, fit-talb bla ma jaqta' "** (2)

L-IRTIRI MATUL IL-KORS TA' L-ISTORJA

● Fl-ewwel seklu

Għad li s-sistema kienet differenti minn dik li nsegwu llum, imma fis-sustanza tagħhom, l-irtiri kienu drawwa li l-insara ta' l-

ewwel sekli kienu jafu biha u kienu jwettquha kif jidher mill-kliem tal-kittieba antiki.

Hekk **San Ġirolomu** jagħti dan il-parir:

— "Agħżel post adattat u mbiegħed millħsejjes tal-familja, li fih tista' ssib kenn

— Hemm agħti ruħek bil-ħeġġa għall-Qari tal-Kotba Mqaddsa, għat-Talb ta' Spiss u hekk taħseb fuq il-ħajja li għad trid tiġi". (3)

San Pier Crisologu jagħmel din l-istedina lill-insara ta' żmienu:

"Is-sena kollha naħdmu għal **ġisimna**

— niddedikaw għall-inqas ftit ġranet għal **Ruħna.**

Ngħixu ftit taż-żmien għal Alla,

— aħna li naħsbu tant spiss fil-ħwejjeġ tad-dinja.

Jidwi f'widnejna l-leħen ta' Alla
bla ma nkunu mfixklin bil-għagħa ta' djarna. (4)

Matul l-istorja tal-Knisja, ma naqsu qatt l-insara li jew għal ħajjithom kollha jew għal perijodu ta' żmien ħassew il-ħtieġa li jitbiegħdu mill-okkupazzjonijiet tagħhom ta' kuljum u jingħataw għat-talb u għar-riflessjoni dwar il-problemi spiritwali tagħhom.

● **Sant'Injazju minn Loyola**

Ta' min isemmi fost kulħadd, lil Sant'Injazju minn Loyola, li matul l-irtir tiegħu f' Manresa, ikkompona l-ktieb tal-Eżerċizzi Spiritwali li jagħti metodu dettaljat kif għandhom ikunu mqassmin dawn il-jiem ta' ġabra.

F'dawn l-aħħar sekli, nies li laħqu qdusija ta' Sant'Injazju qdusija sabu f'dawn l-eżerċizzi

- għajn ta' tagħlim
- u għodda l-aktar siewja li għenithom jimxu 'l quddiem fil-perfezzjoni Nisranija.

Bir-raġun kollu, ir-ragħajja spiritwali jħeġġu lil uliedhom sabiex ta' spiss, matul ħajjithom, jiddedikaw xi ġranet għall-irtiri mqaddsa. Hekk San Carlo Borromeo daħħal din id-drawwa fost il-kleru u l-poplu tal-belt ta' Milan, fassal huwa stess ir-regoli li fuqhom għandu jitmexxa l-irtir u waqqaf dar biex isservi biss għall-irtiri spiritwali.

II-TIENI PARTI
IL-ĦTIEĠA TA' L-IRTIRI

ĦIDMA NIEQSA MINN SPIRTU SOPRANNATURALI

Huwa minnu li fiż-żminijiet tagħna, ħafna mill-insara jħossuhom iktar miġbudin għal dik li hija attività anke fil-qasam tal-appostolat, milli għall-kontemplazzjoni fuq il-ħwejjeġ spiritwali u għat-talb.

Il-kawża ta' dan l-atteġġjament hija aktarx ċerta preżunzjoni li ħtija tagħha iktar inqegħdu l-fiduċja fil-ħila personali tagħna, milli fl-għajnuna u fid-dawl li jagħtina Alla l-imbierek.

Konsegwenza ta' dan l-atteġġjament jiġri bosta drabi li l-ħidma tagħna flok ma tkun **GĦAL ALLA** u **KIF IRID ALLA** issir:

1) **attività** nieqsa minn spirtu soprannaturali u mill-intenzjoni retta.
2) **attività** li għad li għandha s-siwi tagħha għall-ħajja naturali, però ftit tista' tħalli frott spiritwali, u qajla tisfa ta' ġid għarruħ tagħna u għall-erwieħ ta' l-oħrajn.

≋ **Mentalità żbaljata**

Il-bnedmin fil-kotra kbira tagħhom

* jagħtu importanza ikbar lill-kapriċċi tagħhom milli lir-rieda Imqaddsa tal-Mulej.
* iktar ħsiebhom li tgħaddi tagħhom, milli li jsir dak li jrid Alla.
* iktar mehdija fit-twettiq tal-proġetti minnhom maħsuba milli li jħabirku biex jitwettaq il-pjan għaqli t'Alla u l-Liġijiet Imqaddsa tiegħu.

Din il-mentalità li sfortunatament, tidher ukoll fl-imġieba ta' ċerti kattoliċi, hija l-bidu ta' tant ħsara morali fil-ħajja tal-individwi u

tas-soċjetà.

Alla l-imbierek, skond il-pjani moħbija tal-Provvidenza tiegħu, jippermetti minn xi daqqiet, li aħna nġarrbu bl-esperjenza tagħna, u hekk iktar nikkonvinċu ruħna, li l-organizzazzjoni u l-attività tal-bnedmin imwettqin mingħajr fiduċja sħiħa f'Alla u mingħajr attenzjoni kontinwa għar-Rieda tiegħu, flok ma jġibu 'l quddiem l-individwi,

— jitilfulhom il-paċi tal-qalb
— u jħollu r-riedni tal-istinti umani
  a) tal-pjaċir u b) tad-dominazzjoni fuq l-oħrajn.

B'mod u manjiera li mhux biss il-bniedem li jgħix din il-ħajja jħoss vojt tal-eżistenza tiegħu, imma joħloq ukoll diżordni fis-soċjetà ta' madwaru.

F'sitwazzjoni bħal din wieħed jintebaħ bla tbatija, kemm huma flokhom dawk il-kelmiet tas-Salmista: **"Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja. Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt, għalxejn jishar il-għassies".** (5)

TISFIJA u TIĠDID SPIRITWALI

Tisfija

Il-Knisja ta' Kristu, kull tant żmien, tkun teħtieġ tisfija minn din il-mentalità li hija **frott**

— tas-suppervja
— tal-preżunzjoni
— u tad-disprezz tal-valuri spiritwali.

U għalhekk Alla jippermetti li jiġu żminijiet ta' burraxki u ta' qtigħ il-qalb.

Imma kif josserva l-Papa Piju XI

"iktar ma jkunu mqallba ż-żminijiet, iktar jinħass l-impuls tal-Ispirtu Santu, li jmexxi fis-solitudni, erwieħ għatxana **tal-ġustizzja u għall-verità sabiex meħlusin mill-pre-okkupazzjonijiet tal-ġisem, fil-moħba tar-ruħ tagħhom jistgħu iktar bil-ġabra jisimgħu l-għerf ta' Alla".** (6)

"Jeħtieġ li nerġgħu nibnu mill-ġdid sa mis-sisien tagħha, id-dinja kollha", kien qal darba l-Papa Piju XII, f'diskors importanti tiegħu. (7)

Tiġdid

U meta n-nisrani jsib ruħu fl-atmosfera qaddisa tal-Eżerċizzi Spiritwali, ikun qed jagħti pass deċisiv 'l quddiem sabiex iġedded il-ħajja tar-ruħ tiegħu sa mis-sisien tagħha u jkun jista' mbagħad jagħti s-sehem siewi tiegħu ħalli tinbena dinja aħjar li fiha l-bnedmin igħożżu l-valuri spiritwali u jħarsuhom.

MOVIMENTI ta' SPIRITWALITA'

Fi żminijietna, qegħdin 'ninnotaw li bħala reazzjoni għall-imxija ta' ħażen, qerq u vjo-

lenza, jidhru kultant 'l hawn u 'l hemm fiddinja movimenti u manifestazzjonijiet ta' bnedmin, li qed jagħmlu ħilithom sabiex jittrijonfaw l-ideali tal-Vanġelu.

Għad li n-numru tan-nies imsieħbin fihom ma hux kbir ħafna, jeżistu però gruppi ta' nsara li

— għandhom inklinazzjoni li jgħixu aħjar il-ħajja nterjuri.
— iħossu ġibda akbar għall-orazzjoni.
— jieħdu gost jaqraw u jimmeditaw il-Kotba Mqaddsa.
— u jixtiequ li jkollhom esperjenzi reliġjużi anke straordinarji.

Dawn it-tendenzi jinħassu saħansitra f'xi pajjiżi fejn il-progress materjali huwa fl-aqwa tiegħu u fejn il-paganiżmu modern jaħkem sewwa.

Aħna nittamaw li fost dawn il-movimenti ta' spiritwalità, anke l-irtiri, aġġornati skond il-mentalità tal-bnedmin ta' żminijietna, ikunu mezz siewi sabiex l-Ispirtu Santu jkompli l-ħidma moħbija tiegħu fl-erwieħ.

Aħna konvinti li għall-epoka tagħna wkoll għadhom igħoddu l-kelmiet tal-Papa Piju XI. (8)

"Fl-Eżerċizzi Spiritwali, aħna nilmħu ċenakli provvidenzjali, fejn il-qlub ġeneruż bil-qawwa tal-grazzja, jisimgħu l-leħen tal-Mulej li jistedinhom isiru kooperaturi fidili għall-fidwa tad-dinja, hu x' inhu l-istat tal-ħajja li fih qegħdin igħixu."

GĦELUQ

STEDINA LILL-KLERU U LILL-INSARA

1) **Aħna,** għalhekk, nixtiequ nħajru għal dawn l-Eżerċizzi Spiritwali mhux biss lis-Saċerdoti u lir-Reliġjużi, imma wkoll lill-membri kollha ta' l-Għaqdiet Kattoliċi.

2) **Huwa** ta' faraġ għalina, ninnotaw li ta' kull sena, għadd sabiħ ta' membri tal-Għaqdiet jieħdu sehem f'dawn l-irtiri, għall-inqas ta' jum jew tnejn.

3) **Nittamaw,** bil-għajnuna t'Alla li dawn l-irtiri bil-magħluq, għalli ġej, ikunu organizzati iktar ta' spiss u jipparteċipaw fihom, għadd dejjem ikbar ta' msieħbin fl-Għaqdiet.

4) **B'dan** il-mod huma jitħeġġu għall-ħajja nisranija iktar impenjata u appostolika, u wara li fil-ġabra jkunu mmeditaw fuq il-ħwejjeġ t'Alla, jingħataw għall-ħidma iktar intensa dedikata għall-ġid tal-proxxmu tagħhom.

5) **Nistiednu** wkoll għall-irtiri spiritwali l-insara kollha. Peress li anke f'paj-

jiżna huma ħafna l-perikoli li qegħdin iheddu s-sens reliġjuż u d-drawwiet insara fil-ħajja ta' kuljum, il-fidili afdati f'idejna għandhom iħossu huma wkoll il-bżonn ta' dawk il-jiem ta' għaqda iktar intima ma' Alla.

Fl-Eżerċizzi Spiritwali, in-nisrani jagħraf is-sbuħija tal-ħajja tal-grazzja u jagħmel proponimenti li jgħix f'dan l-istat f'mixja bla ma taqta' lejn il-perfezzjoni.

31 ta' Lulju, 1974.

RIFERENZI:

(1) Mark 6. 31.
(2) Atti 1. 14.
(3) Epis. 148 ad Gelantiam 24.
(4) Serm 12.
(5) Salm 126. 1-2.
(6) Enċiklika: "Mens Nostra" 20-12-29.
(7) Diskors tal-10 ta' Frar 1952.
(8) Enċ. "Mens Nostra".

2. IL-KOMMUNITA' NISRANIJA

DAĦLA

Qabel ma Sidna Ġesù Kristu tela' fis-sema, huwa ordna lid-dixxipli tiegħu biex ma jitilqux minn Ġerusalemm, imma jistennew hemmhekk il-miġja ta' l-Ispirtu Santu kif kien wegħedhom. (1)

F'din il-belt imqaddsa allura, ifformat ruħha l-ewwel ġemgħa ta' nsara li kienet innukleu tal-Knisja Kattolika. Fil-bidu ma kenitx ħlief merħla żgħira ta' nies twajbin li Kristu kien ġabar madwaru u li t-tifkira tiegħu u l-fidi qawwija fih żammithom magħqudin flimkien, anke wara t-tlugħ tiegħu fis-sema.

San Luqa li jiddeskrivielna l-ħajja tal-ewlenin insara, igħidilna li huma "lkoll flimkien kienu jitolbu bla ma jaqtgħu". (2)

L-Iżvilupp tal-Knisja

Wara l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, San Pietru ppriedka lill-folla ta' Ġerusalemm dwar Kristu li għas-salvazzjoni tal-bnedmin, **miet, irxoxta** u **tela' s-sema.** (3)

Ħafna min'n dawk li emmnu l-kelma ta' l-Appostli kienu ġew f'Ġerusalemm minn artijiet oħra u meta reġgħu lura ħadu magħhom iż-żerriegħa tal-Vanġelu Mqaddes u fformaw l-ewwel gruppi ta' nsara f'pajjiżhom. Mill-Atti tal-Appostli jidher illi meta San Stiefnu, l-ewwel martri, ġie maqtul f'Ġerusalemm, kienu diġà jeżistu gruppi ta' nsara f'Damasku u fi bliet oħra barra mill-Ġudea. (4)

Hekk bdiet titwettaq it-tixbieha li qal Kristu li s-saltna tas-smewwiet tixbah liż-żerriegħa tas-senapa "li hi l-iżgħar fost iż-żrieragħ kollha, *imma meta tikber hi akbar mix-xtieli kollha u ssir siġra li t-tjur tas-sema jiġu u joqogħdu fil-friegħi tagħha*". (5)

Din l-espansjoni tal-Knisja matul il-kors tas-sekli u f'diversi artijiet ma kenitx dovuta biss għall-ħidma bla heda ta' l-Appostli u tal-missjunarji, imma wkoll għall-fatt li l-kommunitajiet insara bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, matul il-medda taż-żminijiet, komplew jissaħħu u joktru fil-għadd tagħ-

hom u hekk ifformaw il-Poplu t'Alla li hija l-Knisja Universali.

In-Nisrani fi ħdan il-Kommunità

Kif igħallimna l-Konċilju Vatikan II (6) "f'kull żmien u f'kull nazzjon, Alla jilqa' lil kull min'n għandu l-biża' tiegħu u jagħmel dak li hu sewwa. Madanakollu Alla ried iqaddes u jsalva lill-bnedmin mhux wieħed wieħed u mingħajr rabta bejniethom, imma ried jagħmel minnhom poplu, li jagħrfu fis-sewwa u jaqdih fedelment".

In-nisrani allura ma jistax u m'għandux igħix għal rasu, bħallikieku f'dinja għalih waħdu, imma l-ħajja tiegħu, sewwa dik naturali kif ukoll dik tal-grazzja, jeħtieġlu jgħixha f'konnessjoni ma' l-oħrajn.

In-nisrani huwa msejjaħ minn Alla 'l-Missier, biex jidħol f'din il-ġemgħa ta' wlied maħtura, li hija kommunità ta' aħwa li tinġabar madwar Kristu Feddej tal-bnedmin, kommunità li żżomm magħquda flimkien u hija mmexxija mill-Ispirtu s-Santu Alla.

Din il-kommunità nisranija tgħix bil-kelma t'Alla, u tissaħħaħ dejjem iktar bis-sagramenti li jagħtuna jew ikattrulna l-ħajja tal-grazzja.

Dil-kommunità nisranija, għandha trawwem lin-nisrani biex ma jaħsibx fih innifsu biss imma wkoll jinteressa ruħu fil-ġid materjali u spiritwali ta' l-oħrajn. Bil-mod il-

mod hu jitgħallem li għandu missjoni nobbli x'jaqdi rigward il-proxxmu.

Ma jistax għalhekk, jibqa' ndifferenti quddiem is-sitwazzjoni ta' l-umanità u ma jagħmilx dak kollu li jista' biex anke l-bnedmin l-oħra jersqu lejn Kristu u jkollhom sehem mis-salvazzjoni li ġabilna.

Bħala membri tal-kommunità ekkleżjali, min hu nisrani sinċier

a) **bil-kelma** tiegħu

b) **bl-imġieba** ispirata dejjem mill-karità

c) u **bix-xhieda** ta' ħajja mill-aħjar jipprova joħloq atmosfera nisranija

— fil-familja

— fil-post tax-xogħol

— fl-ambjenti li jiffrekwenta

— u fis-soċjetà kollha.

Problema tar-Reliġjon fil-Ġejjieni

Waħda mill-problemi fundamentali li ser ikollha r-reliġjon fil-ġejjieni u li dwarha qed isir stħarriġ anke fi żminijietna, hija dwar ilmod kif jistgħu joktru dawn il-kommunitajiet li fihom il-membri jħossu li qed igħixu ħajja ta' kommunjoni u mħabba kif jeħtieġ li jkunu l-membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu. (7)

Aħna li ngħixu f'pajjiż bi tradizzjonijiet kattoliċi, faċilment naħsbu li nistgħu nserr-

ħu rasna li l-kommunità li tagħha aħna membri hija kommunità nisranija.

Però dan jista' jkun ottimiżmu esaġerat. Jeħtieġ li minn żmien għal żmien nirriflettu u nistaqsu jekk il-ħajja ta' din il-kommunità hix tabilħaqq kif riedha Kristu u kif jitolbu l-esiġenzi pastorali ta' żminijietna. Hemm bżonn ukoll illi jekk nintebħu b'xi nuqqasijiet u xi diżordni, bil-kuraġġ u bl-umiltà kollha, nagħmlu ħilitna biex nikkoreġuhom.

Żewġ Movimenti fil-Kommunità

Fil-ħajja tal-kommunità nisranija huma neċessarji żewġ movimenti li għandhom jitwettqu kontinwament.

Kif il-qalb tal-bniedem bit-taħbit tagħha

a) **tiġbor** fiha d-demm, issaffih

b) u mbagħad terġa' **tiċċirkulah** mal-vini kollha tal-ġisem

hekk il-kommunità

a) **għandha tiġbor** il-membri tagħha sabiex f'kuntatt ma' Kristu jaqsmu flimkien l-esperjenza ta' ħajja nisranija

b) però mbagħad ma tistax tibqa' magħluqa fiha nnifisha, iżda jeħtiġilha **tinfluwenza** l-ambjent ta' madwarha u tinqeda bil-membri tagħha biex dawn **iwasslu** ma' kullimkien il-messaġġ nisrani.

I PARTI

IL-ĦAJJA NTERNA TAL-KOMMUNITA' NISRANIJA

Għaqda Kristoċentrika

Il-ġebla tas-sies li fuqha hija mibnija l-kommunità nisranija, huwa KRISTU.

Kif igħallimna l-Appostlu Missierna: "intom 'nies ta' l-istess belt tal-qaddisin u nies tad-dar t'Alla, mibnijin fuq il-pedament tal-Appostli u tal-profeti, bi Kristu Ġesù bħala ħaġra tal-minkeb; fih il-bini kollu, mgħaqqad flimkien, jikber f'tempju mqaddes fil-Mulej, li fih intom ukoll mibnijin flimkien biex tkunu l-għamara ta' Alla". (8)

Allura l-ewwel kundizzjoni meħtieġa biex kommunità tista' tissejjaħ 'nisranija hija li l-membri tagħha, JAGĦRFU lil Kristu bħala Alla u Feddej tagħhom u JĦOSSU l-preżenza tiegħu.

L-ewlenin insara kienu jissaħħu dejjem iżjed f'din il-għaqda ma' Kristu billi:

— JEMMNU sħiħ fit-tagħlim tiegħu.
— IĦOBBUH sinċerament
— JIMITAWH fil-ħajja tagħhom.
— IFAKKRU ta' spiss il-misteru ta' l-Għid tiegħu.
— U JIEĦDU sehem fih fil-"qsim tal-ħobż" jiġifieri fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika.

(A) DAK LI JIBNI L-KOMMUNITA'

● **Mistoqsijiet Importanti**

Jekk niġu għas-sitwazzjoni konkreta ta' pajjiżna, ikollna nagħmlu dawn il-mistoqsijiet:

1) IL-KATTOLIĊI TAGĦNA JAFU BIŻŻEJJED DWAR KRISTU?
2) IĦOBBUH SINĊERAMENT?
3) FIL-ĦAJJA KOMMUNITARJA TAGĦHOM JAVVERTU L-PREŻENZA TIEGĦU?
4) IĦOSSUHOM VERAMENT MAGĦQUDIN MA' KRISTU?

F'tit ilu saċerdot kiteb mill-Amerika Latina: **"illum nagħmlu ħafna laqgħat sabiex naqraw u nfissru l-Evanġelju u ħafna jikkonvertu mill-bruda tar-reliġjon u jsiru nies li jibdew jinteressaw ruħhom mill-problemi ta' ħaddieħor. Xi whud igħidulek li għarfu lil Kristu issa, għalkemm tgħammdu żmien ilu".**

Din il-ħtieġa li jagħrfu iktar lil Kristu preżenti fil-kommunità tagħhom tinħass anke fost l-insara tagħna, għaliex ħafna minnhom tistħoqqilhom iċ-ċanfira tal-Battista (9): **"F' nofskom, hemm wieħed li intom ma tafuhx".**

● **Kristu fil-Knisja**

Fil-kommunità ekkleżjali — kif wissiena l-**Papa Piju XII** "jeħtieġ nidraw naraw lil

KRISTU NNIFSU

— għaliex huwa **Kristu** li jgħix fil-Knisja, tiegħu, li permezz tagħha a) jgħallem b) imexxi u c) jagħti l-qdusija.

— Huwa wkoll **Kristu** li juri ruħu b'manjieri differenti fil-varji membri soċjali tiegħu" (10).

ĠESU' STESS qalilna: "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġburin fi-isem tiegħi, inkun hemm jien f'nofshom". (11)

U **L-APPOSTLU MISSIERNA** jfakkarna: "Intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu" (12), u jgħidilna: "Għixu mela fi Kristu Ġesù Sidna, kif tgħallimtuh, b'għeruqkom fih u ħajjitkom mibnija fuqu, imwettqin bil-fidi bħalma tgħallimtu, b'kotra ta' radd il-ħajr." (13)

Barra mit-tagħrif fuq Kristu li jinkiseb mill-qari tal-Vanġelu u mir-riflessjoni fuqu, jeħtieġ ukoll li fi ħdan il-kommunità ekkleżjali, l-insara jitgħallmu l-esperjenza ta' Kristu billi:-

1) jgħixu l-ħajja tal-grazzja li ġejja minnu
2) u jimitaw l-eżempji qaddisa tiegħu fiimġieba tagħhom.

Tishib f'Fidi waħda

Dawn li jaċċettaw lil Kristu u rċevew kif jixraq il-Magħmudija, wettqu l-ewwel kundizzjoni meħtieġa biex jistgħu jsiru membri tal-kommunità nisranija. "Il-Magħmudija fiha nfisha hija biss il-bidu u d-daħla, għaliex

hija maħsuba bħala l-EWWEL PASS biex tinkiseb il-milja tal-ħajja fi Kristu". (14)

Imma biex jaslu għall-għaqda shiħa fil-kommunità ekkleżjali, il-membri tagħha, jeħtieġ ukoll li jkunu nies ta' fidi.

Hemm ċertu grad ta' reliġjożità li jinbet spontanjament fil-qalb ta' kull bniedem, imma għall-kommunità nisranija jeħtieġ li l-imseħbin jimxu pass ieħor 'l quddiem u jaslu għall-virtù teologali tal-Fidi.

Huwa bniedem ta' fidi

— dak li huwa mdawwal mill-kelma t'Alla
— dak li jaħseb u jiġġudika skond it-tagħlim mogħti minn Alla.

Il-Ġemgħa tal-Fidi huma dawn in-nies li:-

— jemmnu fil-Kelma t'Alla
— jġibu ruħhom skond ir-rieda t'Alla mfissra f'dik il-kelma.

Il-Kommunità għalhekk ma tistax tissejjaħ nisranija jekk il-membri tagħha ma jżommux b'għożża kbira l-veritajiet li Alla ried jirrevelalna u li mar jafda lill-Poplu tiegħu.

L-Ispirtu Santu permezz tal-kelma u talpredikazzjoni tal-Vanġelu, isejjaħ lill-bnedmin kollha lejn Kristu u jqanqal fi qlubhom it-twemmin sabiex waqt li fil-magħmudija jitwieldu għall-ħajja ġdida fi Kristu, bil-fidi tagħhom jidħlu fil-għaqda tal-Poplu t'Alla.

● **Quddiem is-Sekolariżmu Modern**

Quddiem it-theddida tas-**sekolariżmu modern** u ta' **l-indifferenza reliġjuża** titfaċċa l-problema kif għandha tiġi mħarsa din il-fidi biex tibqa' bla mittiefsa.

Fid-dinja tal-lum jeżistu tant ċirkustanzi

- li jnissu lill-bniedem minn Alla
- u jaljenawh fuq interessi materjali, fuq problemi ekonomiċi u xewqa tad-divertiment.

Għalhekk il-membri tal-kommunità nisranija li ma jkollhomx fidi ta' konvinzjoni u li ma jissodawx ta' kuljum fl-impenji tagħhom bħala segwaċi ta' Kristu,

** mhux biss jitilfu kull ħajra għad-dmirijiet reliġjużi tagħhom

** imma jkunu f'periklu serju li jinħakmu mill-mewġa tas-sekolariżmu, u jibdew jgħixu ħajja pagana, bħalma sfortunatament ġralhom ħafna.

● **Ħtieġa ta' l-Evanġelizzazzjoni**

F'dawn iċ-ċirkustanzi, tinħass wisq iżjed minn qatt qabel il-ħtieġa tal-**evanġelizzazzjoni** fi ħdan il-kommunità nisranija stess. Fiha għandu jingħata, bl-aħjar mezzi possibbli, it-tagħlim reliġjuż li huwa l-ikel tal-ħajja spiritwali.

Il-**katekiżmu** li jingħata bħala thejjija għall-Ewwel Tqarbina u għall-Griżma huwa

ftit wisq biex in-nisrani jkun jista' jaffronta d-diffikultajiet tal-ħajja u jibqa' sħiħ fil-fidi tiegħu.

Fiż-żminijiet tagħna, għalhekk, hemm bżonn ta' formazzjoni nisranija permanenti. Il-kommunità għandha tagħti lill-membri tagħha, għajnuna bla ma taqta' sabiex dawn

1) jilħqu l-MATURITA' TAL-FIDI
2) u JKOLLHOM KRISTJANEŻMU TA' KONVINZJONI.

Fi kliem ieħor tkun qegħda tittraskura wieħed mill-obbligi ewlenin tagħha, dik il-kommunità li ma tipprovdix edukazzjoni kontinwa fil-mentalità nisranija li nistgħu nsejħulha "katekumenat permanenti".

Kull kattoliku mbagħad għandu jiftakar illi mezz qawwi biex iħares il-fidi tiegħu huwa dak li jsib grupp ta' nies li jgħixu tabilħaqq skond it-twemmin nisrani u jieħu sehem attiv fil-laqgħat u l-ħidma ta' dan il-grupp. Min jibqa' iżolat u jafda biss fid-devozzjonijiet privati tiegħu, ftit għandu possibilità li jibqa' fidil lejn Kristu meta jiġi f'kuntatt mal-ħażen u l-bruda tal-ambjent sekolarizzat. (15)

Il-Kult Kommunitarju

Il-karattru sagramentali tal-Magħmudija jagħti lill-imsieħbin kollha fil-kommunità, sehem mis-saċerdozju ta' Kristu għad li s-setgħat u l-funzjonijiet huma diversi. **"Intom ġens maħtur, saltna ta' qassisin, nazzjon qad-**

dis, poplu miksub, biex ixxandru t-tifħir ta' Dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb". (16)

Huma jwettqu dan is-saċerdozju tagħhom meta:

1) jipperseveraw fit-talb u fit-tifħir lill-Mulej, (17)

2) joffru lilhom infushom bħala vittmi lil Alla, (18)

3) u permezz tas-sagramenti jingħaqdu dejjem iktar ma' Kristu.

Il-Kommunità ekkleżjali kollha kemm hi għandha tagħti din il-qima lil Alla: KULT KOMMUNITARJU MIBNI FUQ FIDI KOMMUNITARJA.

● **L-Ewkaristija: Ikla ta' l-Unità**

B'mod partikulari, il-kommunità tagħti l-qima tagħha lil Alla meta tiltaqa' biex tiċċelebra l-ewkaristija li hija l-ikla tal-unità nisranija.

Kif igħallimna l-Konċilju: (19) **"Fil-qsim tal-ħobż ewkaristiku, meta aħna nipparteċipaw realment fil-Ġisem tas-Sinjur, aħna niġu merfugħin f'għaqda miegħu u bejnietna "Għaliex hemm biss Ħobż wieħed, aħna ġisem wieħed, anke jekk aħna ħafna, għax isseħibna lkoll mill-istess ħobż".** (20)

It-Tqarbina

— mhux biss tgħaqqad in-Nisrani ma' Kristu

— imma fl-istess waqt tgħaqqad flimkien lil dawk kollha li jitqarbnu, u ssaħħaħ dejjem iżjed il-kommunità tagħhom.

Dawk kollha li jitqarbnu nfatti, jilqgħu lill-istess Kristu u l-istess ħajja divina permezz tiegħu.

● **Qima Ġenwina?**

Hawnhekk però jeħtieġ li nieqfu biex nežaminaw jekk din il-qima li joffru l-kommunitajiet tagħna

● **hix** ġenwina jew le

● **hix** qima li togħġob lil Alla jew li toffendieh.

Hija ħasra li ċerti nsara jiffrekwentaw il-postijiet tal-kult iktar bi tradizzjoni u għaliex ħaduha drawwa fil-ħajja tagħhom milli għax persważi mill-ħtieġa li jfaħħru u jitolbu lil Alla.

Ma humiex rari dawk l-insara li għad li jkunu preżenti fil-Knisja, u forsi jlissnu wkoll xi talba, imma jkunu aljenati fuq elf ħaġa oħra u jkunu bla sabar sakemm jitilqu l-barra.

Għall-insara ta' din il-kategorija tgħodd iċ-ċanfira tal-Profeta: **"Dan il-ġens iqimni bix-xofftejn, iżda qalbhom hija l-bogħod minni."** (21)

Ta' min jiddeplora wkoll id-drawwa li qed jaqbdu ċertu nies li jieħdu kunfidenza żejda mat-Tqarbin u jersqu jitqarbnu bla ma jagħrblu sewwa jekk il-kuxjenza tagħhom hix imhejjija għal din il-laqgħa ma' Kristu u bla ma jirrifiettu fuq il-kobor tal-għemil sagru li jkunu ser iwettqu.

Għadu validu dak li għallem San Pawl: **"Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej, mhux kif jixraq, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu u mbagħad jiekol mill-ħobż u jixrob mill-kalċi".** (22)

● **Il-Liturġija: Skola ta' Talb**

Wara t-tibdiliet li saru fir-rit tal-Quddiesa u tas-Sagramenti, tinħass iżjed il-ħtieġa li bil-mod il-mod **il-Liturġija ssir tabilħaqq skola ta' talb nisrani.**

Permezz tagħha, l-Insara għandhom jitgħallmu

— jitolbu "fl-ispirtu u fil-verità", (23)

— li jagħtu l-ewwel post lit-tifħir u radd il-ħajr lill-Mulej,

— li jiftakru mhux biss fil-ħtiġijiet personali tagħhom imma wkoll fil-ħtiġijiet tal-kommunità, li tagħha huma membri, u f'dawk tal-Knisja Universali.

Barra minn dan it-talb liturġiku, aħna nixtiequ li joktru u jissaħħu l-gruppi ta' talb

illi fihom ġemgħat ta' nsara jiltaqgħu regolarment biex jimmeditaw il-Kelma ta' Alla, jitħeġġu għal talb ħerqan u jaqsmu fiimkien din l-esperjenza spiritwali.

Ir-Rabta tal-Karità Nisranija

Aspett fundamentali ieħor tal-Kommunità nisranija hija r-rabta ta' karità fraterna li għandha tgħaqqad fiimkien il-membri tagħha.

Infatti hija l-karità li tgħinna biex nirbħu lilna nfusna u l-preġudizzji li jista' jkollna u noqorbu lejn xulxin fi spirtu

1) ta' rispett reċiproku.
2) ta' komprensjoni
3) u ta' kooperazzjoni.

Hija l-karità li tittrasforma l-preżenza ta' ħafna nies miġmugħa fiimkien f'laqgħa verament kommunitarja.

Fi kliem ieħor, biex ikun hemm tabilħaqq kommunità mhux biżżejjed li jingabru n-nies fiimkien biex jassistu għal xi funzjoni, imma jeħtieġ ukoll li huma jħossu li hemm xi ħaġa li torbothom fiimkien u tagħmilhom qishom aħwa bejniethom.

F'kommunità ta' din il-għamla, tinħass il-preżenza t'Alla li jqassam id-doni tal-grazzja tiegħu. **"Fejn hemm il-karità u l-imħabba, hemm jinsab Alla".** (24)

Kristu stess indika l-imħabba bħala sinjal tal-kommunità li ġġib l-isem tiegħu. **"F' dan kulħadd jagħraf li intom dixxipli tiegħi, jekk ikollkom imħabba għal xulxin".** (25)

L-insara ta' l-ewwel żminijiet ħadu bis-serjetà din id-direttiva ta' l-Imgħallem Divin, għaliex **"il-kotra tal-fidili kienu qalb waħda u ruħ waħda".** (26).

L-APPOSTLU MISSIERNA li jiddeskrivi l-kwalitajiet li bihom għandha tkun imżejna l-karità jgħidilna:-

"L-IMĦABBA : tieħu kollox bis-sabar
L-IMĦABBA : hi twajba, ma tgħirx;
L-IMĦABBA : ma tiftaħarx, ma titkabbarx.
ma tagħmilx dak li ma jixraqx
ma tfittixx dak li jaqblilha
ma teħux għaliha
ma żżommx f'qalbha għad-deni
ma tifraħx bid-dnewwa
imma tifraħ bis-Sewwa.
KOLLOX tagħder
KOLLOX temmen
KOLLOX tittama
KOLLOX tissaporti". (27).

- **L-Għemejjel tal-Ħniena**

L-imħabba kommunitarja m'għandhiex tkun biss esperjenza spiritwali, imma l-imseħbin jeħtieġ li jinteressaw ruħhom ukoll fil-ferħ u fin-niket ta' sħabhom.

Kif l-insara ta' Ġerusalemm kienu joffru l-ġid tagħhom biex "jitqassam lil kull wieħed skond ma kull wieħed kien jeħtieġ" (28) u kif l-Appostli minn żmien għal żmien kienu jorganizzaw ġabriet sabiex igħinu lill-aħwa fil-bżonn, (29) hekk ukoll il-kommunitajiet insara matul il-kors tas-sekli, fehmu l-ħtieġa ta' għemejjel ta' ħniena lejn il-proxxmu tagħhom u fi żminijiet iktar qrib lejna bdew u mexxew 'l quddiem l-opri tal-assistenza.

Anzi nistgħu ngħidu li din it-turija ta' mħabba nisranija, hija konsegwenza loġika tas-sens kommunitarju, u fejn ma teżistix jew hija nieqsa, dan ikun ifisser li l-anqas teżisti hemmhekk kommunità verament nisranija.

(B) DAK LI JFIXKEL IL-KOMMUNITA'

Ma nistgħux niċħdu li għad hemm ħafna tfixkil x'jiġi mirbuħ, qabel ma jkun jista' jintlaħaq dan l-ideal ta' kommunità li fiha jsaltnu l-karità u l-unità kif ried Kristu.

(1) Nuqqas ta' ħbiberija spiritwali

L-ewwelnett ftit jista' jkun hemm karità u għajnuna reċiproka, fejn

* l-insara ma jiltaqgħux regolarment
* iħossuhom barranin wieħed għall-ieħor
* u jkun qishom anonimi f'massa kbira ta' nies.

Huwa dmir għalhekk tal-membri tal-kommunità nisranija li jagħmlu dak kollu li

huwa possibbli biex ikunu jafu lil xulxin u sabiex tinħoloq fosthom ħbiberija spiritwali la darba:

* huma jiffurmaw familja waħda
* ilkoll ulied il-Missier Alla
* u membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

(2) **Rabta żejda mal-opinjoni persunali**

Jonqos ukoll l-ispirtu kommunitarju, meta' xi wħud fost il-membri huma marbutin iżżejjed ma' l-opinjoni personali tagħhom u mal-metodi li huma jippreferixxu.

Meħtieġa għalhekk doża qawwija tal-umiltà sabiex kull wieħed mill-ġemgħa jagħraf it-tajjeb ta' l-oħrajn u jirrispetta l-kariżmi li jista' jkollhom. "Hemm tqassim ta' ħidmiet, imma hu l-istess Alla li jaħdem kollox f'kulħadd. Lil kull wieħed mogħtija l-manifestazzjoni ta' l-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd". (30)

Il-kommunità kollha għalhekk għandha tilqa' bil-ferħ u b'rikonoxxenza l-kwalitajiet tajba ta' kull wieħed mill-membri tagħha.

(3) **Tilwim u firdiet**

Hemm bżonn li jiġu megħluba wkoll ittilwim u l-firdiet li jistgħu jinħolqu minn żmien għall-ieħor, u li ħtija tagħhom tintilef fix-xejn tant enerġija prezzjuża li tista' tkun użata għal skopijiet iktar qaddisa.

Dawn il-firdiet barra milli jagħmlu għajb lill-kommunità li fiha jitnisslu, iheddu wkoll

minn ġewwa l-għaqda u s-saħħa tagħha; għax kif qalilna Kristu **"Kull saltna mifruda kontriha nfisha titnikket, u kull belt jew dar mifruda kontriha nfisha, taqa' ".** (31)

Il-membri tal-kommunità nisranija għandhom jagħtu widen għat-twiddiba tal-Appostlu Missierna: **"Nitlobkom ħuti, f'ġieħ l-isem ta' Sidna Ġesù Kristu, li titkellmu lkoll xorta waħda, u ma jkun hemm l-ebda firda bejnietkom; kunu dejjem magħqudin għalenija, fehma waħda u ħsieb wieħed".** (32)

Imma dan jista' jseħħ biss jekk ikun hemm rieda tajba u intenzjoni retta li tfittex dejjem u qabel kollox dak li jogħġob lil Alla.

(4) **L-Egoiżmu**

L-ikbar ostaklu però għall-ħajja xierqa tal-kommunità nisranija huwa bla dubju ta' xejn l-egoiżmu, anke meta dana

— jistaħba taħt xi **maskra spiritwali**

— jew jieħu sura ta' **egoiżmu kollettiv.**

Ħadd ma jista' jgħid: "Naħdem għassalvazzjoni tiegħi biss...Ma jimpurtanix millloħrajn", għaliex dan ikun nuqqas ta' karità li joffendi lil Alla.

L-anqas ma jista' n-nisrani jillimita l-karità tiegħu

— għal min jiġi minnu biss

— għan-nies ta' l-istess opinjoni

jew ta' l-istess kategorija
jew kundizzjoni soċjali tiegħu.
u jeskludi lill-oħrajn.

Atteġġjament bħal dan, iwassal ħafna drabi għad-disprezz u għall-mibegħda ta' xi sezzjoni oħra, ħaġa għal kollox kuntrarja għall-ispirtu nisrani.

Il-Kommunità Nisranija għalhekk għandha tħoss il-ħtieġa li tiġġedded kontinwament, sabiex fid-dawl tal-Vanġelu Mqaddes u bl-għajnuna tal-Mulej, kif ukoll bil-kollaborazzjoni ta' l-imsieħbin tagħha kollha, bla heda

1) tikber fi-imħabba u l-qima lejn Kristu

2) fil-waqt li tissaħħaħ fit-twemmin veru u fil-karità fraterna.

II PARTI

L-ASPETT ESTERN TAL-KOMMUNITA' NISRANIJA

Ir-Relazzjoni mal-Knisja Universali

Il-Kommunità Nisranija ma tistax tgħix magħluqa fiha nfisha u mifruda għal kollox mill-kommunitajiet l-oħra.

Jekk jiġrilha dan mhux biss taqa' f'iżolament perikoluż, imma titlef ukoll id-dinamiżmu u l-ħeġġa li Kristu jrid minnha.

Fil-waqt li l-koperazzjoni bejn diversi kommunitajiet tisfa ta' inkoraġġiment reċiproku u ta' edifikazzjoni għal xulxin.

Relazzjoni ma' Kommunitajiet oħra

L-ewwelnett, il-Kommunità Nisranija għandha tipprova toħloq u żżomm relazzjonijiet tajba ma' kommunitajiet oħra qrib tagħha sewwa jekk ikunu ikbar, kif ukoll jekk ikunu ndaqs jew iżgħar minnha.

Il-Familja

Hekk il-familja, li hi l-iżgħar kommunità nisranija għandha tfittex il-kollaborazzjoni ta' familji oħra tajbin. Għandha tapprezza wkoll il-ħidma tal-kommunità parrokkjali fejn il-membri tal-familja, jisimgħu l-kelma t'Alla u jersqu għas-Sagramenti Mqaddsa.

Il-Parroċċa

Il-parroċċa, min-naħa tagħha, għandha tifhem il-ħtieġa ta' familji eżemplari u taħdem biex issaħħaħ il-ħajja reliġjuża tagħhom.

Jeħtieġ li l-parroċċa tagħraf l-importanza ta' l-Għaqdiet Kattoliċi u tinqeda bihom għal diversi ħidmiet ta' l-Appostolat.

Għandu jkun hemm ftehim u relazzjonijiet tajbin bejn il-parroċċa u l-gruppi ta' nsara mpenjati ħalli jittrasformaw għall-aħjar l-ambjent tagħhom u li jaqsmu fiimkien l-esperjenza ta' assemblea fraterna.

Il-Kommunitajiet Parrokkjali

Il-kommunitajiet parrokkjali, imbagħad, għandhom ikunu ta' għajnuna għal xulxin, bl-eżempju tajjeb li jagħtu u billi jkunu disponibbli għal kull servizz reliġjuż li jintalab minnhom.

Dan li qegħdin ngħidu, igħodd speċjalment fil-każ ta' ħaddiema jew studenti, li ta' sikwit jeħtiġilhom jivvjaġġjaw minn djarhom għall-post tax-xogħol, jew għall-iskola, li jistgħu jkunu f'lokalitajiet differenti. Dan il-fenomenu, kull ma jmur, qed jieħu importanza dejjem ikbar.

Kif josserva kittieb modern:

> "Fil-Knisja tal-ġejjieni, il-frontieri parrokkjali, djoċesani u anke nazzjonali jkunu ta' għamla relattiva u flessibbli ħafna.
>
> Però din l-apertura ma ssirx fi klima ta' massa anonima, imma tibda minn kommunitajiet awtentiċi, mibnija fuq għaqda familjari u umana.
>
> In-nisrani ta' għada jħoss fl-istess ħin il-ħtieġa urġenti li jkun midħla ma' dawk li magħhom igħix, jaħdem u jiddeverti, fi klima ta' mħabba personali, li fiha jagħraf li huwa persuna u mhux ħaġa jew numru.
>
> L-istruttura tal-bażi tal-Knisja ma tkunx kommunità ta' nsara, bħall-parti l-kbira tal-parroċċi attwali, li fihom diffiċli li n-nies ikunu jafu lil xulxin b' isimhom, imma kommunità familjari u umana u għalhekk neċessarjament żgħira, li fiha kulħadd iħossu protagonista u attiv b'missjoni unika u irrepetibbli fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu". (33)

Għaqda ma' l-Isqof

Il-Kommunitajiet Insara għandhom jibqgħu dejjem f'unjoni ta' talb u ta' ubbidjenza maċ-ċentru tal-Knisja lokali li huwa l-Isqof, sinjal ta' l-unità u raġħaj spiritwali li jirrappreżenta lil Kristu.

Il-Konċilju jgħallimna li **"l-insara għandhom jingħaqdu ma' l-Isqof, bħal ma l-Knisja hija magħquda ma' Kristu u bħalma Ġesù Kristu hu mal-Missier, sabiex kollox iwassal għall-unità u jisfa ta' glorja lil Alla".** (34)

Kull meta tinkiser din l-unità ma' l-Isqof, il-Knisja ta' Kristu ssofri għaliex titlef mill-kredibilità tagħha. (35)

Għaqda mal-Papa

Il-kattoliċi kollha għandhom iħossu li huma jappartienu għall-Knisja Universali li għandha bħala Kap u Mexxej tagħha, il-Papa u bħala membri, nies ta' kull ġens u ta' kull pajjiż.

Ir-Reliġjon Kattolika, fil-waqt li tagħti post ta' ġieħ lill-personalità ta' kull nisrani u

lil kull waħda mill-kommunitajiet li jiffor-maw il-Poplu t'Alla, imma jibqagħlha dejjem bħala għan ewlieni tagħha li jkun hemm **"merħla waħda taħt ragħaj wieħed".** (36)

Għalhekk, l-Appostlu Missierna jinsisti:

"biex iżommu qalb waħda bir-rabta tas-sliem,

ġisem wieħed u qalb waħda, bħalma kontu msejħin f'tama waħda tas-sejħa tagħkom;

* **MULEJ WIEĦED,**
* **FIDI WAĦDA,**
* **MAGĦMUDIJA WAĦDA,**
* **ALLA WIEĦED u Missier ta' kul-ħadd".** (37)

Il-Konċilju jtenni din l-istedina meta jgħidilna li Ġesù Kristu jrid **"iwassal lill-is-tess poplu tiegħu għall-għaqda sħiħa fl-ist-qarrija ta' Fidi waħda, fiċ-ċelebrazzjoni ko-muni tal-qima t'Alla kif ukoll fl-armonija fraterna tal-familja t'Alla".** (38)

Fi djalogu mad-dinja

Il-Kommunità Nisranija barra milli żżomm relazzjonijiet ma' kommunitajiet oħra bħalha u maċ-ċentri ta' l-unità kattolika, għandu jkollha wkoll djalogu mad-dinja li fi-ha tgħix.

Għaliex għandha messaġġ importanti x' tagħtiha, il-**messaġġ tal-Vanġelu** li hemm

bżonn li jitwassal kullimkien permezz tal-kel-ma u tat-testimonjanza jew xhieda ta' ħajja tajba li jagħtu l-insara.

Dan il-kuntatt mal-bnedmin l-oħra hu-wa meħtieġ sabiex il-Kommunità Nisranija tifhem il-mentalità tagħhom u tagħraf ix-xewqat u l-inkwiet tagħhom; hekk tkun f' qagħda aħjar biex tista' toffrilhom it-tezori tal-verità u tal-grazzja li hija tgawdi fil-waqt li tistedinhom sabiex jitħajru jieħdu sehem fil-Fidwa divina.

Il-Kommunità Nisranija għalhekk għan-dha żżomm dejjem quddiem għajnejha l-kel-miet ta' Kristu: **"Għax Alla ma bagħatx 'l Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja tkun salvata bih."** (39)

Kif igħallimna l-Papa Pawlu VI, dan id-djalogu mad-dinja jħalli lill-bnedmin fil-li-bertà sħiħa jekk jaċċettawx jew le l-messaġġ li l-Kommunità Nisranija għandha x'toffril-hom.

Hija stedina da parti tal-Kommunità ek-klezjali, li tirrispetta l-personalità u l-jeddi-jiet ta' kull bniedem ieħor.

"Il-missjoni tagħna, għad li tħabbar verità ċerta u salvazzjoni żgura, ma tuża l-ebda metodu ta' vjolenza, anzi għall-kuntrarju, timxi skond kif jimxu l-bnedmin tajba, bil-persważjoni nter-na u bħala taħdita bejn ħafna; u tagħ-

ti r-rigal tas-salvazzjoni fil-waqt li tħalli l-libertà ta' kull wieħed, kemm personali, kemm ċivili". (40)

Biex id-Djalogu jirnexxi

Fost il-kundizzjonijiet meħtieġa biex dan id-djalogu jista' jirnexxi, tiġi dik li l-Kommunità Nisranija tkun taf tisma' l-leħen ta' ħaddieħor.

Fid-dinja tal-lum, hawn ħafna diskors dwar:

1) ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM.
2) ID-DINJITA' UGWALI TA' KULL PERSUNA.
3) IR-RISPETT TAL-KUXJENZA PERSONALI.
4) L-ESIĠENZI TAL-LIBERTA' U TAL-ĠUSTIZZJA.
5) U L-LIBERAZZJONI MINN KULL GĦAMLA TA' OPPRESSJONI u SFRUTTAMENT.

Il-Kommunità Nisranija ma tistax tagħlaq widnejha u tħalli sejrin mar-riħ dawn issejħat, u l-anqas ma tista' tgħatti għajnejha u ma tarax is-sinjali taż-żminijiet.

Għall-kuntrarju, huwa dmir tagħha li tuża d-dixxerniment spiritwali, u mmexxija mill-Ispirtu Santu, tgħarbel kollox fid-dawl tal-fidi sabiex fejn tagħraf biċ-ċar il-pjan ta' Alla, tieħu l-passi meħtieġa ħalli twettqu fl-

ambjent tagħha u bil-mezzi li jkollha.

Il-Kommunità Nisranija ma tistax tibqa' insensibbli quddiem il-problemi serji li jheddu s-soċjetà tal-bnedmin. L-ebda kattoliku, li jistqarr sinċerament fidi fi Kristu u fit-tagħlim tiegħu, ma jista' joqgħod b'kuxjenza trankwilla, meta jilmah madwaru tant **miżerja morali u materjali.**

Problemi tad-dinja tal-lum

Hija xena ta' swied il-qalb li toffrilna ddinja tal-lum:

1) **Nies li jistagħnew** billi jisfruttaw lill-proxxmu tagħhom.
2) **Il-Vizzju organizzat** bħallikieku kien xi industrija.
3) **Films immorali** li jispeċjalizzaw fissengħa tar-reklamar ta' l-istinti baxxi u tad-devjazzjonijiet tal-komportament uman.
4) **L-Użu tad-Drogi** fil-moħbi u xi drabi anke fil-beraħ.
5) **Il-pjaga tad-dagħa** u ta' kliem faħxi.
6) **Il-kriminalità** li kull ma jmur qegħda tikber.
7) **L-għajb tax-xebbiet ittraduti.**
8) **L-Infelicità u l-infedeltà fiż-żwieġ.**
9) **In-niket u d-dmugħ** ta' ommijiet u tfal imċaħħdin mill-kenn tal-familja.
10) **L-inkwiet** u l-pre-okkupazzjonijiet ta'

ħafna ġenituri dwar il-ġejjieni morali ta' wliedhom.

11) **It-tbatija u l-umiljazzjonijiet tal-ħaddiema.**

12) **Il-qtil tal-kreaturi innoċenti** bla ebda rispett għall-ħajja, kif jiġri fil-każijiet ta' l-abort.

13) **Id-disprezz ta' l-anzjani u tal-morda.**

14) **Il-preferenza għall-metodi vjolenti** mingħajr ebda konsiderazzjoni ta' l-etika nisranija.

Is-soċjetà qed jiġrilha dan kollu għax warrbet fil-ġenb lil Kristu u t-tagħlim tiegħu u iktar ma titbiegħed minnHu iktar tkompli togħdos f'din l-għadira ta' ħama, korruzzjoni u ta' qerq.

✠ Kristu: is-soluzzjoni għall-problemi taddinja

Aħna ma narawx soluzzjoni oħra għallgwaj tad-dinja ħlief dik li terġa' **tiskopri lil Kristu,** li fuq it-tagħlim tiegħu tibni l-istituzzjonijiet tagħha, u li toħloq relazzjonijiet ġodda bejn bniedem u ieħor, imfasslin skond ilpjan t'Alla, l-Imbierek.

Dan hu l-proċess ta' liberazzjoni, li l-Kommunità Nisranija għandha tissieħeb fih bil-ħila tagħha kollha.

Kull meta jsiru studji u dibattiti biex jiġu diskussi l-problemi tas-soċjetà tal-lum, ilmembri tal-Kommunità Nisranija għandhom

jieħdu parti attiva u jipproponu soluzzjonijiet u proġetti ta' riforma skond kif titlob il-moralità nisranija u l-karità evanġelika.

Bl-istess ħeġġa huma għandhom jagħtu l-kollaborazzjoni leali tagħhom għat-twettiq ta' proġetti ta din ix-xorta.

ID-DOKUMENT TAS-SINODU TA' L-ISQFIJIET FIL-1974 igħidilna li l-Kommunità ekkleżjali

> **"tista' ssib fil-Vanġelu stess, l-argumenti l-iktar profondi u l-impulsi dejjem ġodda biex tkun iktar dedikata għas-servizz tal-bnedmin kollha speċjalment tal-fqar, ta' l-iktar debboli, ta' l-oppressi u biex tneħħi l-konsegwenzi soċjali tad-dnub".**

L-Istess Dokument igħidilna li din ilħidma għalenija u bla tnikkir

> "twassal għal-libertà fl-għamliet kollha tagħha, libertà mid-dnub, libertà millegoiżmu individwali u kollettiv u twassal ukoll għall-kommunjoni vera ma' Alla u mal-bnedmin bħala aħwa.
>
> B'dan il-mod, il-Knisja bil-metodu evanġeliku tagħha, tippromovi l-liberazzjoni vera u kompleta tal-bnedmin, gruppi u popli kollha". (41)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

F'dan iż-żmien ta' wara l-Konċilju, u par-

tikularment f'din is-Sena Mqaddsa:

1) **AĦNA NIXTIEQU U NITOLBU** bil-ħerqa għall-konverżjoni u għat-tiġdid spiritwali mhux biss ta' l-individwi, iżda anke tal-kollettività.

2) **IR-RINNOVAMENT TAL-KOMMUNITA' NISRANIJA.** F'dan il-kontest, ipproponejna f'din l-Ittra Pastorali tagħna, **ir-Rinnovament tal-KOMMUNITA' Nisranija** fid-diversi livelli tagħha, jiġifieri sewwa jekk din tkun tikkonsisti

— f'familja ta' ftit membri
— kif ukoll jekk tkun grupp
— għaqda reliġjuża
— parroċċa
— djoċesi
— jew kommunità nazzjonali.

3) **J'ALLA JKOLLNA PLURALITA' TA' ĦIDMIET,** inizjattivi, u strutturi, basta jkunu animati kontinwament b'sentimenti ta'

— fidi sħiħa fi Kristu
— ta' karità fraterna sinċiera
— u ta' unjoni awtentika.

4) **AĦNA NITTAMAW LI L-ISPIRTU S-SANTU ALLA** li jmexxi l-Knisja u jissantifika l-erwieħ, jagħti l-għajnuna kollha meħtieġa biex jitwettaq it-tiġdid u l-qawmien spiritwali li nistennew fil-kommunitajiet tagħna.

8 ta' Frar 1975.

RIFERENZI:

(1) Cfr. Atti tal-Appostli I. 4.
(2) Atti I. 14.
(3) Atti 2. 14-36.
(4) Atti 9. 10; 9. 32; 9. 38.
(5) Matt. 13. 32.
(6) Lumen Gentium n. 9.
(7) Rene Laurentin "Has Our Faith Changed?" page 77.
(8) Efes. 2. 20-22.
(9) Ġw. 1. 26.
(10) Enċiklika "Mystici Corporis" AAS 1943 paġ. 239.
(11) Matt. 18. 20.
(12) Gal. 3. 28.
(13) Kol. 2. 6, 7.
(14) Unitatis Redintegratio n. 22.
(15) Rene Laurentin op. cit. pag. 76.
(16) I Pietru 2. 9.
(17) Atti 2. 42, 47.
(18) Rom. 12. 1.
(19) Lumen Gentium n. 7.
(20) I Kor. 10. 17.
(21) Isaija 29. 13.
(22) I Kor. 11. 27-28.
(23) Ġw. 4. 24.
(24) Mil-Liturġija ta' Ħamis ix-Xirka.
(25) Ġw. 13. 35.
(26) Atti 4. 32.

(27) I Kor. 13. 4-7.

(28) Atti 4. 35.

(29) Rom. 12. 13; Gal. 6. 6; II Kor. 8. 4; Lhud 13. 16

(30) I. Kor. 12. 7-8.

(31) Matt. 12-25.

(32) I. Kor. 1. 10.

(33) A. Hortelano "La Chiesa del Futuro" pag. 20.

(34) Lumen Gentium n. 27.

(35) Cfr. Mario Allario "Pastorale del lavoro e Chiesa Locale" pag. 132.

(36) Ġw. 10. 16.

(37) Efes. 4. 3.6.

(38) Unitatis Redintegratio n. 2.

(39) Ġw. 3. 17.

(40) Enċiklika "Ecclesiam Suam" n. 78.

(41) Dokument tas-Sinodu tal-Isqfijiet, 1974. (n. 12)

3. L-IMĦABBA TA' KRISTU

Minn mindu l-Iben t'Alla sar bniedem bħalna, dejjem kien hemm bnedmin li ħabbewh u tawh il-qima tagħhom. Dan ġara mhux biss meta Ġesù kien għadu fid-dinja, imma anke wara t-tlugħ tiegħu fis-sema.

L-Appostlu Missierna San Pawl, li kien huwa nnifsu mimli bl-entużjażmu u bl-imħabba lejn il-Persuna ta' Kristu, jistieden lil dawk ta' Efesu sabiex jikbru fil-għerf profond tal-karità ta' Ġesù Kristu lejn il-bnedmin: **"Biex igħammar Kristu f'qalbkom, bil-fidi u bil-għeruq u l-pedament ta' ħajjitkom fl-imħabba, biex tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, "il-wisa', it-tul, il-għoli, l-għamiq tal-imħabba ta' Kristu u tagħrfu kemm tgħaddi din l-imħabba 'l kull għerf, biex tid-**

ħlu bil-milja tagħkom fil-milja kollha ta' Alla." (1)

I PARTI

- **Il-Messaġġ ta' l-Imħabba ta' Kristu:**

L-insara ta' kull żmien ftit jew wisq, dejjem stqarrew il-ħtieġa li jagħrfu l-imħabba ta' Kristu lejhom u li juruh rikonoxxenza. Però, Huwa ried jimmanifesta ruħu lill-bnedmin b'mod ġdid sabiex iqanqal fihom ix-xewqa li jħobbuh dejjem iżjed.

Dan għamlu f'Paray-le-Monial, madwar tliet mitt sena ilu, meta deher lil Santa Margerita Marija Alacoque u afdalha l-messaġġ tal-imħabba divina tiegħu sabiex hija twasslu lill-insara l-oħra.

Dan il-messaġġ fil-qofol tiegħu jtenni dak li dejjem għallmet il-Knisja dwar l-imħabba t'Alla li trid issalvana, imħabba murija b'mod partikolari fil-misteru tal-inkarnazzjoni; imma dan il-messaġġ fih ukoll aspetti ġodda li huma adattati ħafna għall-ħtiġijiet spiritwali ta' żminijietna.

- **Imħabba kollha ħniena**

Kif igħallimna l-Papa Piju XII fl-enċiklika "Haurietis aquas" (2)

> "Ir-rivelazzjonijiet li ġew mogħtija lil Santa Margerita Marija ma żiedu ebda verità ġdida mad-duttrina kattolika.

Iżda huma mportanti għaliex fihom Sidna Ġesù Kristu, filwaqt li wera l-Qalb Imqaddsa Tiegħu, għoġbu b'mod straordinarju u singulari, jiġbed l-erwieħ tal-bnedmin biex jikkontemplaw u jqimu l-imħabba kollha ħniena li għandu Alla lejn l-umanità.

Infatti, permezz ta' din id-dehra eċċezzjonali, Ġesù Kristu, b'mod ċar u iktar minn darba, indikalna l-Qalb Tiegħu bħala simbolu li għandu jqanqal il-bnedmin biex jagħrfu u japprezzaw l-imħabba tiegħu u fl-istess waqt, Kristu ried li Qalbu tkun bħala **sinjal u garanzija ta' ħniena u grazzja** għall-ħtiġijiet spiritwali tal-Knisja fiż-żminijiet moderni".

- **Qabel u Wara d-Dehriet:**

Sa ċertu żmien il-kult tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù donnu kien riservat għal xi erwieħ kontemplativi; kien bħal **ġnien magħluq** u riservat għal bnedmin ta' qdusija għolja bħal ma kienu San Bernard, Santa Ġertrude, Santa Katarina minn Siena, magħrufin għallmistika tagħhom.

Wara d-dehriet lil Santa Margerita Marija Alacoque, inbidel f'daqqa waħda fi **ġnien pubbliku,** miftuħ għall-insara kollha, għaliex kulħadd huwa mistieden biex jidħol f'dan il-post ta' kenn u jersaq lejn il-għajn tal-ħniena u tal-grazzja li hija l-Qalb ta' Kristu. (3)

Fl-istess ħin, id-devozzjoni lejn il-Qalb

Imqaddsa

1) ma baqgħetx biss bħala **adorazzjoni u kontemplazzjoni** kollha imħabba lejn dik il-Qalb li tant ħabbet lill-bnedmin,

2) imma skond il-messaġġ mogħti lil din il-Qaddisa u skond it-tagħlim tagħha, bdiet tikkonsisti wkoll f'**riparazzjoni** u **titjib** tal-ħajja spiritwali tagħna.

● **Ix-xewqa tat-Tpattija**

Meta Kristu rrivela l-Qalb tiegħu, f'Paray-le-Monial,

— **Huwa ried u talab** li l-bnedmin ikunu ispirati mix-xewqa li ħajjithom tkun bħala tpattija, kulħadd skond il-grad ta' dawl u grazzja li jkollu.

— **Kristu ried** ukoll li jqanqal fihom imħabba ġeneruża, li jkollha bħala xempju tagħha l-istess imħabba tiegħu.

Mill-fond ta qalbu, Hu tkellem mal-bnedmin u appella għall-qalb tagħhom, għalhekk mhux kuntent bi tweġiba tal-fomm jew tal-atteġġjament estern tagħhom, imma jrid tweġiba li ġejja mill-fond tar-ruħ tagħhom.

1) IX-XEWQA TAT-TPATTIJA.
2) L-IMĦABBA ĠENERUŻA.
3) IL-ĦAJJA SAFJA U TABILĦAQQ NISRANIJA

— huma r-risposta li jrid Kristu mingħand il-bnedmin lesti li jikkorrispondu ma' l-imħabba Tiegħu.

II PARTI

● **Xi Tfisser il-Qalb ta' Kristu:**

Il-Qalb ta' Kristu li lilha tingħata qima, hija, qabel xejn, dik il-parti tal-ġisem fiżiku ta' Kristu li ħabbtet fil-ferħ u fin-niket tiegħu, meta kien igħix fuq din l-art, qalb ta' bniedem li jaf jagħder u jħenn imma magħquda ħaġa waħda mal-Persuna Divina tal-Verb Etern li għall-fidwa tagħna libes in-natura umana.

Hija wkoll is-simbolu tal-ħajja nterjuri ta' Ġesù Kristu:- tal-ħsibijiet — xewqat — deċiżjonijiet — emozzjonijiet — u sentimenti tiegħu.

Imma la darba l-imħabba hija l-aqwa waħda fost l-emozzjonijiet umani, il-Qalb ta' Kristu tirrappreżenta fuq kollox l-imħabba tiegħu li biha ddedika ħajtu għall-glorja tal-Missier Alla li bagħtu fid-dinja u għas-saħħa spiritwali ta' kull wieħed mill-bnedmin, imħabba ħafna drabi **minsija** u **ddisprezzata.**

● **Il-Qalb ta' Ġesù u l-Vanġelu:**

Ma nistgħux nifformaw ideja tal-imħabba tal-Qalb ta' Kristu u tal-esperjenza interna tar-ruħ imqaddsa tiegħu, jekk ma nżom-

mux quddiem għajnejna t-tifkiriet tal-Vanġelu Mqaddes bil-ġrajjiet li jirrakkontalna dwar Kristu u bil-kliem li ħareġ mill-fomm Tiegħu, xhieda ta' dak li kien iħoss u jġarrab internament.

Però, fid-dawl tar-Rivelazzjoni tar-Rabta l-Ġdida, il-Qalb ta' Kristu tidher quddiemna bħala **ktieb miftuħ** li fih nistgħu naqraw u nikkontemplaw mhux biss is-sentimenti tiegħu bħala bniedem, imma wkoll il-misteri talħajja tiegħu bħala Alla; hekk li t-tifkira tiegħu tibqa' dejjem ċara quddiemna.

Minn dak li skond ir-rakkont Evanġeliku qal u għamel Ġesù, aħna nintebħu x'kien hemm fil-Qalb tiegħu u b'liema mħabba kienet imfawwra.

Igħidilna għalhekk San Girgor Papa (4)

"Fil-kelmiet ta' Alla, ilmah il-Qalb ta' Alla, sabiex thoss iktar qawwija l-ġibda għall-ġid ta' dejjem."

Fil-Qalb ta' Kristu, jekk nistudjawha kif semmejna, insibu wkoll il-mudell kif għandha tkun l-imħabba u kif għandna nużaw issetgħat tar-ruħ tagħna biex ħajjitna tkun togħġob lil Alla.

● **Il-Qima lejn il-Qalb ta' Ġesù**

Għaliex il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù,

— mhix biss xi teorija li nieqfu naħsbu fuqha għal ftit taż-żmien,

— imma hija l-prattika li għandha ttul ħajjitna kollha.

Iżjed ukoll, din il-qima

— ma tikkonsistix biss fil-kontemplazzjoni u fl-adorazzjoni tal-Iben t'Alla magħmul bniedem għall-fidwa tagħna,

— imma tikkonsisti wkoll filli aħna nitħeġġu biex inħobbuh dejjem iżjed, b' sens ta' gratitudni u ta' tpattija għallimħabba tiegħu.

Fuq l-eżempju li ħallielna Kristu, din il-qima twassalna biex ninpenjaw ruħna li nħobbu wkoll lil għajrna, b'imħabba kif iridha Alla.

Jekk il-qima lejn il-Qalb ta' Kristu, ninterpretawha b'dan il-mod, ma tkunx biss devozzjoni fost ħafna devozzjonijiet oħra, għamla ta' qima li hija addattata biss għal xi kategorija ta' nsara u għal xi epoka fl-istorja.

Imma tkun verament kif sejħilha l-Papa Piju Ħdax **"il-qofol tar-Reliġjon Nisranija"** (5), qima addattata għall-insara kollha ta' kull żmien u li sa kemm iddum wieqfa l-Knisja, jiġifieri sa l-aħħar taż-żminijiet dejjem jibqagħlha importanza kbira.

● **L-Imħabba ta' Kristu bħala Bniedem:**

Meta tiddeskrivi d-dehriet li kellha, Santa Margerita Marija Alacoque tgħidilna:

"Il-Qalb Divina kienet murija lili bħallikieku fuq tron ta' nirien, b'dik il-pjaga adorabbli fiha, imdawwra b'kuruna taxxewk, sinjal tal-uġiegħ li jikkaġunawlha dnubietna, u fuqha kien hemm salib." (6)

Din id-dehra tfakkarna minnufih f'dak li jgħallimna l-Vanġelu Mqaddes dwar il-pjaga tal-Qalb ta' Kristu: **"Wieħed mis-suldati fetaħlu l-kustat b'lanza, u fiss ħareġ minnu demm u ilma".** (7)

Jekk ma nieqfux biss fuq id-dettalji tarrakkont, imma nipprovaw nirriflettu iktar filfond, dwar dik il-Qalb ta' Kristu li ġiet minfuda, aħna nilmħu iktar mill-qrib l-umanità tiegħu u nagħrfu aħjar is-sentimenti tiegħu bħala bniedem, **"kollox bħalna barra middnub".** (8)

1) **IMĦABBA:** Dik il-Qalb kienet tħabbat bl-imħabba meta Kristu kien jagħti l-fejqan lil kull xorta ta' morda u jirxoxta l-mejtin.

2) **ĦNIENA:** Minn qalbu li ħarġet il-għajta: **"Dawn in-nies iġibuli ħniena"** (9) qabel ma wettaq il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż biex itaffi l-ġuħ tagħhom.

3) **ĦASRA:** Meta lemaħ il-belt ta' ġensu kkundannata għall-qerda ħtija tal-ostinazzjoni tal-beltin, minn qalbu ġiet iċ-ċanfira terribbli imma fl-istess ħin kollha ħasra: "Ġerusalemm, Ġerusalemm, li toqtol il-profeti u tħaġġar lil dawk li ġew lilek mibgħutin, kemmil darba ridt niġbor 'l uliedek kif il-qroqqa tiġ-

bor iż-żgħar tagħha taħt ġwenħajha, u int ma ridtx". (10)

4) **SAGRIFIĊĊJU:** B'mod partikolari, il-Qalb ta' Kristu, ħasset biża' quddiem il-mewt li kienet fil-qrib, imma għall-imħabba tagħna aċċettat is-sagrifiċċju b'deċiżjoni soda, meta fil-ġnien taż-żebbuġ, Ġesù stqarr: "Missier, jekk jista' jkun, igħaddi minni dan il-kalċi; madankollu mhux kif irrid jien, iżda kif trid int." (11)

5) **MAĦFRA:** Is-sentimenti ta' ħniena u ta' maħfra li hemm fil-Qalb ta' Kristu dehru wkoll apertament, meta minn fuq is-salib, ħafer lil dawk li salbuh u talab għalihom: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (12) kif ukoll meta wiegħed il-Ġenna lill-ħalliel it-tajjeb. (13)

Il-Qalb ta' Kristu, mela, hija xhieda talmisteru tal-Inkarnazzjoni tiegħu, u għelm ċar tan-natura umana tiegħu.

Il-ġisem li ġie mogħti għall-mewt ma kienx ħaġa apparenti, imma kien ġisem rejali b'qalb fiżika, li tabilħaqq ġarrbet it-tbatija tal-passjoni u l-mewt ħarxa tas-salib.

● **Is-Sagrifiċċju ta' Kristu, effett talimħabba:**

Il-Qalb ta' Kristu miġrugħa u żvojtata minn kull qatra demm hija s-simbolu l-iktar elokwenti tal-umiljazzjoni tiegħu, li biha kif jispjegalna l-Appostlu Missierna, Kristu xej-

jen lilu nnifsu u kisbilna l-fidwa. **"Hu li kellu natura divina ma qeshiex bħala ħaġa maħtufa li jkun daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir u sar jixbah lill-bnedmin; minn barra deher bħala bniedem; iċċekken billi sar ubbidjenti sal-mewt, sal-mewt fuq is-salib."** (14)

F'dan is-sagrifiċċju, mitmum bid-daqqa tal-lanza li nfidet il-Qalb ta' Kristu, aħna nikkontemplaw l-ubbidjenza tiegħu li wasslitu biex ipatti għad-dnubiet li jtaqqlu l-kuxjenza tagħna u għall-ispirtu ta' ribelljoni li hemm fil-qlub tal-bnedmin.

Kif igħallimna l-Appostlu Missierna: **"Bħalma bil-ħtija ta' wieħed waqgħet fuq il-bnedmin kollha l-kundanna, hekk il-ġustizzja ta' wieħed waħdu ġiebet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni li tagħti l-ħajja.**

Għax bħalma bin-nuqqas ta' ubbidjenza ta' bniedem wieħed, l-oħrajn kollha saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed, l-oħrajn kollha jsiru ġusti." (15)

● **Donazzjoni tiegħu nnifsu**

L-imħabba ta' Kristu wasslitu biex huwa jagħmel **donazzjoni tiegħu** nnifsu u tal-ħajja tiegħu: **"Ħajti ħadd ma jeħodhieli; imma jiena nagħtiha minn rajja, u għandi s-setgħa nagħtiha u għandi s-setgħa nerġa' neħodha mill-ġdid".** (16)

Kienet imħabba l-iżjed pura, mingħajr ebda skop ta' qliegħ jew interess. Bil-libertà kollha ċieda kollox għar-rieda tal-Missier Tiegħu.

Fuq il-Kalvarju twettqet fid-deher, id-dispożizzjoni li kellu meta ġie fid-dinja u li kienet dejjem prominenti fil-Qalb tiegħu matul l-umiljazzjonijiet li ġarrab mill-bidu sat-tmiem ta' ħajtu: **"Meta daħal fid-dinja, Kristu qal: "Hawn jien ġej ... biex nagħmel ja Alla, ir-rieda tiegħek." "** (17)

● **L-Imħabba ta' Kristu, Xhieda tal-Imħabba t'Alla**

Imma fil-misteru tal-fidwa

* **jekk minn naħa** l-waħda tidher l-imħabba ta' Kristu lejn il-Missier,
* **min-naħa l-oħra** tidher ukoll l-imħabba t'Alla lejna l-bnedmin li, biex jeħlisna mid-dnub, issagrifika għalina l-Iben Tiegħu.

Kristu stess jistqarr din il-verità: **"Hekk, tabilħaqq Alla, ħabb lid-dinja, li ta l-Iben tiegħu waħdieni, sabiex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.**

Għax Alla ma bagħatx l-Iben tiegħu fid-dinja biex jiġġudika d-dinja, iżda sabiex id-dinja ssalva permezz tiegħu." (18)

Kif ifissrilna l-Appostlu Missierna: **"Hu li heliskom mill-ħakma tad-dlam u daħħalkom**

fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub, li fih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet." (19)

- **Imħabba infinita u eterna**

Ġesù darba waħda qal: "Min jara lili jara wkoll lill-Missier" (20) u l-Appostlu Missierna sejjaħlu: "ix-xbiha ta' Alla li ma jidhirx". (21)

Dan ifisser li jekk nagħrfu lil Kristu, naslu aħjar biex nagħrfu lil Alla, u mill-imħabba li hemm fil-Qalb ta' Kristu, nistgħu niffurmaw xi ħjiel dwar l-imħabba eterna u nfinita t'Alla.

Fil-Qalb minfuda ta' Kristu li ma żammet xejn għaliha, imma tat kollox għalina, aħna għandna xbieha

1) ta' l-imħabba bla qies
2) imħabba eterna
3) imħabba ġeneruża
   tat-Trinità Mqaddsa, li lilha nafu l-eżistenza tagħna u s-sejħa biex insiru wlied adottivi t'Alla permezz tal-grazzja.

Għalhekk mill-messaġġ tal-Qalb ta' Kristu nistgħu nisiltu wkoll din it-tagħlima:

1) ALLA HUWA MĦABBA NFINITA,
2) IMĦABBA FIH INNIFSU,
3) IMĦABBA FIR-RELAZZJONIJIET TIEGĦU MAGĦNA.

** "ALLA HUWA KARITA' ". (22)

- **L-Imħabba ta' Kristu u l-Misteru tal-Knisja:**

Rifless ta' din il-karità divina jinsab fil-Knisja, li hija kommunità ta' mħabba, misteru sublimi ieħor li huwa marbut mill-qrib mal-Qalb ta' Kristu.

Is-Santi Padri mill-kontemplazzjoni tagħhom fuq il-Kotba Mqaddsa, waslu għal konklużjoni li hemm żewġ aspetti ta' din irrelazzjoni bejn il-KNISJA U L-QALB TA' KRISTU:-

1) l-aspett tat-twelid.
2) l-aspett taż-żwieġ.

Kif EVA
* ġiet imsawra mill-kustat ta' Adam,
* ġiet mogħtija lilu bħala sieħba tiegħu
* u saret omm il-bnedmin kollha,

Hekk il-KNISJA
* twieldet mill-Qalb ta' Kristu,
* biex tkun għarusa tiegħu
* u msieħba miegħu tagħti l-ħajja spiritwali lill-bnedmin.

Kif igħallimna l-Konċilju Vatikan II: "Kien minn ġenb Kristu mejjet fuq is-salib, li ħareġ is-sagrament tal-għaġeb tal-Knisja kollha." (24)

Dak li ġara f'Paray-le-Monial, nistgħu ninterpretawh qisu Kristu ta l-Qalb Tiegħu lill-Knisja, sabiex minn għandha jirċievi l-

qlub tal-bnedmin, mifdija u salvati.

● **Is-Sagramenti: Rigal ta' Mħabba**

Fid-dawl tat-Teoloġija tal-Qalb Imqaddsa, tidher iktar ċara wkoll il-verità tas-sagramenti bħala rigal u prova oħra tal-imħabba tiegħu. (25)

Għaliex jekk is-Sagramenti nikkonsidrawhom kif inhuma tabilħaqq, bħala:-

1) sinjali tal-preżenza ta' Kristu fostna
2) l-effetti tar-redenzjoni
3) u l-għejjun li minnhom tiġina l-grazzja li Huwa akkwistalna bis-sagrifiċċju tas-salib

m'hemmx dubju li dan kollu ġie mogħti lilna bħala konsegwenza tal-imħabba li fil-Qalb ta' Kristu tħeġġeġ għalina.

Minn qalb Kristu li ħarġet dik l-espressjoni: "Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja u l-ħajja bil-kotra" (26) u din il-ħajja soprannaturali tiġi msawba fuqna, fi ħdan il-Knisja, permezz tas-Sagramenti.

Kif josserva kittieb modern (27)

"Id-dommi l-kbar tar-Reliġjon tagħna li fuqhom għandha tkun mibnija l-ħajja nisranija, għandhom il-Qalb ta' Kristu bħala ċentru li minnu jitilqu u lejh iwasslu".

L-imħabba ta' Kristu, għalhekk hi għalina bħala dawl li bih nistgħu nikkontemplaw lil Alla, noqorbu iktar lejh u bil-mod il-mod, niskopru l-profondità tal-misteri tal-ħajja tiegħu.

III PARTI

● **Il-Ġenerożità ta' Kristu u l-Egoiżmu Tagħna:**

Il-bniedem modern ħela ħafna enerġija sabiex ikollu moħħu mdawwal, jakkwista tagħrif xjentifiku u joħloq madwaru l-kumditajiet kollha.

Però ħafna drabi ġiet ittraskurata l-formazzjoni tal-qalb u l-bniedem tilef il-paċi għaliex ma jafx iġarrab il-vera mħabba.

Fil-qalb ta' ħafna bnedmin hemm vojt li ma jistax jintela bl-imħabbiet fiergħa ta' din id-dinja.

Kristu biss jista' jagħti l-paċi tal-qalb billi jimla l-vojt li hemm fiha, u fl-imħabba tiegħu jinsab ir-rimedju għal mard spiritwali li qed jifni l-umanità.

L-EWWEL MARDA: L-EGOIŻMU

L-ewwel marda spiritwali u l-għerq ta' kull diżordni ieħor huwa l-**EGOIŻMU**. Din hija l-imħabba żejda tagħna nfusna

— li ma tħalliniex naraw ċar u b'mod oġġettiv;

— iżda ġġegħlna naħsbu li f'kollox għandna raġun aħna;

— tnissina d-drittijiet tal-oħrajn u d-dmirijiet tagħna lejhom;

— u tmexxina biex f'kull ma nagħmlu nfittxu dejjem dak li jogħġob u jaqbel lilna.

L-Egoista

1) jżomm lilu nnifsu bħala ċentru waħdieni tal-ħsibijiet, xewqat u interessi tiegħu,

2) jagħlaq qalbu għas-sentimenti ta' rispett u ta' ħniena lejn l-oħrajn;

3) u mhux lest li jagħmel ebda sagrifiċċju biex jara hieni lil ħaddieħor.

Id-dinja hija mimlija b'dawn in-nies ta' qalb iebsa li donnhom ma jarawx in-niket u tbatija tal-bnedmin ħuthom.

● **L-Imħabba ġeneruża ta' Kristu**

Kemm huwa għal kollox differenti dan l-atteġġjament minn dak ta' Kristu. L-imħabba tiegħu kienet safja minn kull dell ta' egoiżmu. "Għax Kristu ma fittixx li jogħġob lilu nnifsu". (28)

Huwa la kellu dar, la flus u l-anqas għana. Huwa ġarrab l-abbandun tad-dixxipli tiegħu, iċ-ċaħda ta' Pietru, it-tradiment ta' Ġuda. Għall-imħabba tagħna kien lest li jġarrab kull sagrifiċċju.

Kif igħallimna l-Appostlu Missierna: L-imħabba ġeneruża ta' Kristu għandha tkun xempju tal-imġieba tal-insara: **"Imxu fi-imħabba bħal Kristu li ħabbkom u ta lilu nnifsu għalina bħala offerta u sagrifiċċju lil Alla"** (29)

Mingħajr din l-imħabba, li tirbaħ fuq kull għamla ta' egoiżmu ndividwali u kollettiv huwa inutli li nistennew it-tiġdid fil-ħajja nisranija u twettiq tar-riformi konċiljari fil-Knisja. Il-kelmiet tal-Papa Ljun XIII għadhom attwali fi żminijietna wkoll:

> "La darba l-prinċipju li minnu kellha bidu s-soċjetà nisranija kienet l-imħabba tal-Qalb Divina, huwa meħtieġ li din l-istess imħabba tkun il-prinċipju li bih tiġi mġedda s-soċjetà nisranija.
>
> Is-salvazzjoni li nistennew għandha tkun fuq kollox il-frott ta' mewġa kbira ta' karità, ta' dik il-karità nisranija li hija l-qofol tal-vanġelu, u mediċina l-iktar żgura kontra l-egoiżmu tas-seklu tagħna. Din il-karità għandha bħala għajn tagħha l-Qalb Divina tar-Redentur, u minnha tissawwab għall-fidwa taddinja". (30)

IT-TIENI MARDA: L-ABBUŻ TAL-IMĦABBA

Marda oħra spiritwali ta' żminijietna hija dik li qed tiġi bosta drabi abbużata u mkasbra l-**imħabba** li minnha nfisha hija l-emozzjoni l-iktar nobbli fil-bniedem.

Xi whud fi-imħabba jaraw biss u dejjem l-aspett sesswali u li jħobbu lil xi ħadd, għalihom ifisser li jagħmlu minnu strument biex jissodisfaw l-istinti tagħhom.

Il-bniedem jew bniedma li jħobbu huma ma jikkonsidrawhiex bħala persuna oħra li għandha l-jedd għar-rispett tal-oħrajn u ma jfittxux il-veru ġid tagħha, iżda jikkonsidrawha biss bħala oġġett tal-pjaċir tagħhom, li lesti jabbandunawh malli tintefa l-fjamma tal-passjoni tagħhom.

Hekk l-imħabba għal ħafna saret

- ħaġa rħisa,
- bosta drabi mormija fit-tajn tal-vizzju,
- mingħajr valur li jdum u li jqanqal irrieda għall-għemejjel ta' virtù.

Dan huwa l-mudell ta' mħabba li jippreżentawlna ta' sikwit, l-istejjer tar-rumanzi u l-films u sfortunatament xi nsara ma jiddarsux li jikkopjaw dan il-mudell fil-ħajja tagħhom.

● Imħabba vera

Kristu, għall-kuntrarju, jersaq lejn il-bnedmin, għal motivi wisq iktar għolja. "Għax Bin il-Bniedem ġie jfittex u jsalva dak li kien qiegħed jintilef." (31)

Huwa jirrispetta l-personalità u l-libertà tal-bnedmin u għalhekk jittratta magħhom bl-ikbar ħlewwa. Dak li jistenna minn għandhom, mhux xi vantaġġ għalih innifsu, imma l-paċi tal-qalb u s-serħan tal-kuxjenza tagħhom.

HUWA

- jagħmilha saħansitra mal-midinbin,
- ma jsibhiex bi kbira li jitkellem mal-Maddalena,
- li jidħol fi djalogu mas-Samaritana,
- li jipproteġi lill-adultera minn dawk li kienu se jħaġġruha.

Però, l-imħabba tiegħu ma titbaxxa qatt biex tistrumentalizza lil ħaddieħor għall-kapriċċi senswali, imma tibqa' dejjem fuq il-livell ta' mħabba li tixraq tabilħaqq lill-bniedem,
mħabba li trid il-ġid tal-oħrajn,
imħabba li tgħin lil ħaddieħor jagħraf il-valur tiegħu nnifsu bħala persuna u tikkonvinċieh li huwa stmat u rrispettat kif jixraqlu.

● Imħabba awtentika

F'kull bniedem, imma speċjalment fiż-żagħżugħ, tinħass l-esiġenza psikoloġika li jħobb u jkun maħbub, però kemm devjazzjonijiet u żbalji fil-ħajja tista' twassal għalihom din il-ġibda, jekk ma tkunx ikkontrollata kif imiss.

Fi Kristu, kull bniedem, anke l-ikbar midneb, jista' joqgħod żgur li jsib il-persuna li taf

tħobb bis-sinċerità, b'imħabba fidila u leali li ma tittradixxi qatt.

Għalhekk, min jidħol f'din il-familjarità ma' Kristu, jista' jistqarr ma' San Pawl: **"Jiena naf f'min emmint"** (32) u l-fiduċja tiegħi fi Kristu mhix fiergħa għax **"L-Iben t'Alla ħabbni u ta lilu nnifsu għalija".** (33)

In-nisrani, meta jkun konvint minn din il-verità li huwa tabilħaqq maħbub minn Kristu, jikseb kuraġġ ġdid u libertà nterjuri, jagħmel ħiltu kollha biex jistħoqq dejjem iżjed din l-imħabba tal-Mulej u jwettaq iktar bil-ferħ u bil-ġenerożità d-dmirijiet reliġjużi tiegħu.

Imma din l-imħabba ta' Kristu, mhux biss hija l-imħabba l-iktar awtentika, imma hija wkoll ir-regola ta' kull djalogu ta' mħabba fost il-bnedmin.

Fi kliem ieħor, l-imħabba bejn żewġ persuni jkollha valur u tkun tant sinċiera daqs kemm tkun tixbah lil din l-imħabba ta' Kristu; għall-kuntrarju, tkun falza u vojta jekk titbiegħed mill-idejal li ppreżentalna Hu.

IT-TIELET MARDA: IL-MIBEGĦDA

It-tielet gwaj li qed jifni lid-dinja, huwa **l-mibgħeda, l-ispirtu ta' vendetta,** u **l-vjolenza.**

Il-mibgħeda hija sentiment li jaħkem filqlub ta' dawk li jaraw f'ħaddieħor mhux

għajnuna imma tfixkil fit-twettiq tax-xewqat tagħhom.

Bosta drabi, il-mibgħeda tibda bħala xrara żgħira, imma jekk ma tkunx imrażżna filwaqt, tista' ssir inċendju li jħalli ħerba kbira.

Dan is-sentiment tal-mibgħeda ma jibqax moħbi fil-qalb imma jimmanifesta ruħu fi kliem iebes li jweġġa' u f'azzjonijiet li jagħmlu ħsara lill-proprjetà u lill-persuna talproxxmu.

Il-ġrajja ta' Kajjin li qatel lil ħuh Abel imsemmija fl-ewwel paġni tal-Bibbja (34) li rrepetiet ruħha ħafna drabi matul is-sekli, hija eżempju ċar kif tinbet u f'hiex twassal il-mibgħeda.

● **Vjolenza**

Però, fiż-żminijiet tagħna, mhux biss teżisti l-mibgħeda imma dak li huwa agħar, hija ta' spiss **organizzata** u mxerrda bil-mezzi kollha tal-propaganda minn art għall-oħra.

Għandha l-appostli tagħha li b'tattika djabolika, jafu jisqu l-velenu tal-mibgħeda lill-oħrajn u jgħallmuhom jobogħdu.

Mingħajr ebda rispett lejn il-persuna u ddrittijiet ta' ħaddieħor, min jobgħod, ħafna drabi jirrikorri għall-vjolenza biex jikseb bilforza u d-dnewwa dak li m'għandux il-jedd li jieħu bis-sewwa.

● **Ħniena u Maħfra**

Fil-Qalb ta' Kristu m'hemmx post għall-mibgħeda, iżda biss għall-ħniena u l-maħfra. Il-metodi tiegħu m'humiex dawk tal-vjolenza, imma dawk tal-paċenzja u tal-manswetudni.

Huwa wera ċar li l-ħruxija żejda ma togħġbux.

1) **Meta l-APPOSTLI** rieduh jivvendika ruħu min-nies tas-Samarija li ma ħallewx jidħol fil-belt tagħhom, Ġesù ċanfarhom u qallhom: **"Ma tafux ta' liema spirtu intom. Bin il-Bniedem ma ġiex biex jitlef l-erwieħ, imma biex isalvahom".** (35)

2) **Lil PIETRU** li ħareġ is-sejf biex jiddefendih fil-ġnien taż-Żebbuġ, Ġesù qallu: **"Daħħal sejfek f'loku; għax dawk kollha li jieħdu f'idejhom is-sejf, bis-sejf imutu."** (36)

3) **L-Istedina** tiegħu hija dik li minnu nitgħallmu l-umiltà u l-ħlewwa: **"Tgħallmu minni, għax jien manswet u umli mill-qalb"** (37), u jsejjaħ henjin lil dawk li jħobbu l-paċi: **"Henjin il-paċifiċi; għax għad jissejħu wlied Alla."** (38)

● **Tjubija ma' kulħadd**

Min hu ma' Kristu u jrid jimxi fuq l-eżempju tiegħu, ma jistax jobgħod lill proxxmu, jivvendika ruħu jew juża l-vjolenza bħala soluzzjoni għall-problemi tiegħu.

Kif kiteb l-Evanġelista San Ġwann: **"Min jobgħod 'il ħuh hu qattiel u intom tafu li l-ebda qattiel ma għandu l-ħajja ta' dejjem tgħammar fih."** (39)

Għall-kuntrarju, min hu ma' Kristu, minnu għandu jitgħallem il-maħfra u t-tjubija ma' kulħadd: "Ħobbu l-eghdewwa tagħkom; agħmlu l-ġid lil dawk li jobogħdukom. Bierku 'l min jisħetkom, u itolbu għal dawk li jigdbu fuqkom." (40)

Ix-xewqa ewlenija ta' Qalbu, Kristu esprimiha, meta insista mad-dixxipli tiegħu: **"Dan hu l-kmandament tiegħi, li tħobbu lil xulxin, kif jiena ħabbejtkom."** (41) Mela, min għandu qima awtentika lejn il-Qalb ta' Kristu, jeħtieġlu mhux biss iħobb lil Kristu biex ipattilu ta' mħabbtu, imma jeħtieġ ukoll li jħobb il-proxxmu tiegħu, kif irid il-Mulej.

Għalhekk il-konsegwenza neċessarja taddevozzjoni lejn il-Qalb ta' Kristu mhix ħaġa oħra ħlief il-karità, dik li San Pawl isejħilha **"il-milja tal-Liġi."** (42)

EGĦLUQ

● **Stedina lill-Knisja Lokali:**

Fl-okkażjoni ta' dan iċ-ċentinarju, Aħna nistiednu lill-ulied spiritwali tagħna, sabiex b'impenn u ħeġġa ġdida jwettqu dawk il-prattiki ta' pjetà li bihom jistqarru mħabbithom lejn Kristu, bħal ma huma:-

* it-Tqarbina Riparatriċi ta' l-ewwel ġimgħa tax-xahar,
* is-Siegħa Mqaddsa,
* il-Konsagrazzjoni personali u tal-familji tagħhom lill-QALB DIVINA.

Però, qabel xejn u fuq kollox, l-istedina tagħna hija li huma ta' kuljum jipprovaw jagħrfu iktar mill-qrib, l-imħabba bla tarf tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u jgħixu dejjem skond il-preċetti tal-Karità nisranija li għallimna Hu bl-imġieba u bil-kelma Tiegħu.

6 ta' Mejju, 1975.

RIFERENZI:

(1) Lill-Efesin 3, 17-19.
(2) Enċiklika "Haurietis Aquas" IV b.
(3) Cfr. P. Thomas Dehau O.P. "Des Fleuves d'eau vive" p. 236.
(4) Regist Epist. IV 31 ad Teodorum.
(5) Enċiklika "Miserentissimus" AAS 20 (1928) 167.
(6) S. Margerita M. Alacoque "Vie et Oeuvres" vol. II. 4 lettre au P. Croiset.
(7) Ġwann 19. 34.
(8) Lil-Lhud 4. 15.
(9) Mark 8. 2.
(10) Mattew 23. 37.
(11) Mattew 26. 39.
(12) Luqa 23. 34.
(13) Luqa 23. 43.
(14) Lill-Filippini 2, 5-10.
(15) Lir-Rumani 5. 18, 19.
(16) Ġwann 10. 18.
(17) Lil-Lhud 10. 5-7.
(18) Ġwann 3. 16-17.
(19) Lill-Kolossin 1. 13. 14.
(20) Ġwann 14. 9.
(21) Lill-Kolossin 1. 15.
(22) I. Ġwann 4. 8.
(23) S. Wistin Enarrationes in Ps. 138, 2.
(24) Kostituzzjoni "Sacrosanctum Concilium" n. 5.
(25) Cfr. Enċikl. "Haurietis Aquas" III c.
(26) Ġwann 10. 10.
(27) Josef Stieri: "The Dogmatic and Religious Value of the Devotion to the Sacred Heart" fis-Symposium "Heart of the Saviour" p. 202.
(28) Lir-Rumani 15. 3.
(29) Lill-Efesin 5. 2.

(30) Diskors lill-Assoċjati tal-Apostolat tat-Talb, 11 ta' Ottubru 1893.
(31) Luqa 19. 10.
(32) 2 Timotju 1. 12.
(33) Lill-Galatin 2. 20.
(34) Ġenesi 4.
(35) Luqa 9. 55. 56.
(36) Mattew 26. 52.
(37) Mattew 11. 29.
(38) Mattew 5. 9.
(39) I Ġwann 3. 15.
(40) Luqa 6. 27, 28.
(41) Ġwann 15. 12.
(42) Lir-Rumani 13. 10.

4. IL-QIMA LEJN SIDTNA MARIJA

Ħamsa u għoxrin sena ilu, il-Papa Piju Tnax, iddikjara bħala domma tal-Fidi Kattolika, l-verità li l-Verġni Marija, Omm bla tebgħa t'Alla, wara li temmet il-kors tal-ħajja tagħha fuq l-art, ġieħ meħuda fil-glorja tal-ġenna bir-ruħ u l-ġisem.

Fil-Kostituzzjoni Apostolika li biha l-Papa pproklama din id-domma, huwa esprima t-tama tiegħu li din il-ġrajja kellha tiswa biex tkompli tissaħħaħ fost l-insara l-qima lejn Sidtna Marija.

"Huwa ttamat illi l-insara kollha jitħeġġu għal qima iktar qawwija lejn l-Omm tagħhom tas-sema u li l-erwieħ ta' dawk kollha li jiftaħru bl-isem ta' nsara jitqan-

qlu bix-xewqa li jkollhom sehem fil-għaqda tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu u li jkattru l-imħabba tagħhom lejn dik li għandha qalb ta' omm lejn il-membri kollha ta' dan il-Ġisem għażiż". (1)

● **Fenomeni allarmanti**

Matul dawn is-snin li għaddew, it-tibdil u t-taqlib ma naqasx. Mill-banda l-waħda, f' ħafna pajjiżi tad-dinja dehru ċerti fenomeni allarmanti, li ftit jew wisq ifixklu l-ħajja reliġjuża u jnaqqsu l-qima lejn il-Madonna, hekk li kważi nistgħu ngħidu li ħolqu kriżi fil-ħajja nisranija.

Fost dawn il-fenomeni, ta' min isemmi,

1) il-proċess tas-sekolarizzazzjoni,
2) l-kontestazzjoni tal-awtorità tal-Knisja,
3) il-kritiċiżmu teoloġiku,
4) id-demitizzazzjoni fl-interpretazzjoni tal-Kotba Mqaddsa.
5) iċ-ċaħda ta' dak kollu li huwa tranxendenti jew realtà spiritwali,
6) u fl-aħħarnett it-telfa tas-sens reliġjuż u d-dekadenza tal-moralità.

Mill-banda l-oħra l-Papiet li reġew il-Knisja f'dina l-epoka, fid-diskorsi u fid-dokumenti tagħhom, ma baqgħux lura li jwiddbu l-insara dwar il-perikoli spiritwali li minnhom għaddejja d-dinja u li jindikawlhom ir-rimedji.

Kien hemm ukoll il-Konċilju Vatikan it-

Tieni illi fi kliem il-Papa Pawlu Sitta, kien l-ewwel wieħed fl-istorja "li ppreżenta sintesi hekk wiesgħa tad-duttrina kattolika dwar il-post li għandha Marija Santissima fil-misteru ta' Kristu u tal-Knisja." (2)

● **Ħtieġa ta' tiġdid**

Bħala riżultat ta' din is-sitwazzjoni, dehret ikbar il-ħtieġa ta' tiġdid fil-ħajja ekkleżjali u ta' ekwilibriju bejn ir-rispett lejn it-tradizzjonijiet insara u progress veru jew aġġornament imwettaq b'fedeltà lejn Kristu u l-Vanġelu tiegħu.

Ma setax jonqos li dan it-tiġdiċ jinfluwenza wkoll il-qima ta' l-insara lejn Sidtna Marija.

Aħna xtaqna li l-okkażjoni tal-għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-proklamazzjoni tad-domma tal-Assunzjoni tal-Madonna, mhux biss tiġi mfakkra b'ċelebrazzjonijiet u b'turija esterna ta' devozzjoni lejn Sidtna Marija, imma ridna fuq kollox, li sservi biex l-insara afdati lilna,

1) **iġeddu** l-qima tagħhom lejn is-Sultana tas-smewwiet,
2) **isaffuha** minn dak kollu li mhux skond il-qalb t'Alla,
3) **u jsaħħuha** fihom u f'uliedhom.

Dan mela huwa l-għan ta' din l-ittra pastorali, ċioè li sservi bħala sejħa sabiex il-Kleru u l-lajċi nsara tad-djoċesi tagħna, iqimu

lill-Madonna b'devozzjoni awtentika u li tixraq lill-poplu t'Alla fi żminijietna.

I PARTI

A. IR-RAĠUNIJIET EWLENIN TAL-KULT MARJAN

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni jsemmielna t-tliet sisien tal-Kult Marjan, jew ir-raġunijiet ewlenin li għalihom tingħata qima lill-Madonna:

> "Marija, għax Omm Imqaddsa t'Alla, li ħadet sehem fil-misteri ta' Kristu, bil-grazzja t'Alla mgħollija, wara l-Iben, fuq l-anġli u l-bnedmin kollha, tiġi mill-Knisja ġustament onorata b'qima speċjali." (3)

Fir-reliġjon tagħna, il-qima tingħata lil xi persuna għax tkun aqwa mill-oħrajn fil-ħajja spiritwali tagħha u fil-qdusija. Marija bħala Omm t'Alla u mimlija bil-grazzja, tgħaddi fid-dinjità tagħha lill-ħlejjaq kollha u toqrob lejn il-Ħallieq wisq iżjed minn kull qaddis ieħor.

Marija kellha sehem fl-opra tal-inkarnazzjoni u tal-fidwa mwettqa minn Sidna Ġesù Kristu. Bil-kunsens ta' Marija li l-Iben t'Alla ħa l-ġisem fil-ġuf purissimu tagħha u sar bniedem bħalna. Kienet rieda t'Alla wkoll li hija tkun imsieħba ma' Binha Ġesù fl-opra tal-fidwa.

Fl-aħħarnett, peress illi Marija minn

Alla ġiet igglorifikata u mqegħda sultana tal-ħolqien, lilha l-kreaturi kollha għandhom jagħtuha mħabbithom u qimithom.

Waħda mid-direttivi pastorali tal-Konċilju, rigward il-kult tal-Verġni Mqaddsa hija dik li l-insara

> "imexxu 'l quddiem bil-qalb, il-qima, speċjalment liturġika lejn il-Verġni Mqaddsa, u jkollhom stima kbira tal-prattiki u l-eżerċizzi ta' pjetà li jsiru lejha, irrikkmandati tul is-sekli mill-Maġisteru tal-Knisja." (4)

Għalhekk, jekk irridu li nwettqu t-tagħlim tal-Konċilju, jeħtieġ fost ħwejjeġ oħra, li l-qima lejn il-Madonna, nagħtuha l-importanza li jixirqilha.

Kif josserva l-Papa Pawlu VI, id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka mhux biss tagħmel parti kbira mill-kult nisrani, iżda barra minn hekk

> "kull żvilupp veru li jsir fil-qima nisranija, irid bil-fors iġib miegħu żieda xierqa fil-qima lejn Omm il-Mulej." (5)

Minn dan nikkonkludu illi jekk f'xi post id-devozzjoni tal-Madonna ġiet imnaqqsa jew imwarrba fil-ġenb, dan ikun ifisser illi f'dak il-post, ma kienx hemmx żvilupp awtentiku tal-kult nisrani.

II PARTI

B. IL-QIMA MARJANA

IMĦABBA — FIDUĊJA — IMITAZZJONI

Din id-devozzjoni jew qima marjana, li l-Knisja tapprova u trid li tikber f'kull wieħed minn uliedha hija **nterna** u **esterna**, jiġifieri tikkonsisti:

— mhux biss filli wieħed iħobb lil Marija bħala Omm spiritwali tiegħu,

— imma wkoll filli jsejjaħ l-għajnuna tagħha u jagħmel ħiltu biex jimitaha.

1) IMĦABBA

Tlieta huma r-raġunijiet li jqanqlu f'qalbna l-imħabba lejn xi persuna oħra:

1) **it-tjubija tagħha**, għax ir-rieda tagħna tinġibed għal dak kollu li huwa tajjeb;
2) **il-ġid li rċivejna** minn għandha
3) **u l-imħabba tagħha għalina.**

F'Marija hemm tjubija li ma tistax titfisser għaliex hija l-kreatura l-iktar għolja u wisq iżjed mill-qrib mill-ħlejjaq l-oħra kollha għandha sehem mit-tjubija nfinita t'Alla. Bħala Omm il-Mulej, hija mimlija bil-grazzja (6) u mżejjna fir-ruħ u fil-ġisem purissimu tagħha bl-aqwa sbuħija.

Bi ħniena liema bħalha hija tqassam it-teżori tal-grazzja, saħansitra lil dawk li ma jistħoqqilhomx jew li huma ngrati. Kif stqarr

il-Papa Ljun XIII,

> "Mingħajr ma toqgħod tistenna li aħna nsejħulha, hija dejjem pronta u lesta li tgħinna, billi tagħtina sehem mit-teżor tal-grazzji li rċiviet sa mill-bidu u bil-kotra minn għand Kristu". (7)

Hija mimlija bl-imħabba lejn il-bnedmin u tixtieq is-salvazzjoni eterna tagħhom. Kif igħidilna l-Konċilju:

> "Bl-imħabba tagħha ta' omm tieħu ħsieb l-aħwa tal-Iben tagħha li għadhom fit-triq u mdawwrin minn perikli u tiġrib sakemm jaslu fis-saltna tas-sema." (8)

Għal dawn ir-raġunijiet, San Bernard jistedinna:

> "Ejjew inqimu lil Marija mill-fond ta' qalbna, bix-xewqat u l-imħabba kollha ta' ruħna, għaliex din hija r-rieda ta' Dak li ordna li aħna nirċievu kollox permezz tagħha." (9)

2) FIDUĊJA

Barra mill-imħabba lejn Sidtna Marija hija meħtieġa wkoll il-fiduċja li biha nirrikorru għandha fil-ħtiġijiet tagħna. Il-Konċilju ta' Trentu jgħallem illi:

> "il-qaddisin li jsaltnu ma' Kristu joffru lil Alla t-talb tagħhom għall-bniedem u hija ħaġa tajba u siewja li nsejħulhom sabiex niksbu għajnuniet minn għand Alla, permezz tal-Iben tiegħu." (10)

Wisq ikbar mill-interċessjoni tal-qaddisin l-oħra hija dik tal-Imqaddsa Marija, mhux għax ikbar qdusitha u s-setgħa tagħha, imma wkoll, għaliex hija ġiet magħżula minn Kristu biex tkun l-omm spiritwali tagħna.

Kif igħallimna l-Papa Pawlu VI, il-missjoni tagħha ta' omm,

> "tħeġġeġ lill-poplu t'Alla biex jirrikorri għandha b'tama ta' wlied, għaliex hija dejjem lesta biex tisimgħu b'għożża materna u b'għajnuna f'waqtha. Il-poplu ta' Alla dara jsejħilha farağ tal-imnikktin, saħħa tal-morda, kenn tal-midinbin biex isib farağ fid-dwejjaq, il-fejqan fil-mard, u l-qawwa biex jeħles mill-ħtija; għaliex hija ħielsa mid-dnub u twassal 'l uliedha biex jiġġieldu b'ħeġġa qawwija kontra d-dnub." (11)

3) IMITAZZJONI

It-tielet għemil ta' qima lejn il-Verġni Santissima hija l-imitazzjoni ta' ħajjitha u tal-virtujiet sbieħ tagħha, għaliex huwa dmir tagħna li nimitaw lil dawk li nivveneraw, kif igħallimna San Girgor:

> "Il-vera qima tal-qaddisin hija l-imitazzjoni tagħhom." (12)

Għalhekk, il-Papa San Piju Għaxra jinsisti:

> "Min irid ikollu devozzjoni xierqa lejn il-Verġni Santissima, għandu jimxi iżjed 'l quddiem u jagħmel ħiltu b'kull mezz sabiex jikkopja l-eżempju tagħha." (13)

Fi kliem ieħor, timita lil Marija u tikkopja l-eżempju tagħha, ifisser timita lil Kristu, għaliex hija wisq aħjar minn kull bniedem ieħor iġġib fiha x-xbieha ta' Kristu u tirrappreżentalna b'mod eċċellenti l-qdusija tiegħu.

- **Kliem il-Papa Pawlu VI**

Din il-qima ta' mħabba, invokazzjoni u imitazzjoni tingħata lil Sidtna Marija mhux biss minn kull wieħed mill-insara devoti tagħha, imma wkoll mill-Knisja Kattolika kollha kemm hija.

Josserva bir-reqqa kollha, il-Papa Pawlu VI:

> "Il-Knisja turi b'ħafna modi ta' qima, ir-relazzjoni tagħha ma' Marija:
>
> * **b'venerazzjoni profonda:** meta taħseb fuq id-dinjità singulari tal-Verġni li saret Omm il-Verb Inkarnat bil-ħidma tal-Ispirtu Santu;
>
> * **b'imħabba mħeġġa:** meta tikkonsidra lil Marija bħala omm spiritwali tal-membri kollha tal-Ġisem Mistiku;
>
> * **b'invokazzjoni fiduċjuża:** meta ġġarrab l-interċessjoni tal-Avukata u l-Għajnuna tagħha;
>
> * **b'servizz mill-qalb:** meta tilmaħ fil-qaddejja umli tal-Mulej, is-Sultana tal-Ħniena u l-OMM tal-Grazzja;

* **b'imitazzjoni ħerqana:** meta tikkontempla l-qdusija u l-virtujiet ta' Dik li mimlija bil-grazzja;

* **b'ammirazzjoni kbira:** meta tara fiha, ix-xbieha bla tebgħa, oġġett tax-xewqat u t-tamiet tagħha;

* **bi studju bil-għaqal:** meta tagħraf li s-Sieħba tal-Feddej, li diġà ħadet sehem sħiħ mill-frott tal-misteru tal-Għid, wettqet fiha dak li ġie mħabbar dwar il-ġejjieni tal-Knisja, meta jasal il-jum li fih, imnaddfa minn kull tikmixa u minn kull tebgħa, tkun bħala għarusa mżejna għall-għarus tagħha, Ġesù Kristu." (14)

III PARTI

PERIKOLI TA' QIMA ŻBALJATA

Iżda din il-qima tista' titlef ħafna missiwi tagħha u forsi wkoll tisfa ta' ħsara spiritwali, jekk ma tkunx imwettqa kif imiss jew tinbidel f'devozzjoni falza u pjuttost superstizzjuża li tikkonsisti biss f'atti esterni u f'sentiment superfiċjali. (15)

1) Qima "bi drawwa"

Hekk, per eżempju, hija qima bla sens il-qima ta' dawk li jikkontentaw biss b'devozzjonijiet magħmulin bi drawwa, mingħajr ma jfittxu bis-serjetà li jissaħħu fit-twemmin nisrani.

Jistaqsi, dwar dan, il-Papa Piju XII, kif jista' jingħata ġieħ lill-Madonna, jekk

> "il-ħajja tal-fidi tiġi ridotta għal għadd ta' manifestazzjonijiet esterni, mingħajr dak l-ispirtu sopranaturali intern, li jagħti siwi lil kull ħaġa oħra u li mingħajru l-imġieba esterna hija bla valur?" (16)

2) Qima "bla Konverżjoni tal-Qalb"

L-anqas ma tkun qima awtentika lejn il-Madonna, dik il-qima li ma tkunx imsieħba ma' vera konverżjoni tal-qalb, u li ma tgħinx lin-nisrani biex iwettaq sewwa dmirijietu, skond ir-rieda mqaddsa t'Alla.

Kif igħallimna l-Imqaddes Papa Piju Għaxra, tkun devozzjoni qarrieqa jekk ma tbiegħedx lin-nisrani mid-dnubiet u ma tqanqalx ir-rieda tiegħu biex jirranġa l-ħażen li għamel f'ħajtu. (17)

> "Min ikollu devozzjoni bħal din jinganna ruħu li jista' jgħix kif jidhirlu u jibqa' fid-dnub, bit-tama qarrieqa, li tingħatalu xi grazzja straordinarja fl-aħħar sigħat ta' ħajtu." (18)

3) Qima "interessata"

Hija żbaljata wkoll dik l-għamla ta' qima nteressata, li biha xi wħud jirrikorru għand il-Madonna meta jkunu jeħtieġu xi għajnuna ta' malajr, imbagħad forsi jinsew-

ha għal kollox. Huma jaraw biss fl'Omm setgħana t'Alla, il-mezz biex jiksbu dak li jkunu jeħtieġu u speċjalment vantaġġi fl-ordni temporali. (19)

- **Ħtieġa ta' tiġdid**

Biex jiġi evitat dan il-periklu li l-qima lejn il-Madonna titlef is-siwi u s-sbuħija tagħha, jeħtieġ li tiġġedded kontinwament. Dan it-tiġdid huwa meħtieġ ukoll għaliex

> "xi drawwiet ta' qima li sa ftit ta' żmien ilu kienu jidhru li huma tajbin biex ifissru l-fehmiet reliġjużi ta' l-insara u ta' komunitajiet sħaħ, il-lum jidhru li m' humiex tajbin biżżejjed għaliex marbutin ma għamliet soċjali u kulturali ta' l-imgħoddi" (20)

IV PARTI

L-ISKOPIJIET TAL-QIMA MARJANA

Sabiex dan it-tiġdid jitwettaq kif imiss, mingħajr ma jintmessu dawk l-affarijiet li huma dejjem ġodda u li huma skond it-tagħlim tal-Knisja u tat-Teoloġija Kattolika, hemm bżonn qabel xejn li jkollna ċar quddiem għajnejna l-iskopijiet li għalihom tingħata din il-qima lil Madonna.

1) Il-Qima Marjana twassalna għall-adorazzjoni tas-Santissima Trinità

L-għan aħħari li għalih għandha twassal il-qima marjana huwa l-kult ta' adorazzjoni mogħti lit-Trinità Mqaddsa. Kif igħallimna l-Papa Pawlu VI,

> "Il-qima nisranija hija fiha nfisha, qima lill-Missier, lill-Iben u lill-Ispirtu Santu, jew aħjar, kif tesprimi ruħha l-Liturġija, qima lill-Missier bi Kristu u fl-Ispirtu Santu." (21)

Jekk dana jgħodd għal kull għamla ta' qima nisranija awtentika, igħodd wisq u wisq iktar għall-qima marjana mħabba r-relazzjonijiet singolari li Marija Santissima għandha mat-Tliet Persuni Divini;

2) Il-Qima Marjana twassalna lejn Kristu

> "hi mogħnija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu Santu". (22)

Il-qima Marjana għandha twassal lejn Kristu li huwa l-**BIDU** u t-**TMIEM** tal-ħajja nisranija kollha kemm hi. Fi kliem ieħor, hemm rabta li ma tistax tinħall bejn

— l-qima Marjana
— u l-qima Kristoloġika

(l-istess) kif hemm rabta sħiħa bejn

— il-ħajja tal-Madonna
— u dik ta' Kristu.

HUWA ċ-ċentru tad-dommi marjani u tad-devozzjoni lejn il-Madonna.

— Il-privileġġi li kellha, inġhatawlha mħabba fi Kristu li tiegħu kienet ippredestinata biex tkun l-Omm għażiża.

* **kollha** kemm huma ġejjin Minnu għax Hu mmerita għaliha l-grazzja u l-glorja

* **kollha** kellhom iservu bħala qadi lilU, għax bihom hija tagħtu minn qalbha l-kooperazzjoni materjali u spiritwali tagħha.

Għaldaqstant, id-devozzjoni u l-ġieħ li aħna nagħtu lilha huma mogħtijin ukoll lil Kristu Binha. Rigward dan, il-Konċilju jgħidilna:

> "waqt li hija meqjuma l-Omm, l-Iben li għalih jeżistu l-ħwejjeġ kollha u li fih għoġob lill-Missier iqiegħed il-milja ta' kollox, għandu jkun, kif jixraq, magħruf, maħbub, glorifikat u għandhom jinżammu l-kmandamenti tiegħu." (23)

Il-qima marjana għandha tgħinna wkoll sabiex nagħrfu aħjar **il-Knisja** u nwettqu sewwa d-dmirijiet li għandna lejha, bħala membri tagħha.

3) Il-Qima Marjana twassalna biex nagħrfu aħjar il-Knisja

Infatti l-Madonna bħala Omm il-Knisja u dik li ġabet il-ħajja tal-grazzja lill-erwieħ mifdija, għandha wkoll rabta li tibqa' għal dejjem mal-Knisja, il-Poplu t'Alla tal-liġi l-ġdida.

1) **FIL-MISTERU TAL-INKARNAZZJONI:**

hija tatna lil Kristu, il-Fundatur tal-Knisja;

2) **FUQ IL-KALVARJU:** hija kienet imsieħba miegħu fis-sagrifiċċju li bih l-erwieħ ġew mifdija u mdaħħla fil-Knisja;

3) **F'GĦID IL-ĦAMSIN:** għall-Knisja, hija talbet id-doni ta' l-Ispirtu s-Santu;

4) **MIS-SEMA** fejn tinsab issaltan glorjuża hija tkompli tagħti l-għajnuna tagħha lill-Knisja sabiex dina tkun tista' twettaq il-missjoni tal-fidwa li rċiviet minn għand Kristu. (24)

Għalhekk, fi-eżortazzjoni tiegħu l-Papa, mhux biss iwiddibna sabiex fil-qima tagħna lill-Madonna, ikun ċar il-post li għandha fil-Knisja "wara Kristu l-post l-iktar għoli u l-aktar qrib lejna" (25) imma jissokta jgħidilna: "l-imħabba għall-Knisja ssir imħabba għal Marija u bil-maqlub, għaliex il-waħda ma tistax tkun mingħajr l-oħra.

Kif juri tajjeb San Kromazju t'Aquileja:

> "Il-Knisja kienet magħquda fiċ-ċenaklu fiimkien ma' Marija, Omm Ġesù u ma' ħutu. Għalhekk ma nistgħux nitkellmu dwar il-Knisja, mingħajr Marija, Omm il-Mulej, fiimkien ma' ħutu." (26)

V PARTI

DIRETTIVI TAL-PAPA GĦAT-TIĠDID TAL-QIMA MARJANA

Niġu issa għall-erba' direttivi li jagħtina

l-Papa, dwar it-tiġdid tal-qima marjana. Huwa fisser ix-xewqa li din il-qima jkollha orjetament **bibliku, liturġiku, ekumeniku** u **antropoloġiku.**

(a) **Orjentament bibliku**

Bħal kull għamla oħra ta' qima nisranija, fiż-żminijiet tal-lum meħtieġ li l-qima lejn il-Madonna tkun ispirata mit-tagħlim li hemm miġbur fil-Kotba Mqaddsa li jagħtuna tagħrif dwar l-istorja tas-salvazzjoni, li biha Alla fil-ħniena tiegħu ried jifdi ġens il-bnedmin u jħabbu miegħu.

Dawn il-Kotba Mqaddsa jgħallmuna ħafna veritajiet importanti dwar il-Verġni Mbierka. Huma jistqarru l-privileġġi u d-doni tagħha, il-maternità verġinali u l-qdusija eċċezzjonali tagħha. (27)

Imma fuq kollox, "il-Bibbja tpoġġi quddiemna b'mod tal-għaġeb, il-pjan t'Alla għallfidwa tal-bnedmin, hija mimlija bil-misteru tal-Feddej u mill-Ġenesi sal-Apokalissi titkellem ukoll b'mod ċar fuq dik li hija Omm u Sieħba tal-Feddej". (28)

● L-ANGELUS U R-RUŻARJU

Mhux ta' b'xejn, illi fost id-devozzjonijiet kollha li jsiru b'unur lill-Madonna, il-Papa għażel li jirrikkmandalna fl-eżortazzjoni tiegħu, "Marialis Cultus", ir-reċita tal-Angelus u tar-Rużarju Mqaddes, għaliex f'dawn iżżewġ devozzjonijiet mhux biss inlissnu kliem

meħud mill-Iskrittura, imma niftakru wkoll fil-misteru tal-inkarnazzjoni u fil-misteru Paskwali li huma l-qofol tar-rivelazzjoni ta' Alla lill-bnedmin.

Biex jitwettaq dan l-orjentament bibliku, huwa meħtieġ anke "li t-talb u l-kant ikollhom il-kliem u l-ispirazzjoni tagħhom mill-Bibbja u fuq kollox li l-qima lejn il-Verġni tkun magħquda mal-ġrajjiet il-kbar tal-messaġġ nisrani." (29)

(b) **Orjentament liturġiku**

Rigward l-orjentament liturġiku fil-qima marjana, wieħed għandu qabel xejn jiddistingwi bejn dawk li huma riti u talb liturġiku u dawk li huma atti ta' pjetà jew devozzjonijiet popolari.

● Qima liturġika

Għandu jingħata l-ewwel post lill-qima strettament liturġika u l-insara għandhom jitgħallmu jgħożżu t-teżor ta' riflessjonijiet u talb approvati mill-Knisja, speċjalment dawk li jingħadu fil-festi tal-Madonna u li jinsabu miġbura fil-Missal Ruman u fil-ktieb tal-Liturġija tas-Sigħat.

L-omm ta' Kristu hija mfakkra ta' spiss f'dan it-talb liturġiku tal-Knisja. Wara s-Santissima Trinità u l-Persuna ta' Kristu, il-misteru tal-Madonna huwa dak li l-iżjed jattira l-kontemplazzjoni tal-Knisja, għaliex din

ma tistax tifred il-misteri tal-Omm minn dawk ta' Binha: Il-Milied, il-Passjoni, l-Għid u l-Għid il-Ħamsin, jeżaltaw qishom b'tifkira waħda s-Salvatur u l-Omm tiegħu.

Kif igħidilna l-Konċilju:

"Fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan iċ-ċiklu ta' kull sena, tal-misteri ta' Kristu, il-Knisja Mqaddsa tqim b'imħabba ewlenija lil Marija Santissima, li hi marbuta hekk li ma tinħallx ma' l-opra tas-saħħa ta' l-Iben tagħha; fiha tilmaħ u tgħolli l-ġid mill-aqwa tal-Fidwa, u ferħana tara fiha, bħallikieku fi xbieha l-aktar safja, dak li hi tixtieq u tittama li ssir." (30)

Barra minn dawn, hemm ukoll il-festi marjani li fihom b'mod partikulari, jingħata ġieħ lil Marija Santissima, imqassmin matul is-sena liturġika mill-festa tal-Kunċizzjoni Immakulata sa dik tal-Assunzjoni tagħha.

● **Devozzjonijiet popolari**

Imma wara li titwettaq kif jixraq, il-qima liturġika, m'għandhomx jitwarrbu fil-ġenb id-devozzjonijiet popolari u l-eżerċizzi ta' pjetà f'ġieħ il-Madonna.

Rigward dan, il-Papa jgħidilna:

"Kull ħidma pastorali għandha turi u tiżhaq fuq il-vera natura tal-liturġija u min-naħa l-oħra tapprezza d-devozzjonijiet biex tkun tista' taddattahom għall-

ħtiġijiet tal-kommunità tal-Knisja partikolari u jkunu għajnuniet kbar għall-liturġija." (13)

Dan l-istess parir jagħtihulna wkoll il-Konċilju:

"L-egħmejjel ta' tjieba tal-poplu nisrani, sakemm ikunu jaqblu mal-liġijiet u n-normi tal-Knisja, huma ta' min iheġġiġhom ħafna.....iżda jeħtieġ li dawn l-egħmejjel ikunu minsuġa b'mod, li waqt li jiġu mħarsa ż-żminijiet liturġiċi, ikunu jaqblu mal-liturġija mqaddsa, ikunu b'xi mod ġejjin minnha u jwasslu l-poplu għaliha, billi min-natura tagħha hija ogħla minnhom sewwa." (32)

(c)...Orjentament ekumeniku

Il-qima lejn il-Madonna, fi żminijietna, jeħtieġ li jkollha wkoll xeħta ekumenika, jiġifieri li tirrifletti fiha x-xewqa ta' Kristu u tal-Knisja li jkun hemm il-għaqda fost dawk kollha li jistqarru li huma nsara.

Dana jista' jseħħ jekk:

"il-qima lejn il-qaddejja umli tal-Mulej, li magħha għamel ħwejjeġ kbar, Dak li jista' kollox, ma tkunx ta' tfixkil imma bil-mod il-mod issir it-triq għall-għaqda u l-pedament li fuqu jaqblu dawk kollha li jemmnu fi Kristu." (33)

Dan ma jfissirx li wieħed għandu jnaqqas il-veritajiet dwar il-Madonna, jew li jaħbi t-

twemmin sod li l-Kattoliċi jistqarru, imma jfisser li bir-rispett kollu, b'imħabba fraterna u bil-kelma t-tajba wieħed għandu jippreżenta l-verità tat-twemmin lil dawk li għadhom ma għarfuhiex.

● **Fidi mhux Sentimentaliżmu**

F'dan il-kuntest, ta' min jinsisti fuq it-twiddibiet li għamel il-Konċilju u li l-Papa jerġa' jfakkarna fihom:

"id-devozzjoni vera ma tikkonsistix

— f'sentimentaliżmu vojt u li jgħaddi

— jew fi twemmin fieragħ

imma jiġi mill-fidi vera li twassalna

1) biex nagħrfu l-preminenza ta' Omm Alla
2) u biex ikollna mħabba ta' wlied lejn l-Omm tagħna
3) u biex nimitaw il-virtujiet tagħha". (34)

Għandhom jiġu evitati mhux biss l-esaġerazzjonijiet li jistgħu jimpressjonaw ħażin lil ħutna mifrudin minna, imma wkoll dak il-għeluq ta' moħħ li ma jippermettix li jkollna ħjiel ċar tal-persuna u tal-missjoni ta' Marija.

Fuq kollox, "dak kollu li evidentement huwa leġġenda jew falzità, għandu jitwarrab." (35)

Din il-mentalità ekumenika għandha tidher ukoll, billi fil-qima tagħna lill-Madonna,

nitolbuha

"titfa' l-ħarsa tagħha fuq dawk li għadhom barra mill-merħla waħda tal-Knisja u fuq dawk li għatxana qed ifittxu l-verità u tmexxihom lejn l-għajn tal-ilma tal-ħajja." (36)

(d) Orjentament antropoloġiku

Peress illi fil-kamp tal-psikoloġija u tas-soċjoloġija, twettqu tibdiliet l-iktar profondi, ċerti aspetti tad-devozzjoni marjana, kif kienet tiġi ppreżentata fl-imgħoddi, m'għadhomx jappellaw għall-irġiel u għan-nisa ta' żminijietna.

Għalhekk, it-tiġdid tal-qima lejn il-Madonna, jeħtieġ li jieħu f'konsiderazzjoni l-antropoloġija, l-aspirazzjonijiet tal-bnedmin tallum, u l-kondizzjonijiet tas-soċjetà li fiha qed ngħixu, soċjetà fejn il-missjoni tal-mara mhix limitata biss għall-kura tal-familja, imma tilħaq ukoll l-attivitajiet soċjali u kulturali kollha.

● **Marija: mudell perfett ta' dixxiplu tal-Mulej**

Xorta waħda però, l-insara ta' kull żmien u ta' kull ambjent isibu x'jimitaw fil-Madonna. Wieħed m'għandux joqgħod jintilef fuq iċ-ċirkostanzi li fihom kienet tgħix Sidtna Marija, bħala xebba lhudija bid-drawwiet u l-kostumi tal-poplu tagħha, imma pjuttost għandu jinsisti fuq il-fatt li

"fil-ħajja tagħha hija dejjem laqgħet għal kollox u b'mod responsabbli r-rieda t'Alla, għaliex semgħet il-kelma u għixitha; għaliex ħajjitha kienet mimlija bl-imħabba u bl-ispirtu ta' servizz. Jistħoqqilha li tiġi imitata għaliex hija kienet l-ewwel u l-iktar dixxiplu perfett ta' Kristu." (37)

Min-naħa l-oħra, jekk inqisu l-aspirazzjonijiet tal-bnedmin ta' żminijietna jiġifieri:

* l-idejali ta' rispett lejn il-persuna ta' ħaddieħor,
* il-libertà,
* il-ġustizzja,
* il-korresponsabiltà,
* il-ħidma għal soċjetà aktar umana,

għandna ħafna x'nitgħallmu mill-Verġni Mbierka.

"Hija toffri mudell perfett ta' dixxiplu tal-Mulej;

— dixxiplu li fil-waqt li jħabrek biex jibni fuq l-art belt temporali, ma jehda qatt li jimxi bħal pellegrin lejn il-belt ta' dejjem fis-sema;

— id-dixxiplu li jħabrek għall-ġustizzja li tillibera l-magħkusin u għall-karità li tgħin lil min hu fil-bżonn, imma fuq kollox jagħti xhieda bil-fatti ta' dik l-imħabba li tifforma lil Kristu fil-qlub tal-bnedmin." (38)

EGĦLUQ

It-tifsira tal-inkoronazzjoni:

Bħala għelm tal-qima tal-poplu tagħna lejn Marija, ix-xbieha tal-Verġni Assunta, ivvenerata fil-Katidral t'Għawdex, ser tiġi inkoronata solennement b'kuruna ta' deheb u ta' ħaġar prezzjuż.

Din il-ġrajja mhux biss għandha tfakkar b'mod xieraq il-ħamsa u għoxrin anniversarju tad-Domma tat-Tlugħ fis-Sema ta' Sidtna Marija, imma fuq kollox għandha tqanqal l-insara kollha tad-djoċesi tagħna biex isaħħu u jġeddu fihom il-qima lejn l-Omm tagħna tas-smewwiet, skond kif tixtieq il-Knisja Mqaddsa u fuq it-tagħlim li spjegajnielkom f'din l-ittra pastorali.

Stedina

Nistiednu għalhekk lill-ulied kollha ta' Marija, biex jerfgħu 'l fuq il-ħarsa tar-ruħ tagħhom lejn it-tron għoli fis-sema, li fuqu Marija ġiet imqegħda mit-Tliet Persuni Divini u nkurunata Sultana tal-ħlejjaq kollha.

FIHA għandhom jammiraw il-kobor talqdusija u l-privileġġi straordinarji li bihom minn Alla ġiet imżejna.

LILHA għandhom iwegħdu mħabbithom u l-fiduċja tagħhom tul ħajjithom kollha.

GĦANDHA jirrikorru fil-ħtiġijiet tar-ruħ u tal-ġisem u lilha jqimu dejjem b'qima li

tixraq lill-Insara Adulti.

● **Rakkomandazzjoni**

Fl-aħħarnett minn qalbna nirrikkmandaw lill-ulied spiritwali tagħna li bil-ħeġġa jitolbu lil Sidtna Marija Mtellgħa fis-sema sabiex

> "f'din id-dinja bla paċi, itturmentata minn suspetti, firdiet, tilwim u mibgħeda, għaliex iddgħajfet il-fidi u ntefa s-sens ta' mħabba u fraternità fi Kristu, Hija terġa' ġġib l-imħabba ħerqana fil-qlub tal-bnedmin." (39)

26 ta' Lulju, 1975.

RIFERENZI:

(1) Kostituzzjoni Apostolika: "Munificentissimus Deus" 1 Nov. 1950.
(2) Diskors tal-promulgazzjoni tal-Kostituzzjoni dwar il-Knisja "Il Concilio Vaticano II" Bologna 1966 pag. 1318.
(3) Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium" n. 66.
(4) Lumen Gentium n. 67.
(5) Eżortazzjoni Apostolika "Marialis Cultus" (daħla) 2 ta' Frar 1975.
(6) Luqa I. 28.
(7) Enċiklika "Magnae Dei Matris" 8 ta' Settembru, 1892.
(8) Lumen Gentium n. 62.
(9) Sermo de Aquaeductu.
(10) Sessjoni XXV. Decr. De invocatione Sanctorum
(11) Marialis Cultus n. 57.
(12) In Joannem VIII, 46.
(13) Enċiklika "Ad diem illum" 2 ta' Frar, 1904.
(14) Marialis Cultus n. 22.
(15) Piju XII. Allokuzzjoni tal-21 ta' Lulju, 1947. Denz-Ban. 984. ?
(16) Radjumessaġġ lill-insara tal-Equador, 22 ta' April, 1956.
(17) Enċiklika "Ad diem illum" 2 ta' Frar, 1904.
(18) Piju XII. Allokuzzjoni tal-21 ta' Lulju, 1947.
(19) Piju XII. Allokuzzjoni tal-21 ta' Jannar, 1945.
(20) Marialis Cultus (daħla).
(21) Marialis Cultus n. 25.
(22) Lumen Gentium n. 35.
(23) Lumen Gentium n. 66.
(24) Domenico Bertetto "Maria con Cristo e con la

Chiesa" pag. 80.

(25) Lumen Gentium n. 54.

(26) Marialis Cultus n. 28.

(27) Piju XII. Radjumessaġġ lill-Kungress Internazzjonali Marjoloġiku, 24 ta' Ottubru, 1954.

(28) Marialis Cultus n. 30.

(29) Marialis Cultus n. 30.

(30) Kostituzzjoni "Sacrosanctum Concilium" n. 103.

(31) Marialis Cultus n. 31.

(32) Sacrosanctum Concilium n. 13.

(33) Marialis Cultus n. 33.

(34) Lumen Gentium n. 67.

(35) Marialis Cultus n. 38.

(36) Piju XII, Enċiklika "Le Pelerinage" 2 ta' Lulju, 1957.

(37) Marialis Cultus n. 35.

(38) Marialis Cultus n. 37.

(39) Piju XII. Diskors tal-1 ta' Novembru, 1950.

5. IL-PROMOZZJONI TAL-BNIEDEM

Bħala parti mill-pjan pastorali ta' ħames snin, is-sena li għaddiet kienet iddedikata sabiex jiġu msaħħa l-istrutturi djoċesani u titmexxa l-quddiem il-ħidma li twettaq id-djoċesi għall-ġid spiritwali tal-Poplu t'Alla.

Pero' d-djoċesi ma tistax tibqa' magħluqa fiha nfisha, bħallikieku kienet autosuffiċjenti u bla ebda relazzjonijiet mal-bqija tad-dinja.

Kieku kellha tinqata' mill-kurrenti li jinħassu fi djoċesijiet oħra u tingħalaq fiha nfisha, bil-mod il-mod il-ħajja pastorali fid-djoċesi kienet tiddgħajjef u tmut.

Id-djoċesi tibqa' ħajja u f'saħħitha, jekk iżżomm f'għaqda u kommunjoni mal-Knisja universali.

I PARTI

IS-SENS TA' L-UNIVERSALITA' TAL-KNISJA

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Lumen Gentium fisser biċ-ċar l-aspett universali u kattoliku tal-Poplu t'Alla li jinsab preżenti fin-nazzjonijiet kollha tal-art, hekk li l-insara mxerrdin mad-dinja huma f'kommunjoni bejniethom u mill-ġid spiritwali li għandhom jibbenefikaw ilkoll.

> "Fil-ġnus kollha tad-dinja, ġie mqiegħed poplu wieħed t'Alla, sabiex fost il-popli kollha Hu jagħżel iċ-ċittadini tas-Saltna tiegħu, mhux tal-art iżda tas-sema. U infatti, l-fidili kollha mxerrdin mad-dinja, jissieħbu mal-oħrajn fl-Ispirtu s-Santu u hekk min jinsab f'Ruma jaf li l-Indjani huma membri tiegħu" (1)

≋ Il-Lajċi u l-Knisja Universali

Meta jitkellem dwar il-lajċi, l-Konċilju jgħallem li l-apostolat tagħhom għandu bħala skop tiegħu l-ġid spiritwali tal-Knisja universali.

> "Huwa obbligu nobbli tal-lajċi li jaħdmu sabiex il-pjan t'Alla ta' salvazzjoni, jintlaħaq kuljum minn aktar bnedmin taż-żminijiet kollha u tad-dinja kollha." (2)

Fost is-setturi speċifiċi fejn il-lajċi għandhom iwettqu l-ħidma għalenija tagħhom, il-Konċilju jsemmi l-ordni internazzjonali li jħaddan fih il-ġnus tad-dinja;

≋ Is-Saċerdoti u l-Knisja Universali

> "L-insara għandhom jikkooperaw minn rajhom u bil-qalb kollha biex jinbena l-ordni nternazzjonali, bil-ħarsien veru tal-libertajjiet leġittimi u b'sens f'kulħadd ta' ħbiberija u ta' aħwa." (3)

Rigward is-saċerdoti l-Konċilju jitlob minnhom li jagħtu kont mhux biss tal-erwieħ afdati f'idejjhom, iżda wkoll

> "dejjem ħerqana għal ġid ta' wlied Alla, ifittxu li jagħtu s-sehem tagħhom għall-ħidma pastorali tad-djoċesi anzi tal-Knisja kollha". (4)

Id-Degriet Persbyterorum Ordinis imbagħad ifakkarhom li

> "sabiex l-ispirtu tal-kommunita jitħaddem kif imiss, huwa għandu jħaddem mhux biss il-knisja lokali, iżda wkoll il-Knisja kollha kemm hi tad-dinja.
>
> Min-naħa tagħha l-komunita' lokali għandha tgħin mhux biss fil-kura tal-fidili tagħha, iżda wkoll timtela b'ħeġġa missjunarja u tħejji triq lejn Kristu miftuha għall-bnedmin kollha". (5)

Dan il-prinċipju jinsisti fuqu wkoll is-Sinodu tal-Isqfijiet tal-1971 li jgħidilna:

> "Is-saċerdot għad li l-ministeru tiegħu tiegħu jitwettaq fi ħdan xi kommunità partikolari, ma jistax ikun iddedikat biss għal grupp wieħed ta' nsara. Infatti l-ministeru tiegħu għandu jwassal għall-

unità tal-Knisja kollha u biex jiġbor u jgħaqqad fiha l-ġnus kollha". (6)

Bir-raġun għalhekk li fil-Pastorali tar-Randan tas-sena l-oħra aħna ktibna:

"Il-Kattoliċi kollha għandhom iħossu li huma ġappartienu għall-Knisja Universali li għandha bħala Kap u Mexxej tagħha, il-Papa u bħala membri, nies ta' kull ġens u ta' kull pajjiż. Ir-Reliġjon Kattolika, fil-waqt li tagħti post ta' ġieħ lill-personalità ta' kull nisrani u lil kull waħda mill-kommunitajiet li jifformaw il-Poplu t'Alla, imma jibqagħlha dejjem bħala għan ewlieni tagħha li jkun hemm "merħla waħda taħt ragħaj wieħed."

STUDJU TAL-PROBLEMI TAL-KNISJA

Kien jixraq mela, li wara li tkellimna fuq il-knisja lokali jew id-djoċesi, nitkellmu fuq il-Knisja Universali u li l-aħħar sena tal-pjan pastorali ta' ħames snin tkun iddedikata għall-istudju tal-problemi li l-Knisja għandha quddiemha fid-dinja u biex inħeġġu lill-insara afdati f'idejna ħalli:—

* jinteressaw ruħhom minn dawn il-problemi
* u jagħtu sehemhom għas-soluzzjoni tagħhom.

≋ L-Isqof u l-Knisja Universali

U meta aħna ninsistu fuq dan is-sens tal-Knisja universali, aħna nħossu li qed inwettqu

wieħed mid-dmirijiet importanti tagħna bħala ragħajja tal-erwieħ.

Difatti l-Konċilju Vatikan II jgħallem illi l-Isqfijiet peress

"li huma membri tal-Kulleġġ Episkopali u suċċessuri leġittimi tal-Appostli, mill-istituzzjoni u mill-kmand ta' Kristu għandhom id-dmir li jkollho mħsieb għall-Knisja kollha". (7) Għalhekk għanhom iħabirku sabiex "il-fidili bil-ħeġġa jagħtu l-appoġġ tagħhom u jġibu l-quddiem l-opri tal-evanġelizzazzjoni u tal-apostolat" (8) anke fuq livel internazzjonali.

II PARTI

L-IMPENN TAL-KNISJA FIL-PROMOZZJONI TAL-BNIEDEM

Pero' l-Knisja hija l-kontinwazzjoni ta' Dak li fil-misteru tal-inkarnazzjoni sar bniedem fost il-bnedmin u li l-missjoni tiegħu hija miġbura fit-titlu li jingħata lilu jiġifieri "Salvatur tad-dinja" (9).

Ma jistax jonqos għalhekk, li l-Knisja titfa bħal Kristu l-ħarsa tagħha kollha ħniena fuq id-dinja u bil-ħila tagħha tipprova ssalva l-umanita'.

≋ IL-KNISJA: Qaddejja tal-Umanità

Il-Knisja fi żminijetna waslet biex tistqarr li hija "l-qaddejja tal-umanità" (10) u dan

deher ċar fil-Konċilju Vatikan II li fih l-ideja ta' servizz għandha post ċentrali.

Kif kien qal wisq tajjeb il-Papa Ġwanni XXIII,

> "għad li l-Knisja Mqaddsa għandha qabel kollox id-dmir li tqaddes l-erwieħ u tagħtihom sehem mill-ġid ta' ordni spiritwali, hija madankollu tħares ukoll lejn il-ħtiġijiet tal-ħajja ta' kuljum tal-bnedmin mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam mal-ikel u l-manteniment, imma wkoll lejn il-progress u l-prosperità fl-aspetti diversi tagħhom fiż-żminijiet kollha". (11)

≋ IL-KNISJA u l-Liberazzjoni

Il-Knisja tħoss li għandha d-dmir li tipproklama l-liberazzjoni ta' miljuni ta' bnedmin, nsara u mhux insara, li

1) qegħdin ibatu l-ġuħ, il-mard kroniku u l-faqar
2) jew li huma mċaħħdin mill-jeddijiet leġittimi tagħhom.

Hija tħoss ukoll id-dmir li tgħinhom sabiex din il-liberazzjoni mhux biss tinbeda fosthom iżda tkun ukoll sħiħa u titwettaq dejjem bħala parti mill-pjan tas-salvazzjoni li Alla ħejja għall-bnedmin.

> "Il-Knisja qed tipprova tħajjar numru dejjem ikbar ta' nsara li jiddedikaw ruħhom għal l-liberazzjoni tal-bnedmin. Lil dawk li jwettqu dan ix-xogħol hija toffrilhom l-ispirazzjoni tal-fidi, l-idejal tal-imħabba fraterna u t-tagħlim soċjali tagħha li ebda nisrani responsabbli ma għandu jittraskura. Anzi fuq dan it-tagħlim l-insara għandhom jibnu u jipperfezzjonaw it-tagħrif u l-esperjenzi tagħhom, hekk li jinqdew bih bħala ħmira, fl-għamliet kollha ta' ħidma soċjali, ta' parteċipazzjoni u ta' impenn li huma jwettqu". (12)

≋ IL-KNISJA fil-qalba tad-dinja

Fis-siegħa tal-lum, il-Knisja Universali hija mdaħħla b'ħafna modi, fl-impenn talpromozzjoni umana. Dan l-impenn għandu jiġ msaħħaħ, b'mod tali illi l-knejjes partikolari kollha u l-kommunitajiet nsara:—

1) jkollhom koxjenza tas-sitwazzjoni ta' miżerja, njoranza oppressjoni u nġustizzja soċjali li jeżistu fid-dinja,
2) jieħdu r-responsabilita tagħhom dwar dawn il-problemi
3) u jimpenjaw ruħhom li jsolvuhom fl-ispirtu tal-Vanġelu.

Il-missjoni tal-Poplu t'Alla, speċjalment fi żminijietna, hija dik li jkun preżenti fil-qalba tad-dinja, jxandar

lill-fqajrin l-aħbar it-tajba,

lill-imjassrin il-liberazzjoni,

lill-imdejqin il-ferħ nisrani.

B'dan il-mod, il-Knisja tkun isservi tabilħaqq bħala "sagrament universali tas-salvazzjoni, li jgħarraf u fl-istess ħin iwettaq il-misteru tal-imħabba t'Alla lejn il-bnedmin". (13)

≋ Il-Messaġġ ta' Kristu dwar l-Imħabba

L-aħbar it-tajba jew il-messaġġ li xandar Kristu huwa mibni fuq il-paternità t'Alla, jiġifieri li f'Alla għandna Missier li jħobbna u jieħu ħsiebna.

Iżda dan il-messaġġ mhux fuq Alla biss jitkellem iżda wkoll fuq il-bnedmin kollha, dawn lkoll huma aħwa bejniethom; il-paternità universali t'Alla li jgħallimna l-Vanġelu tfisser ukoll il-fraternità universali tal-bnedmin.

Ġesù għaqqad flimkien iż-żewġ preċetti tal-imħabba, meta mistoqsi minn wieħed millkittieba, liema wieħed fost il-kmandamenti kollha huwa l-ewwel. Hu ta din it-tweġiba: **"Għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek b'qalbek kollha...Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Ma hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn." (14)**

B'dan il-kliem Ġesù ma fehemx li jnaqqas l-importanza tal-imħabba lejn Alla, iżda ried jurina biċ-ċar li ma hemmx vera mħabba t'Alla jekk tkun nieqsa l-imħabba tal-proxxmu.

≋ Il-Kristjaniżmu: Programm ta' ħajja

Dan il-messaġġ ta' Kristu dwar il-karità, nistgħu nifhmuh aħjar jekk nirriflettu fuq dak li qal dwar l-aħħar Ħaqq: **"Tassew ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi".** (15)

Il-ħaqq isirilna fuq l-għemejjel tal-ħniena li nkunu wettaqna mal-proxxmu tagħna.

Il-Kristjaneżmu, allura:

* **mhux biss hu messaġġ** li għandna nemmnuh,

— iżda wkoll triq li jeħtieġ ngħaddu minnha,

* **mhux biss hu tagħlim** li għandna naċċettawh,

— imma wkoll programm ta' ħajja li għanna nwettquh.

Dawn iż-żgħar li fuqhom jitkellem Kristu huma l-bnedmin li qegħdin isofru, li llum isejħulhom wkoll emarġinati, għaliex is-soċjetà bosta drabi ma tagħtix każ tagħhom u twarrabhom.

Ġesù mhux biss jikkonsidrahom bħala ħutu iżda jidentifika ruħu magħhom, hekk li l-imġieba tajba tagħna magħhom, Ġesù iqisha bħala sinjal u espressjoni tal-imħabba tagħna lejh.

≋ Salvazzjoni integrali tal-bniedem.

Minn dan li għidna jirriżulta wkoll li l-messaġġ tas-salvazzjoni mxandar minn Kristu

* ma jirrigwardax biss is-salvazzjoni li tinkiseb wara l-mewt, fi żmien li għad irid jiġi,

* iżda hija salvazzjoni li tibda minn din il-ħajja.

Min jimxi wara Kristu, għalhekk, m'għandux jaljena ruħu mill-impenji li għandu f'din id-dinja, bl-iskuża li jrid jaħseb għad-dinja l-

oħra. Is-salvazzjoni mxandra minn Kristu hija:—

* **Salvazzjoni integrali** tal-bniedem,

* **Salvazzjoni tar-ruħ** u tal-ġisem tiegħu, li għandha bidu f'din id-dinja u tilħaq il-perfezzjoni tagħha wara l-mewt.

Hija salvazzjoni

1) **mhux biss eskatoloġika,** li għad trid tiġi fl-aħħar taż-żminijiet,

2) **iżda wkoll storika li** titwettaq bil-mod il-mod f'kull mument tal-eżistenza talbnedmin fuq din l-art, jiġifieri fis-sitwazzjoni attwali tal-umanità.

≋ Id-Dinjità tal-Persuna Umana

Mir-riflessjoni fuq dan il-messaġġ fundamentali tal-Vanġelu il-Knisja, speċjalment f' dan l-aħħar sekli, żviluppat t-tagħlim sublimi tagħha dwar il-personalità tal-bniedem, u insistiet fuq il-ħtieġa li l-persuna umana terġa tingħatalha dik id-dinjità u ġieħ li bihom ġiet imżejjna minn Alla sa mill-bidu. (16)

Infatti, Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbiha tiegħu nnifsu, u bħala turija ta' mħabba tah ruħ spiritwali, li ma tmut qatt, mogħnija:—

— bl-intelliġenża li tfittex il-verità

— u b'rieda ħielsa li tista twettaq it-tajjeb.

Issa jekk l-intelliġenza u l-imħabba talbniedem għandhom xebħ mal-istess intelliġenza u mħabba t'Alla, huwa fuq kollox bis-setgħa li jiddeċiedi liberament, li l-bniedem jasal għal

din id-dinjità li jkun xbieha t'Alla, għaliex bir-rieda ħielsa tiegħu huwa jrieġi lilu nnifsu b'ċerta awtonomija u jiddomina fuq il-ħolqien.

Kristu, mbagħad bl-opra tiegħu tal-fidwa

* **għolla** lil bniedem hekk li "meta wieħed jingħaqad ma Kristu isir ħolqien ġdid;" (17)

* **ħelsu** mill-jasar tad-dnub;

* **fdalu** il-mezzi meħtieġa biex bihom jikseb il-fini sopranaturali li għalih ġie maħluq jiġifieri l-hena tal-Ġenna;

* **reġa' tah** il-ġieħ ta' iben t'Alla, li l-bniedem kien tilef. "Araw b'liema għożża ħaobna l-Missier; nistgħu nissejħu wlied Alla u tassew aħna". (18)

"Jekk inħarsu lejn id-dinjità tal-persuna umana fid-dawl tal-verità rivelata, ikollna nistmawha wisq iżjed minn qabel, għaliex il-bnedmin huma mifdija biddemm ta' Ġesù Kristu, u bis-saħħa talgrazzja jsiru wlied Alla, ħbieb tiegħu u werrieta tal-glorja ta' dejjem." (19)

Bir-raġun mela, il-Papa Pawlu VI stqarr li ebda antropoloġija jew studju fuq il-bniedem ma jaslu biex jilħqu dik l-istima tal-persuna umana li għandha l-Knisja mhux biss f'dak li jirrigwarda l-oriġinalità u l-immortalità tal-individwu, iżda wkoll f'dak li għandu x' jaqsam mad-drittijiet fundamentali tiegħu u l-aspirazzjoni għall-iżvilupp sħiħ tiegħu. (20)

Il-Knisja għalhekk, ma tistax ma żżommx quddiem għajnejha l-ħtiġijiet l-iktar essenz-

jali tal-umanità waqt li tistieden lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba biex jagħtu s-sehem tagħhom ħalli jittaffew dawk il-kundizzjonijiet li qegħdin jagħmlu għajb lil persuna umana ta' ħafna minn ħutna.

≋ Il-Problema tal-ġuħ u l-Injoranza

≋ Il-Ġuħ

U l-ewwel problema li qed joħloq kriżi fid-dinja tal-lum huwa dak **tal-ġuħ**. Veru li l-bniedem ma jgħix bil-ħobż biss; iżda l-ħobż jew xi għamla oħra ta' ikel huwa ndispensabbli biex jista' jgħix.

Pero' llum d-dinja waslet fi stat illi mhix tipproduċi ikel biżżejjed biex tmantni l-bnedmin kollha li jinsabu fiha.

Skond studji li saru reċentement, (21)

— iżjed minn 400 miljun m'humiex isibu l-minimum ta' ikel meħtieġ għal bniedem normali.

— Bejn 25 u 75 miljun bniedem bħalissa qegħdin fil-periklu li jmutu bil-ġuħ.

— Nistgħu ngħidu li żewġ terzi tal-popolazzjoni tad-dinja qegħdin isofru minn dan in-nuqqas ta' ikel.

Din il-ġeografija tal-ġuħ tidher li qegħda tikber fid-dinja u diġà tinkludi ħafna żoni fl-Asja, fl-Afrika, fl-Amerika ta' Isfel u tan-nofs.

F'ħafna każijiet huwa ġuħ fil-veru sens tal-kelma, dovut għan-nuqqas ta' ikel jew ikel ta' kwalità mill-agħar.

— huwa ġuħ permanenti li jakkompanja lill-bnedmin mit-twelid sal-qabar,

— ġuħ li jġib miegħu mard u epidemji ta' kull xorta u l-mewt f'għomor qasir.

Fi ftit kliem huwa ġuħ li jitfa' lill-bniedem li jġarrbu f'kundizzjoni iktar baxxa minn dik tal-bhejjem u jwassal għad-disperazzjoni.

> "Jekk aħna m'għandniex s-setgħa mirakulusa ta' Kristu li nkattru materjalment il-ħobż għal-ġuħ tad-dinja, nistgħu pero' nilqgħu f'qalbna t-tnehida li ġejja millfolol magħfusin bil-miżerja u nħossuha tidwi fina bl-istess ħniena tal-qalb divina u umana ta' Kristu: Nitħassarhom lil dawn in-nies, għax ... ma għandhom xejn x'jieklu (22).
>
> Jeħtieġ li l-karita ssaltan fid-dinja u tirsisti sakemm jirnexxilha tneħħi minn fuq iċ-ċiviltà tagħna, il-għajb tal-miżerja."

Dan huwa l-appell li jagħmlilna l-Papa (23) u jeħtieġ li nisimgħuh.

≋ L-Injoranza

Għamla oħra ta' miżerja umana hija l-**injoranza u l-analfabetiżmu.** Il-bniedem m' għandux jitqies biss bħala magna li tipproduċi oġġetti utli jew li tagħti servizz lis-soċjetà.

Il-bniedem sabiex jista' jżomm id-dekor tiegħu bħala persuna umana, għandha tingħa talhu kull għajnuna ħalli jkun jista' jikkoltiva l-intelliġenza tiegħu u jeduka lilu nnifsu.

Dan ma jfisserx biss li wieħed jitgħallem jikteb u jaqra bl-ilsien tiegħu, iżda jfisser ukoll li jkollu aċċess għal dawk il-mezzi tal-kultura biex ikun jista' jinqeda bihom skond il-kapaċitajiet intelletwali tiegħu u skond kif tirrikjedi s-soċjeta tal-lum.

L-analfabetiżmu għalhekk, huwa offiża kontinwa kontra d-dinjità tal-bniedem, għaliex iżommu l-bogħod minn dak il-livell ta' istruzzjoni u edukazzjoni li għandu dritt għalih kull min hu ċivilizzat.

Jekk imbagħad inħarsu lejn l-analfabetiżmu mil-lenti reliġjuż, naraw fih tfixkil kbir għar-reliġjon, għaliex min ikun fid-dlam tal-injoranza,

* mhux lakemm jaċċetta l-fidi u l-valuri nsara,
* ibati wisq biex jifhem il-messaġ tal-Kristjaneżmu,
* ftit iħoss il-ħtieġa ta' affarijiet spiritwali
* u jkun espost kontinwament għall-materjaliżmu prattiku għax ħafna drabi jikkontenta ruħu biss bl-ikel u t-tpaxxija tal-ġisem.

Kif igħidilna l-Appostlu San Ġuda, **"Dawn in-nies iżebilħu saħansitra dawk il-ħwejjeġ li ma jifhmux fihom, u dak kollu li jafuh minnatura bħall-bhejjem bla dehen jiswielhom għat-telfien."** (24)

Għalhekk għalina l-insara, il-lotta kontra l-analfabetiżmu hija lotta favur il-persuna umana u favur il-valuri spiritwali u reliġjużi.

Kif igħallimna l-Konċilju:

"Għandu jiġi provdut għal kulħadd qies biżżejjed tal-ġid tal-kultura, l-aktar ta' dak il-ġid li jifforma l-kultura msejħa fundamentali, biex għadd l-aktar kbir ta' bnedmin, minħabba li ma jafux jaqraw jew għax ma għandhom l-ebda attività responsabbli, ma jiġux miżmuma milli jagħtu sehemhom ta' bnedmin, għall-ġid ta' kulħadd". (25)

≋ Il-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem

Fl-irkejjen kollha tad-dinja, ħafna llum jitkellmu dwar il-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, li kienu wkoll wieħed mit-temi tat-taħdidiet fil-Konferenza ta' Helsinki.

Dawn il-jeddijiet tkellem b'mod ċar dwarhom u nsista fuqhom il-Papa Ġwanni XXIII, fl-enċiklika tiegħu "Pacem in Terris" (26). Fost dawn insibu:—

1) IL-JEDD GĦALL-ĦAJJA li tixraq lill-bniedem,
2) IL-JEDD GĦAT-TAGĦLIM,
3) IL-JEDD LI WIEĦED IQIM LIL ALLA skond il-ġudizzju tal-kuxjenza retta,
4) ID-DRITT TAL-GĦAŻLA TAL-ISTAT TAL-ĦAJJA PROPJA,
5) ID-DRITT GĦAX-XOGĦOL U GĦALL-INIZJATTIVA fil-qasam ekonomiku,

6(ID-DRITT TAL-PROPRJETA' PRIVATA, TAL-ASSOĊJAZZJONI U TAL-PARTEĊIPAZZJONI fil-ħajja pubbliika.

Dawn huma jeddijiet li jmissu lil kull bniedem, huma x'inhuma r-razza jew il-ġens tiegħu, għax il-bnedmin kollha f'din il-ħaġa huma ugwali, kollha maħluqa minn Alla u xbiha tiegħu.

> "Fil-jeddijiet fundamentali tal-persuna — igħidilna l-Konċilju — għandha tintrebaħ u titneħħa kull xorta ta' differenza fit-trattament, sew soċjali sew kulturali, minħabba s-sess, ir-razza, il-kulur, il-kundizzjoni soċjali, l-ilsien u r-reliġjon, għaliex din id-diskriminazzjoni hija kuntrarja għall-ħsibijiet t'Alla." (27)

≋ Ġustizzja fis-Soċjetà

Għaldaqstant, barra mill-imħabba li tgħallimna nħennu għall-proxxmu tagħna jeħtieġ li fis-soċjetà jkun hemm ukoll il-ġustizzja, li biha kulħadd jingħata dak li ħaqqu u fuqha jinbnew skond id-dritt, ir-relazzjonijiet tajba fost il-bnedmin.

B'hekk kull wieħed igawdi fil-ħlusija l-jeddijiet tiegħu, però dejjem b'sens ta' responsabiltà u bir-rispett sħiħ lejn il-jeddijiet ta' ħaddieħor.

B'dan il-mod biss jista' jitwaqqaf u jissaħħaħ ordni soċjali, li fih il-bnedmin isibu paċi dejjiema.

Iżda d-dinja għandha 'l bogħod ħafna minn dan l-idejal ta' ġustizzja u ta' paċi fost il-bnedmin. Hija tassew ħaġa ta' swied il-qalb, li minkejja l-progress li bih tiftaħar l-epoka tagħna, il-jeddijiet fundamentali tal-persuna, għadhom mhux kullimkien imħarsa kif jeħtieġ li jkunu.

Bħala eżempji ta' dan li għidna, nistgħu nsemmu lista sħiħa ta' delitti li jmorru kontra l-ħajja, il-libertà leġittima u d-drittijiet tal-bniedem.

Huma ġrajjiet ta' żminijietna,

- l-atti ta' vjolenza,
- il-qtil tat-trabi qabel it-twelid jew l-abort,
- l-isfruttament tan-nisa u ta' tfal ta' taħt l-età;
- il-ħtif ta' persuni nnoċenti,
- it-torturi fiżiċi u psikoloġiċi,
- il-kampijiet ta' konċentrament,
- u l-persekuzzjonijiet.

Hawn ta' min ifakkar fil-kliem tal-Papa Pawlu VI:

> "Il-Knisja li qabel xejn u fuq kollox tfittex li tiddefendi d-drittijiet t'Alla, ma tistax tibqa' lura fejn jidħlu d-drittijiet tal-bniedem, maħluq fuq ix-xbiha t' Alla.
>
> Hija thossha nġurjata kull darba li jkunu minsija jew mirfusa d-drittijiet

tal-bniedem, hu min hu u kull fejn ikun.' (28

III PARTI

X'NISTGĦU NAGĦMLU AĦNA

Wara li tajna ħarsa lejn il-qagħda tal-umanità u għarafna li bosta bnedmin qegħdin f'kundizzjonijiet li ma jixirqux lid-dinjità tagħhom, għax huma mċaħħdin minn jeddijiet l-iktar elementari, tiġi weħidha l-mistoqsija: **"X'nistgħu nagħmlu aħna?"**

≋ Nifhmu l-ħidma tal-Knisja

Qabel xejn l-insara tal-lum jeħtieġ li jifhmu kif il-Knisja, bil-preżenza tagħha fost il-ġnus kollha, qed tagħmel ħilitha sabiex skond il-pjan t'Alla, issalva l-umanità.

Hija għandha d-dmir li xxandar il-messaġġ tas-salvazzjoni tal-bniedem integrali, ruħ u ġisem u għalhekk filwaqt li tħabrek biex tqaddes l-erwieħ bit-tagħlim tal-fidi u bis-sagramenti, ma tonqosx li tgħin ukoll il-bnedmin fi-isforzi tagħhom għal żvilupp xieraq.

L-insara għandhom iżommu ruħhom informati bid-dinamiżmu kollu tal-Knisja u għalhekk għandu jinteressahom mhux biss dak li qegħda twettaq f'pajjiżhom, iżda wkoll f'pajjiżi oħra.

≋ Ngħinu fil-ħidma tal-Knisja

Bħala wlied tal-Knisja, aħna għandna

nieħdu sehem fil-lotta nisranija għal-liberazzjoni u l-promozzjoni tal-bniedem, li qegħda tmexxi hija, ispirata dejjem mit-tagħlim tal-Vanġelu Mqaddes u mill-karità ta' Kristu.

It-tħassib tagħha għandu jkun it-tħassib tagħna. Is-sejħat li jagħmlulna l-mexxejja tagħha għandna nilqgħuhom bil-qalb u nfittxu li nwettquhom kif imiss.

≋ Ġustizzja u Karità Soċjali

Nikkoltivaw il-virtù tal-ġustizzja soċjali li tgħallimna nirrispettaw lill-oħrajn u naħdmu għall-ġid komuni a' kulħadd.

Imma fuq kollox, nikkoltivaw fina l-karità soċjali, li tfisser ukoll imħabba tal-aħwa għax din il-virtù li twassalna biex nagħdru lill-proxxmu tagħna u nħabirku għal veru progress tal-bnedmin.

Fost iż-żgħar u l-kbar, hija meħtieġa edukazzjoni kontinwa li tifformahom sabiex

1) mhux biss jiddefendu l-jeddijiet fondamentali tagħhom u jirrispettaw dawk ta l-oħrajn;
2) iżda wkoll ħalli jħossu fil-kuxjenza u jieħdu fuqhom id-dmirijiet li jikkorrispondu għal kull wieħed mill-jeddijiet tal-bniedem.

Din hija ħidma ċivika u morali li għaliha għandhom iħabirku l-individwi u l-għaqdiet. (29)

≋ Nintebħu bit-tibdil fid-dinja

Ħafna kuxjenzi huma mitlufin f'nagħsa ħelwa, iżda perikoluża, mhumiex qegħdin jintebħu bil-kambjamenti kbar li qed jiġru fiddinja u l-anqas qegħdin jisimgħu l-karba ta' min hu bil-ġuħ, abbandunat fl-injoranza u ddisprezzat.

Hemm bżonn li qabel ma jkun tard iżżejjed, nies li għandhom dawn il-kuxjenzi jistembħu u jindunaw li sa issa kienu jgħixu fil-passat imbiegħed u ikkuntentaw ruħhom bil-ħolm u bi proġetti li għaż-żminijiet tal-lum huma bluha.

≋ Id-dnubiet ta' l-Omissjoni

Huwa meħtieġ eżami ta' kuxjenza dwar id-dnubiet ta' l-omissjoni, rigward dak li kellna nagħmlu u m'għamilniehx, fejn jidħlu l-ħtiġijiet tal-proxxmu tagħna.

Fil-kuxjenza tiegħu, ebda nisrani ma jista' jibqa' ndifferenti u ma jieħu ebda pass, meta ħutna l-bnedmin qegħdin imutu bil-ġuħ jew qed iġarrbu l-inġustizzji li jsiru magħhom.

Jista' jkun li forsi anke qrib tagħna, hemm min qed iġarrab xi pwieni jew xi tbatija u jeħtieġ l-attenzjoni u l-għajnuna tagħna.

Però l-karità tagħna m'għandhiex tkun meħdija u limitata biss għal ftit każijiet li nistgħu nieħdu f'idejna direttament; il-karità tagħna għandha tħaddan il-bnedmin tad-

dinja kollha u għalhekk irridu ninteressaw ruħna anke f'dak li qed jiġri l-bogħod minna.

≋ Ħtieġa ta' taħdidiet

Sabiex tixtered iktar l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-bnedmin ħutna u jikber l-interess tagħna fihom huwa utli ħafna li jsiru taħdidiet, diskussjonijiet u laqgħat dwar il-problemi li għandha quddiemha l-umanità.

LGħaqdiet Kattoliċi u oħrajn ikunu qed jagħmlu ħidma siewja u edukattiva jekk jorganizzaw laqgħat ta' din l-għamla.

≋ Sejħa liż-Żgħażagħ

B'mod partikolari s-sejħa tagħna hija ndirizzata liż-żgħażagħ, ġuvintur u xebbiet. Huma għandhom riżorsi kbar ta':

— intelliġenza
— dinamiżmu
— u ġenorożità.

Jeħtieġ li l-isbaħ snin ta' ħajjithom u l-enerġiji li għandhom ma jaħluhomx f'divertiment bla rażan jew fi proġetti egojistiċi; iżda fuq l-eżempju ta' ħafna bħalhom minn artijiet oħra, jaħsbu serjament x'jistgħu jagħmlu personalment għall-proxxmu tagħhom fil-bżonn.

Bit-tama li l-Ispirtu Santu jżomm ħajja fikom il-karità nisranija, inberkukom b'qalbna kollha.

22 ta' Frar 1976.

RIFERENZI:

(1) Kostituzzjoni: "Lumen Gentium" n. 13.
(2) Kost: "Lumen Gentium" n. 33.
(3) Kost: "Gaudium et Spes" n. 88.
(4) Kost: "Lumen Gentium" n. 28.
(5) Digriet: "Presbyterorum Ordinis" n. 6.
(6) Sinodu tal-Isqfijiet 1971: Dwar is-saċerdozju Ministerjali p. I. n. 6.
(7) Kost: "Lumen Gentium" n. 23.
(8) Digriet: "Christus Dominus" n. 6.
(9) Ġwann 4, 42.
(10) Il-Papa Pawlu VI: Omelija tas-7 ta' Diċembru, 1965.
(11) Enċiklika: "Mater et Magistra" n. 3.
(12) Eżortazzjoni: "Evangelii Nuntiandi" n. 38.
(13) Kost: "Gaudium et Spes" n. 45.
(14) Mark 12. 28-31.
(15) Matt. 25, 40.
(16) Il-Papa Piju XII: Messaġġ tal-Milied 1942.
(17) II Korint. 5. 17.
(18) I Ġwann 3. 1.
(19) Enċiklika "Pacem in Terris" n. 9.
(20) Il-Papa Pawlu VI; diskors 4 ta' Settembru 1968.
(21) Catholic Canadian Conference "Sharing Daily Bread", 1974.
(22) Mark 8, 2.
(23) Messaġġ tal-Milied 1963.
(24) Ittra ta' S. Ġuda 10.
(25) Kost: "Gaudium et Spes" n. 60.
(26) Enċiklika: "Pacem in Terris" n. 10-24.
(27) Kost: "Gaudium et Spes" n. 29.
(28) Ittra lis-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda A.A.S. 1972 p. 215.

(29) Il-Papa Pawlu VI: Allokuzzjoni 7 ta' Novembru, 1975.

Fil-jiem tal-btala u wara s-sigħat taxxogħol fl-uffiċċju jew fl-impjieg tagħhom, ħafna nies jibqagħlhom ħafna ħin liberu li fih jistgħu jieħdu l-mistrieħ, jaqdu d-dmirijiet reliġjużi tagħhom, jiltaqgħu ma' ħbiebhom, jiddevertu onestament, jitgħallmu xi ħaġa li tinteressahom u b'hekk ikabbru l-kultura tagħhom jew inkella jwettqu xi għemil ta' ħniena għall-ġid tal-proxxmu.

Fis-soċjetà industrijali, li teżisti f'ħafna pajjiżi ewropej, dan il-ħin liberu mhux biss jingħata lil kull kategorija ta' nies, iżda malmixja tal-progress tekniku, ġew ivvintati għamliet ġodda ta' divertiment.

Bla dubju ta' xejn, dawk li jgħaddu l-parti l-kbira tal-ġurnata jaħdmu jew jistudjaw, għandhom id-dritt għal dan il-ħin liberu.

● **Jedd u Bżonn**

Il-Papa Ġwanni XXIII, igħidilna li

"huwa wkoll jedd, anzi bżonn għallbniedem, li kull tant żmien jieqaf mixxogħol, mhux biss biex iserraħ 'il ġismu għajjien u jirrikreja ruħu onestament, imma wkoll għall-ġid tal-għaqda tal-familja, li teħtieġ li l-membri tagħha jiltaqgħu sikwit u jgħixu flimkien filkwiet". (1)

Il-Konċilju Vatikan II meta jitkellem dwar il-ħaddiema, jafferma li

"huma għandhom igawdu mistrieħ u żmien liberu biex jieħdu ħsieb il-ħajja tagħhom familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża. Anzi għandu jkollhom ukoll possibilità li jagħtu rwieħhom minn rajhom biex jiżviluppaw forzi u kapaċitajiet li forsi fix-xogħol tagħhom professjonali ftit jistgħu jiżviluppaw". (2)

I PARTI

IL-ĦIN LIBERU SKOND IL-PJAN T'ALLA

L-EWWEL SKOP: IL-MISTRIEĦ TAL-ĠISEM U TAR-RUĦ

Iżda biex inkunu nistgħu ngħidu kif jista' jsir użu tajjeb minn dan il-ħin liberu, jaqbel

li qabel xejn naraw il-post li huwa għandu fil-ħajja tal-bniedem, skond il-pjan t'Alla l-Imbierek.

Il-bniedem, maħluq fuq xbieha t'Alla, iwettaq ir-rieda tal-Mulej, meta huwa jkompli jipperfezzjona l-opra tal-Ħallieq u jipprova jixbhu f'żewġ atteġġjamenti fondamentali: **ix-xogħol** u **l-mistrieħ.** Fil-Ktieb tal-Ġenesi, infatti naqraw li

> **"fis-seba' jum Alla temm il-biċċa xogħol li għamel u waqaf mill-ħidma tiegħu".** (3)

Jekk narawha minn dan l-aspett, il-ħajja tal-bniedem tieħu tifsira oħra aktar profonda, **ċioe'**

* il-bniedem mhux magħmul għax-xogħol biss, għad li dan hu meħtieġ għall-mantenimeńt tiegħu,
* iżda magħmul ukoll għall-attivitajiet oħra li bihom huwa jipperfezzjona ruħu bħala persuna umana.

● **Mistrieħ xieraq**

Wieħed jintebaħ mingħajr diffikultà, li skond il-pjan t'Alla, wieħed mill-iskopijiet ewlenin li għandu l-ħin liberu, huwa sabiex min jaħdem jieħu l-mistrieħ xieraq tiegħu. Kif naqraw fl-enċiklika Rerum Novarum (4)

> "Mhix ħaġa ġusta u anqas umana li tippretendi mill-bniedem tant xogħol, li mħabba l-għejja żejda, iċajparlu moħħu u jifnilu 'l ġismu. L-attività tal-bniedem

> hija limitata, bħal ma hija n-natura tiegħu. It-twettiq tal-ħidma jipperfezzjona lill-bniedem, basta kull tant ħin, dina tieqaf biex ikun hemm il-mistrieħ.
>
> "Ix-xogħol, għalhekk, ma għandux jiġi mtawwal iżjed milli jifilħu l-forzi ta' min jaħdem. Il-kwantità ta' mistrieħ tista' tiġi determinata skond il-kwalità tax-xogħol, iċ-ċirkustanzi taż-żmien u tal-post, u skond l-istess komplessjoni u saħħa tal-ħaddiema".

Fi kliem ieħor, wara li jiġu meħuda f'kunsiderazzjoni

— it-tbatija partikulari li ċertu xogħol iġib miegħu,

— kif ukoll il-kundizzjonijiet atmosferiċi, jiġifieri sħana jew kesħa kbira,

— u anke l-istat ta' saħħa fiżika u mentali li fih ikun jinsab kull individwu li jaħdem,

jeħtieġ li jinstab ħin liberu u jkun hemm mistrieħ biżżejjed sabiex il-bniedem jerġa' jikseb l-enerġija li jkun tilef fuq ix-xogħol jew studju tiegħu.

● **L-Għażż**

Però, dan ma jfissirx li wieħed għandu jgħaddi l-ħin liberu kollu tiegħu billi joqgħod ma jagħmel xejn. Il-bniedem għaqli jagħraf is-siwi taż-żmien u għalhekk joqgħod attent biex ma jaqgħax fil-għażż li huwa l-missier tal-vizzji kollha. Barra minn hekk, iż-żmien moħli fix-xejn jispersonalizza lill-bniedem u

jdagħajjef il-qawwa tal-intelliġenza u tarrieda tiegħu.

Jaqbel, għalhekk, li wieħed japprofitta ruħu anke miż-żmien liberu tiegħu, sabiex fih iħaddem it-taleńti li rċieva minn għand Alla għalll-ġid tiegħu nnifsu u tas-soċjetà li jgħix fiha.

● **Il-mistrieħ f'hiex jikkonsisti?**

Il-mistrieħ li jeħtieġ il-ħaddiem, bħala persuna mżejna bir-raġuni, ma jikkonsistix biss fl-irqad u fit-trankwillità li bihom tintrebaħ il-għejja tal-ġisem, kif jiġri fil-ħajja tal-annimali l-oħra.

Il-mistrieħ tal-bniedem jikkonsisti wkoll filli huwa jkollu kompensazzjoni għat-tensjonijiet u għall-konflitti li jistgħu jinbtu fir-ruħ tiegħu bħala konsegwenza tax-xogħol speċjalment dak magħmul b'ritmu mgħaġġel ħafna jew taħt pressjoni; konflitti, li minn xi daqqiet iwasslu wkoll għal kriżi nevrotika.

1) **Teħles mir-rabta**

Fil-waqt li fuq ix-xogħol, il-ħaddiem jew impjegat huwa obbligat jagħmel dak li jrid minnu ħaddieħor u jħossu marbut bl-esiġenzi tal-impjieg tiegħu, fil-ħin tal-mistrieħ tiegħu, huwa ħieles li jagħmel dak li l-iktar jogħġob lilu mingħajr indħil ta' ħaddieħor u hekk iħoss li qiegħed igħix iktar intensament il-libertà tiegħu.

2) **Teħles mir-rutina**

Ir-ripetizzjoni tal-istess ġesti ugwali għall-eluf ta' drabi kuljum u r-rutina tal-istess problemi jistgħu jġibu magħhom monotonija fil-ħajja tax-xogħol; iżda fil-ħin liberu tiegħu, il-bniedem jirbaħ din il-monotonija għax jorganizza huwa stess u kif irid l-okkupazzjonijiet varjati tiegħu.

3) **Teħles mill-istess ambjent**

Fuq ix-xogħol, aktarx imwettaq għal żmień twil fl-istess ambjent, il-ħaddiem iħabbat wiċċu ma' l-istess grupp ta' ħaddiema sħabu, li mhux kollha jista' jsejħilhom ħbieb tiegħu; iżda fil-ħin liberu tiegħu jagħżel huwa nnifsu l-post fejn imur jiddeverti u l-ħbieb li magħhom jiltaqa'.

● **Il-mistrieħ: espressjoni tal-libertà.**

Fil-ħin liberu, il-ħaddiem jintebaħ li ma huwiex biss fattur ta' produzzjoni, qisu magna li tipproduċi oġġetti jew li toffri servizzi għall-oħrajn, iżda jista' wkoll jixxiegħel f'xi attivitajiet unikament għas-sodisfazzjon personali tiegħu.

F'dan is-sens nistgħu ngħidu, li l-ħin liberu, wisq iktar mix-xogħol ta' kuljum, huwa espressjoni tal-libertà tal-individwu.

IT-TIENI SKOP: ID-DMIRIJIET RELIĠJUŻI

Il-ħin liberu, skond il-pjan t'Alla, għandu jservi wkoll sabiex il-bniedem ikun jista'

jwettaq id-dmirijiet reliġjużi tiegħu. L-insara għandhom jiftakru li r-relazzjonijiet tal-ħajja tagħhom għandhom ikunu mibnija fuq il-karità, ħekk li l-imġieba tagħhom fil-privat u fil-pubbliku tkun imdawwla kontinwament mill-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu.

Però, il-bniedem li jistinka bla serħan biex javanza finanzjarjament jew fil-kamp tal-kultura, u mbagħad m'għandux żmien

— biex jitlob,
— biex iqaddes il-jum tal-Ħadd,
— biex jisma' l-kelma t'Alla u jirrifletti fuqha,

jibda jingħalaq fil-qoxra tal-egoiżmu tiegħu u jeskludi mill-ħajja tiegħu l-kmandament ewlieni tal-karità.

Min wasal f'dan l-istat, lanqas jistħoqqlu iżjed l-isem ta' nisrani.

● **Il-Ħarsien tat-Tielet Kmandament**

Ikunu kemm ikunu kbar l-impenji li jkollna fil-ġirja tagħna għall-progress ekonomiku u kulturali, ma nistgħu qatt ninsew ir-relazzjoni li għandna m'Alla u nittraskuraw dmirijietna lejH.

Ta' min isemmi hawnhekk it-twiddiba tal-Papa Ġwanni XXIII:

"Biex tħares id-dinjità tal-bniedem imżejjen b'ruħ maħluqa fi xbieha ta' Alla, il-Knisja dejjem saħqet u għadha tisħaq

fuq il-ħarsien tat-tielet kmandament: **Ftakar f'jum is-Sibt biex tqaddsu.** (5)

"Alla għandu l-jedd u s-setgħa li jitlob mill-bniedem jum fil-ġimgħa biex fih dan jagħtih il-ġieħ li ħaqqu u jaħseb fiH; biex f'dan il-jum jidħol daħla fih innifsu u jerfa' ħsiebu lejn il-ħwejjeġ tas-sema; jgħarbel l-kuxjenza tiegħu biex jara f' hiex hu ma' Alla fid-dmirijiet li għandu lejH". (6)

● **Il-Ħadd: Jum il-Mulej**

U la qegħdin nitkellmu fuq dan is-suġġett, nixtiequ nżidu kelma oħra dwar it-tifsira tal-ġurnata tal-Ħadd, Jum il-Mulej, li għal ħafna nies sar jum li fih jixxalaw bla rażan, iberbqu flushom u l-enerġija tagħhom, barra milli jesponu lilhom infushom għal ħafna perikli tar-ruħ u tal-ġisem.

Għalina l-insara, il-jum tal-Ħadd ifisser li kif bix-xogħol nieħdu sehem fit-tbatijiet ta' Kristu, hekk bil-mistrieħ tal-jum tal-Ħadd, u biċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, inġeddu t-tama tagħna fis-sehem li għad ikollna fir-Riżurrezzjoni Tiegħu, għax Huwa wkoll, wara l-ħidma tar-redenzjoni, li fiha bata u ġie umiljat, strieħ fil-glorja tal-Missier tiegħu.

Santu Wistin (7) isejjaħ "sagrament" il-jum tal-Ħadd, għaliex fih mhux biss issir it-tifkira ta' Kristu, iżda nħossu wkoll il-preżenza tiegħu. Dan il-jum huwa fl-istess ħin wegħda u preludju ta' ħajja ġdida fl-eternità.

● **Il-Ħadd: L-akbar jum ta' Festa**

Għalhekk il-liġi li nħarsu jum il-Mulej, m'għandniex inqisuha bħala sikkatura qisha kienet xi obbligu li jdejjaqna għax impost fuqna bla ħtieġa, iżda għandna nħarsu lejha bħala rigal ta' ġurnata ta' ferħ li jagħtina Missierna tas-smewwiet.

Il-Konċilju jfakkarna din il-verità meta jgħidilna:

> "Il-Ħadd hu l-akbar jum ta' festa: u dan wieħed għandu jgħidu u jisħaq fuqu fil-ħajja tajba tal-fidili biex ikun ukoll jum ta' ferħ u ta' mistrieħ mix-xogħol". (8).

IT-TIELET SKOP: AWTO-ISTRUZZJONI KULTURALI

Il-ħin liberu għandu valur ieħor fundamentali fil-ħajja għaliex fih jistgħu jiġu żviluppati ideat u atteġġjamenti li jwasslu għallmaturità tal-persuna umana.

Jekk isir użu tajjeb tiegħu, jista' jilħaq ukoll l-iskop tal-perfezzjonament integrali tal-bniedem, mhux biss f'dak li jirrigwarda l-ħarsien tas-saħħa tal-ġisem, iżda wkoll fejn tidħol il-perfezzjoni tal-intelliġenza u tarrieda tal-bniedem.

Huwa fatt li l-kultura li wieħed ikollu tiddependi ħafna mill-esperjenzi, mill-kuntatti u mir-riċerki li jagħmel fil-ħin liberu tiegħu.

Huwa fatt ukoll li xi opri tal-arti u whud mis-sejbieť tax-xjenzi kellhom bidu minn attivitajiet li wettqu nies ta' talent barra millħin tal-okkupazzjonijiet normali tagħhom.

Il-bniedem, min-natura tiegħu, ifittex tweġiba biex jifhem x'inhi u mnejn ġejja kull ħaġa. Huwa jistaqsi lilu nnifsu sewwa dwar it-tifsira tal-eżistenza tiegħu kif ukoll dwar il-fenomini tal-ħolqien.

Huwa mbagħad jipprova jirrappreżenta l-ordni u s-sbuħija, kif ukoll id-diżordni u l-kruha li jilmah madwaru permezz tal-espressjoni li joħloq huwa stess; u din tista' tkun mużika jew forma letterarja, kulur jew sura, żifna jew drama.

Ix-xjenzati u l-artisti huma bħal medjaturi bejn il-ħolqien u s-soċjetà tal-bnedmin. Wara li jkunu fehmu u tgħaxxqu bil-verità u s-sbuħija li hemm fin-natura, huma jippruvaw ukoll bil-mezzi tagħhom, li jwasslu dan il-messaġġ ta' verità u ta' sbuħija lill-bnedmin l-oħra.

Dawn il-medjaturi jagħtu servizz millaqwa lill-umanità meta joffrulha ideali ġenwini ta' verità u ta' sbuħija; iżda daqshekk ieħor jistgħu jagħmlu ħsara jekk jiżbaljaw filġudizzju tagħhom u jħajjru lill-oħrajn għal dak li jbaxxi d-dinjità tal-bniedem.

● **Kultura Nisranija vs Kultura Pagana**

Il-kultura, għalhekk, għandha iżjed minn

tifsira waħda u jista' jkollha effetti diversi.

* Hemm għamliet ta' kultura li jgħollu lill-bniedem,
  — hemm oħrajn li jbaxxuh;
* Hemm għamliet kulturali li jqarrbuna lejn Alla, il-Bidu ta' kull verità u kull sbuħija,
  — hemm oħrajn li jbegħduna Minnu;
* Hemm kultura nisranija
  — u hemm ukoll kultura pagana, skond kemm taqbel u ma taqbilx mal-valuri li għallimna Kristu.

A propożitu ta' dan, il-Konċilju jgħidilna:

> "Il-Knisja tfakkar lil kulħadd li l-kultura għandha tfittex il-persuna sħiħa tal-bniedem, il-ġid tal-kommunità u l-għaqda kollha tal-bnedmin. Għalhekk, jeħtieġ li l-ispirtu jkun koltivat b'manjiera li jkun jista' japprezza, jifhem, jirrifletti, jagħmel ġudizzju personali u jgħożż is-sens reliġjuż, morali u soċjali". (9)

● L-influwenza tal-Kultura

Wieħed jifhem aħjar kemm hi flokha din it-twissija, meta jġib quddiem għajnejh l-influwenza enormi li għandu l-messaġġ kulturali fuq il-mentalità u l-ħajja tal-lum. Il-ħsieb tal-bnedmin, l-aspirazzjonijiet, l-imġieba u d-drawwiet tagħhom, jiddependu ħafna minnu u jinbidlu aktarx skond il-kurrenti tax-xjenza u tal-arti.

Fi żminijietna, l-użu tal-mezzi tal-komu-

nikazzjoni soċjali saret esperjenza ta' kuljum, il-ġurnali, ir-radju, it-televiżjoni u l-films, iwasslu kontinwament lil miljuni ta' bnedmin il-kontribut kulturali tagħhom u jagħmlu dan b'mod l-iktar effiċjenti jekk mhux ukoll bi vjolenza psikoloġika fuq il-massa tal-poplu li tilqa' l-messaġġ tagħhom.

Għalhekk, hija parti mill-proċess ta' maturazzjoni tal-bniedem modern, li jżomm ruħu aġġornat skond il-kultura ta' żmienna, u hekk, bil-mod il-mod, jiskopri l-verità u s-sbuħija biex iħaddanhom u jgawdihom, filwaqt li jagħraf ukoll l-inganni u l-kruha biex jikkumbattihom u jżommhom bogħod minnu.

● Il-kultura għandha tirrispetta l-ordni morali

Dan ifisser li anke l-kultura jeħtieġ li tirrispetta l-ordni morali oġġettiv, biex tiżviluppa sewwa skond il-pjan t'Alla. Għalhekk, il-Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" tinsisti li l-insara

> "għandhom jgħaqqdu sewwa flimkien it-tagħrif tax-xjenzi ġodda u tat-tagħlim ġdid u ta' l-aħħar skoperti mal-morali u mal-ħsieb Nisrani, biex fihom il-prattika tar-reliġjon u l-onestà jimxu flimkien mat-tagħrif xjentifiku u mal-progressi kontinwi tat-teknika u hekk huma stess ikunu jistgħu jagħtu ġudizzju u tifsir fuq il-ħwejjeġ kollha b'sens għal kollox Nisrani". (10)

Mill-bqija, ikun qed jagħmel ħaġa mill-aħjar dak in-nisrani li fil-ħin liberu tiegħu jfittex li jitgħallem, u jkattar il-kultura tiegħu mhux biss għalih innifsu, iżda wkoll biex iwassalha lill-bnedmin l-oħra.

Kif igħallimna l-Konċilju:

"il-progress tal-għaġeb li sar fit-teknoloġija u fit-tfittix xjentifiku u l-mezzi ġodda ta' kommunikazzjoni jagħtu l-opportunità lill-bniedem — issa li xi drabi qed igawdi aktar żmien liberu — li jikkoltiva ruħu u jistagħna bil-ġid tal-għerf li ntwiret mill-imgħoddi u anke li jaqsmu ma' l-oħrajn." (11)

II PARTI

IL-ĦIN LIBERU FIR-REALTA' TAL-ĦAJJA

A. TENDENZI FIS-SOĊJETA' MODERNA

Dawn il-valuri siewja li għandu l-ħin liberu, mhux dejjem qed jiġu mħarsa fi żminijietna, anzi xi wħud mix-xejriet li qed jieħu llum id-divertiment huma aktarx negattivi u qed jagħmlu ħsara lill-individwi u lis-soċjetà.

● **Divertiment organizzat**

Nibdew biex nosservaw illi l-kotra tan-nies, — għad li mhux kulħadd — iktar milli tgħaddi l-ħin liberu f'xi hobby, jew okkupazzjoni privata, tippreferixxi għamliet ta' divertiment pubbliku jew għall-inqas divertiment organizzat, magħmul u lest minn ħaddieħor.

Din il-programmazzjoni tal-ħin liberu, filwaqt li mill-banda l-waħda tiswa biex min jieħu sehem fih isir iktar soċjevoli mal-oħrajn u jkollu iktar ħbieb, iżda min-naħa l-oħra ma toffrix opportunità għall-ispirtu ta' inizjattiva u għall-kreatività, kif isib min għandu d-delizzju personali tiegħu.

● **Kummerċjaliżmu**

Tendenza oħra li qegħda tidher fil-ħin liberu u li hija wisq iktar perikuluża minn dik li semmejna, hija l-kummerċjaliżmu. Dawk li joffru divertiment organizzat lill-oħrajn, ħafna drabi jagħmlu dan mhux bi skop ta' filantropija jew biex jedukaw lill-ġemgħa, iżda bi skop ta' profitt.

Il-ħin liberu f'ċerti aspetti tiegħu, sar qisu oġġett li jinbiegħ u jinxtara, jew servizz li biex tottienih, trid tħallas għalih.

Kif isir f'attivitajiet oħra kummerċjali, anke d-divertiment huwa reklamat b'mod attraenti hekk li joħloq ċerti bżonnijiet artifiċjali u jkattar dejjem iżjed l-għatx għax-xalar.

Fl-istess ħin, parti dejjem ikbar mill-budget tal-familja tintefaq f'diversi għamliet ta' passatemp u ma jidhirx li din it-tendenza ser tieqaf jew timbidel, għaliex għall-ġenerazzjonijiet li telgħin, ċerti kapriċċi saru neċessità.

● **Sfruttament**

Ma rridux ninsew imbagħad li mhux fil-

ħajja tax-xogħol biss, iżda anke fil-ħin liberu hemm il-periklu tal-isfruttament.

Anzi, fil-waqt li fejn jidħlu r-relazzjonijiet industrijali, il-leġiżlazzjoni soċjali u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema għamlu progress kbir u waslu biex inaqqsu ħafna dan l-isfruttament, ma jidhirx li qed jittieħdu passi effikaċi biex jonqos l-isfruttament f'dak li jirrigwarda l-ħin liberu. U dan in-nuqqas jinħass anke f'dawk il-pajjiżi li jridu jissejħu ċivilizzati.

Anke fihom jeżistu spekulaturi bla kuxjenza, li jisfruttaw il-ġibdiet għall-pjaċir sesswali tal-oħrajn u taħt għamla ta' pornografija jew spettakli mmorali joffrulhom bi prezz elevat divertimenti li jagħmlu l-ħsara fir-ruħ u jbaxxu l-bniedem.

● **Passività**

Jirriżulta wkoll li l-passività qegħda ssir iktar kommuni fil-ħin liberu. Kull ma jmur qed isiru dejjem iżjed popolari ċerti għamliet ta' rikreazzjoni li ma jitolbu ebda sforz millbniedem, ħlief dak li jara u jisma, jiġifieri li fihom ikun iktar passiv milli attiv.

Hekk it-televiżjoni, it-transistors, il-films u r-rivisti bl-istampi, joħolqu mewġiet kontinwi ta' stimoli u sensazzjonijiet.

Hija esperjenza eċċitanti li tgħin il-bniedem jinsa xi ftit il-problemi personali tiegħu u jevadi l-preokkupazzjonijiet tal-ħajja. Però,

ħadd ma jiċħad li dan l-eċċitament u din l-evażjoni

* jistgħu jkunu ta' ħsara għall-konċentrazzjoni tal-ħsieb
* idgħajfu s-sens kritiku
* u jwasslu għas-superfiċjalità u għall-banalità.

Mhux għaġeb, immela, li xi whud donnhom tilfu s-setgħa

— li jaħsbu b'rashom,
— li jużaw l-intelliġenza tagħhom
— u li jiffurmaw opinjoni għalihom.

Oħrajn jaħsbu u jirraġunaw mhux b' moħħhom iżda b'moħħ ħaddieħor, fil-films u fir-rivisti jsibu x-xempju li fuqu jfasslu ħajjithom u lesti li jimitaw lill-artisti u l-kantanti preferiti tagħhom, anke jekk dan iwassalhom biex igħidu u jagħmlu l-bluħat.

B. VALUTAZZJONI ETIKA TAL-UŻU TAL-ĦIN LIBERU

Għad li dawn il-kurrenti li semmejna huma qawwija, in-nisrani ma jistax iħallihom ikaxkruh magħhom, bl-iskuża li huwa qed iġib ruħu kif jagħmlu l-bnedmin l-oħra.

Bħal fi kwalunkwe għemil liberu ieħor, hekk ukoll fl-użu tal-ħin liberu, in-nisrani, qabel ma jiddeċiedi x'jagħmel u ma jagħmilx, jgħarbel il-kuxjenza tiegħu biex fid-dawl tal-

liġi t'Alla jara sewwa jekk dak l-għemil hux leċitu għalih jew le.

Huwa għandu jfittex li r-rikreazzjoni tiegħu tkun moralment xierqa jiġifieri li tixraq lil bniedem imżejjen bir-raġuni u tkun fattur pożittiv biex isaħħaħ id-drawwiet tajba.

Din il-virtù li tirregola lill-bniedem sabiex fid-divertiment tiegħu jaġixxi skond ir-raġuni u ma jaqax fl-estremi taż-żejjed u n-nieqes, San Tumas isejħilha "eutrapelia". (12)

Meta wieħed jiġi biex jagħżel fost id-diversi għamliet ta' attivitajiet li soltu jitwettqu fil-ħin liberu, hija meħtieġa qabel xejn, valutazzjoni etika għaliex mhux id-divertimenti kollha huma aċċettabbli għan-nisrani.

1) **Divertimenti moralment tajbin**

Hemm passatempi li minnhom infushom huma moralment tajbin u għalhekk ta' min jinkoraġġihom. F'din il-kategorija jidħlu dawk l-attivitajiet li jiswew biex jiżviluppaw l-intelliġenzi tal-individwu bħal ma hu l-qari ta' kotba utli, jew li jgħinu s-saħħa fiżika tiegħu kif inhu l-isport moderat.

Il-Konċilju jfisser ukoll din ix-xewqa:

> "Jalla ż-żmien liberu jiġi wżat sewwa għall-mistrieħ u għas-saħħa tal-menti u tal-ġisem, b'attivitajiet u studji liberi, bi vjaġġi f'pajjiżi oħra (turiżmu) li bihom l-ispirtu tal-bniedem jiżviluppa ruħu u l-bnedmin ukoll jiksbu ġid meta jagħrfu 'l

> xulxin, b'eżerċizzi u wirjiet sportivi, li jgħinu ħafna biex jinżamm l-ekwilibriju anke fil-kommunità u biex jitwaqqfu relazzjonijiet ta' aħwa bejn il-bnedmin ta' kull kondizzjoni, nazzjon jew razza". (13)

2) **Divertimenti moralment ħżiena**

Hemm ukoll divertimenti li min-natura tagħhom huma moralment ħżiena għax fihom ksur tal-liġi t'Alla bħal meta jimplikaw feriment tan-nies, periklu tal-mewt, jew pjaċiri faħxija.

Barra minn hekk, wieħed ma jridx wisq biex jintebaħ li hemm relazzjoni kbira bejn ċerti attivitajiet tal-ħin liberu u d-delinkwenza. Hekk, per eżempju, min jehda fil-logħob tal-azzard, aktarx ikun imċappas ukoll bil-vizzju tas-serq u tal-ingann tal-proxxmu.

Dawk l-għemejjel li jwasslu għal vizzji bħal dawn, jew li jagħmlu ħsara lis-saħħa fiżika jew mentali tal-individwu, bħal ma huma s-sokor u l-użu tad-drogi, huma kkundannati anke mill-aspett etiku.

Drawwiet ta' din ix-xorta huma ta' rovina mhux biss għall-persuni li jaqgħu fihom, iżda wkoll għas-soċjetà li jgħixu fiha. Iż-żmien wera li kellu raġun il-Papa Piju XI, meta qal:

> "Poplu li fil-ħin tas-serħan jagħti ruħu għal xalar li joffendi s-sens ta' deċenza, ta' unur u l-moralità, jew jirrikorri għal

passatempi li huma okkażjoni ta' dnub, speċjalment għaż-żgħażagħ, ikun f'perikolu kbir li jitlef il-kobor u l-qawwa tiegħu bħala nazzjon." (14)

3) **Divertimenti minnhom infushom onesti, IŻDA li jistgħu jkunu ħżiena**

Fl-aħħarnett, hemm il-kategorija ta' divertimenti li għad li minnhom infushom huma onesti, iżda jistgħu jkunu ħżiena jew moralment perikolużi, minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom jitwettqu.

Bħala eżempju, ta' min isemmi hawnhekk dik l-għamla ta' passatemp, li hija tant komuni f'pajjiżna u fi-epoka tagħna u li qegħda tħasseb lill-edukaturi li jridu tabilħaqq il-ġid tat-tfal u taż-żgħażagħ.

Qegħdin nirreferixxu għall-films, li minnhom infushom jistgħu jkunu mezz qawwi sabiex ixandar il-verità u juri dak li hemm sabiħ fil-ħolqien u fil-kreazzjoni artistika u hekk jikkontribwixxu għall-edukazzjoni talpoplu.

Iżda fir-realtà, qed jiġri li għadd ta' films qed jagħmlu ħsara morali għaliex jirreklamaw is-sess bla rażan u l-vjolenza bil-konsegwenza li jqanqlu ħsibijiet, xewqat u sentimenti li xejn ma jixirqu lill-bniedem.

● **Responsabilità fil-FILMS.**

Fil-kwistjoni tal-films, huma responsabbli

— mhux biss dawk li jmorru jarawhom,
— iżda wkoll dawk li
  jipproduċuhom,
  iqassmuhom,
  u jippermettu l-wiri tagħhom.

Għalihom ilkoll tgħodd it-twiddiba tal-Papa Pawlu VI:

"Bl-influwenza tagħhom, il-mezzi talkommunikazzjoni soċjali waslu f'sitwazzjoni li jirrappreżentaw qisu poter ġdid.

Wieħed ma jistax ħlief jistaqsi dwar dawk li rejalment għandhom f'idejhom dan il-poter, l-iskopijiet li jridu jilħqu u l-mezzi li jużaw kif ukoll dwar l-effett tal-attività tagħhom fuq it-tħaddim tallibertà tal-individwi, mhux biss fl-isfera politika u ideoloġika, iżda anke fil-ħajja tagħhom, soċjali, ekonomika u kulturali.

Il-persuni li għandhom dan il-poter, għandhom responsabilità morali gravi rigward il-verità tal-informazzjoni li huma jxandru, il-ħtiġijiet u r-reazzjonijiet li huma jqanqlu u l-valuri li jippromovu." (15)

● **Dmir tal-Kattoliċi li jgħollu leħinhom**

Jagħmlu sewwa dawk il-kattoliċi, li minghajr heda, jgħollu leħinhom biex iwiddbu kontra l-abbużi u l-iskandli konnessi malfilms immorali.

Anke jekk ftit ikunu dawk li jagħtu wi-

den għal dan il-leħen, anke jekk b'dan it-twiddib kollu ma jkunux ħafna l-erwieħ li jiġu salvati mill-waqgħat; iżda dejjem jiltaħaq effett tajjeb, għall-inqas wieħed: dak li naffermaw u nissalvagwardaw il-prinċipji tal-morali nisranija.

● **Edukazzjoni u formazzjoni tal-kuxjenzi**

Però, biex din l-azzjoni preservativa tkun tabilħaqq effikaċi, jeħtieġ li mal-parti negattiva nżidu wkoll il-ħidma pożittiva.

Issa fost l-azzjonijiet kollha possibbli li jistgħu jieħdu l-kattoliċi fil-kamp tal-films, l-iktar waħda pożittiva u radikali hija dik tal-edukazzjoni ċinematografika u tal-formazzjoni tal-kuxjenzi, speċjalment tal-ġenerazzjonijiet li telgħin.

Għal dan il-għan kienet twaqqfet fid-djoċesi tagħna, l-hekk imsejħa "Film Viewers Association". Għaqda bħal din jistħoqqilha l-appoġġ u l-għajnuna ta' kulħadd.

C. XI RAKKOMANDAZZJONIJIET

Nixtiequ nagħlqu din l-ittra tagħna b'xi rakkomandazzjonijiet li jiswew mhux biss rigward il-films iżda wkoll dwar l-għamliet l-oħra ta' passatemp.

1) **Ħtieġa tal-KONTROLL.**

Jeħtieġ li n-nisrani jżomm kontroll fuqu nnifsu. Huwa m'għandux iħalli li jiġi mqarraq

mill-kurżità jew li jehda fid-distrazzjonijiet tal-ħin liberu, hekk li mbagħad jittraskura mpenji iktar urġenti (16) bħal ma huma dawk konnessi max-xogħol jew l-impjieg tiegħu kif ukoll mal-kura tal-familja.

Huwa għandu jiftakar li d-dmir jiġi qabel id-divertiment u li għandu jħalli dejjem spazju għas-salib fil-ħajja tiegħu. Bil-mod il-mod, in-nisrani għandu jitgħallem iġorr is-salib tax-xogħol tiegħu bis-sabar, anzi li jsir iħobbu.

Hija ħaġa diffiċli bla dubju, iżda hekk biss ikun jista' jgħid li huwa xhieda ta' Kristu fid-dinja u li flimkien miegħu qiegħed igħin għall-promozzjoni u għal-liberazzjoni tal-bnedmin hutu.

2) **Żvilupp tas-SENS KRITIKU**

Hemm bżonn li l-insara, u b'mod partikolari ż-żgħażagħ jiżviluppaw fihom is-sens kritiku li bih ikunu kapaċi jiddistingwu, fost l-għamliet kollha ta' passatemp offruti lilhom, l-elementi kostruttivi mill-elementi distruttivi, jiġifieri:

dak li jista' jagħmlilhom il-ġid

— minn dak li jista' jkunilhom ta' ħsara.

Hekk isiru aktar selettivi u jaslu biex minn rajhom u b'konvinzjoni personali tagħhom, jagħmlu għażliet għaqlin u onesti.

"In-nies — igħidilna l-Konċilju — għandhom jirrifjutaw dak kollu li jista'

jkun kawża jew okkażjoni ta' ħsara spiritwali għalihom infushom, dak kollu li jista' jkun ta' periklu għall-oħrajn mħabba l-eżempju ħażin u kull ma jfixkel għażliet tajba u jiffavurixxi għażliet ħżiena." (17)

3) Għożża tal-LIBERTA' INTERJURI

Huwa mportanti ħafna wkoll li l-bniedem, anke fil-ħin liberu tiegħu, ma jitlifx dik il-libertà nterjuri li tagħmlu padrun tiegħu nnifsu, hekk li ma jkollux irbit ieħor ħlief dak li skond il-ġudizzju rett tar-raġuni tiegħu, huwa stess jiddeċiedi li għandu jaċċetta.

Il-bniedem matur joqgħod attent ħafna li ma jaqax ilsir tal-passjonijiet tiegħu u dan il-periklu jeżisti tabilħaqq f'dawk il-passatempi li joħolqu fl-individwu ċerti bżonnijiet li diffiċilment jeħles minnhom u drawwiet li jrabbu għeruq profondi.

4) Sehem fl-APPOSTOLAT

Fl-aħħarnett, in-nisrani fil-ħin liberu li jkollu, jagħti prova tal-ġenerożità tiegħu billi jsib żmien biex iwettaq ukoll għemejjel ta' ħniena mal-proxxmu u jieħu sehem fil-ħidmiet varji tal-appostolat tal-lajċi. Hekk ikun ikompli d-dmir li fih ifakkarna l-Konċilju:

> "L-insara kollha għandhom fuqhom il-piż nobbli li jaħdmu sabiex il-messaġġ divin tas-salvazzjoni jkun magħruf u aċċettat mill-bnedmin kollha tad-dinja." (18)

Fil-waqt li nagħtukom il-Barka Pastorali tagħna, fiimkien ma' l-Appostlu Missierna, nixtiequlkom li "s-sliem ta' Alla, sliem li jgħaddi kulma l-moħħ jista' jifhem, iżommilkom qalbkom u moħħkom sħaħ fi Kristu." (19)

10 ta' Frar 1977.

RIFERENZI:

(1) Enċiklika: "Mater et Magistra" n. 251.
(2) Kostituzzjoni Pastorali: "Gaudium et Spes" n. 67.
(3) Ġenesi 2. 2.
(4) Enċiklika: "Rerum Novarum" n. 25.
(5) Esodu 20. 8.
(6) Enċ. "Mater et Magistra" n. 250.
(7) In Jo. XX, 2.
(8) Kostituzzjoni "Sasrosanctum Concilium" n. 106.
(9) Kost. "Gaudium et Spes" n. 59.
(10) Kost. "Gaudium et Spes" n. 62.
(11) Digriet: "Gravissimum Educationis" Intr.
(12) S. Theol. II, IIae q. 168 art 2, 3, 4.
(13) Kost. "Gaudium et Spes" n. 61.
(14) Enċiklika: "Vigilanti Cura" n. 5.
(15) Ittra Apostolika: "Octagesima Adveniens" n. 20.
(16) Cfr. Istruzzjoni: "Communio et Progressio" n. 52.
(17) Digriet: "Inter Mirifica" n. 9.
(18) Digriet: "Apostolicam Actuositatem" n. 3.
(19) Ittra lill-Filippin, 4. 7.

IT-TALB FIL-FAMILJA

Illum, li barra mill-ħin tax-xogħol ħafna żmien huwa mgħoddi fid-divertimenti, fisswali taċ-ċinema u quddiem is-sett tat-televiżjoni, ħafna familji qed jarawha ħaġa diffiċli biex isibu ż-żmien li jlaqqgħu l-membri tal-familja tagħhom flimkien sabiex jitolbu. Jista' jkun ukoll li r-raġuni ewlenija li ma jsirx talb f'ċerti familji hija l-**bruda fil-fidi** u l-indifferenza ta' ċerti ġenituri li ma jieħdux dan l-impenn li jsejħu madwarhom lil uliedhom għal ftit ħin ta' kuljum biex jitolbu flimkien, kif inhu dmir tagħhom. Imma l-familja li fiha ma jsirx it-talb, m'għandhiex raġun tissejjaħ familja nisranija u fiok ma sservi bħala skola ta' virtù u ta' eżempju tajjeb, ak-

tarx li fiha jsaltnu l-egoiżmu u l-iskandli.

Aħna però, għandna qalbna qawwija li f' pajjiżna jeżisti għadd sabiħ ta' familji li fihom għadu jsir it-talb regolarment ta' kuljum. Nittamaw ukoll li jkunu ħafna l-ġenituri ta' rieda tajba li jixtiequ li fid-dar tagħhom ikun hemm **atmosfera tabilħaqq nisranija** u għalhekk iwieġbu għall-appell tagħna u jintroduċu fil-familji tagħhom xi għamla ta' talb flimkien.

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI, fi-eżortazzjoni apostolika "Marialis Cultus" tat-2 ta' Frar 1974, mar jirrikkmanda, fuq kollox, it-talba tal-**Anġelus** u **r-Rużarju Mqaddes.** Nixtiequ għalhekk, li bħala tweġiba għas-sejħa tal-Papa, il-familji tagħna, fost talb ieħor jidraw iġħidu wkoll bid-devozzjoni dawn it-talbiet lil Sidtna Marija.

(Miċ-Ċirkulari tal-24 ta' Mejju 1974).

IL-ĠURNATA TAL-EMIGRANTI

F'dan il-jum, l-insara huma mħeġġin sabiex fit-talb tagħhom, b'mod partikolari, jiftakru fil-ħtiġijiet spiritwali u temporali ta' ħutna li kellhom iħallu l-art twelidhom bilgħan li jaqilgħu l-għajxien għalihom u għall-familji tagħhom, f'artijiet oħra.

Però, l-iskop tal-Ġurnata tal-Emigranti, mhux biss **it-talb** li noffru għalihom. Aħna nixtiequ, li fost l-insara tagħna tinħoloq **kuxjenza dwar il-problemi tal-emigrazzjoni,** speċjalment f'dak li jirrigwarda l-aspett spiritwali u morali tagħha. Għad li diversi saċerdoti u lajċi għamlu kull ma setgħu għall-ġid tal-emigranti, imma jidhrilna li għad fadal ħafna x'isir f'dan il-qasam. Hija meħtieġa ħidma pastorali ntensa fost l-emigranti mhux biss fil-pajjiż li jirċivihom, imma wkoll fil-pajjiż mnejn jitilqu. Din il-ħidma pastorali għandha taħseb ħalli tagħti preparazzjoni xierqa lil dawk li jkunu se jemigraw, **sabiex mill-fidi tradizzjonali li rċivew fi ħdan il-familja, jgħaddu għall-fidi ta' konvinzjoni li tidher filħajja tagħhom awtentikament nisranija.**

Il-Kummissjoni Djoċesana tal-Emigrazzjoni u Turiżmu, minn żmien għal żmien, torganizza diversi inizjattivi sabiex tqanqal il-kuxjenza tal-insara dwar il-problemi li semmejna u biex tagħti preparazzjoni lil dawk li jkunu ser isiefru għal artijiet oħra bħala emigranti.

Aħna ninqdew b'din l-okkażjoni ħalli nistiednu lil kulħadd, membri tal-Kleru u l-insara l-oħra, biex jikkoperaw ma' din il-ħidma tal-Kummissjoni Emigranti u jagħtuha l-appoġġ tagħhom.

B'din il-koperazzjoni ta' kulħadd, l-emigranti tagħna jirnexxilhom, kif nixtiequ, li jirbħu d-diffikultajiet tagħhom, iżommu sħiħ it-twemmin, jibqgħu fidili lejn it-tagħlim ta' Kristu, u bl-imġieba tajba tagħhom jagħtu xhieda lill-bnedmin l-oħra tal-Vanġelu tiegħu, b'mod li kull fejn ikunu jagħmlu ġieħ lil

art twelidhom u lill-Knisja Kattolika li tagħha huma l-ulied l-iktar għeżież.

(Miċ-Ċirkulari tat-22 ta' Novembru 1974).

MEJJU U L-MADONNA

Fil-poplu kattoliku, sa mill-bidu tas-seklu tmintax, daħlet u żviluppat id-drawwa li jiċċelebra x-xahar ta' Mejju billi jagħti qima speċjali lil Sidtna Marija.

Id-devozzjonijiet ta' Mejju huma għamla ta' **reliġjożità popolari** li dwarhom il-Papa Pawlu VI fl-Eżortazzjoni 'Evangelii Nuntiandi' kiteb: "Wieħed isib fost in-nies espressjonijiet partikulari tat-tfittxija għal Alla u l-Fidi, kemm fil-postijiet fejn il-Knisja ilha mwaqqfa għal sekli sħaħ kif ukoll fejn hija għadha qed titwieled. Dawn l-espressjonijiet kienu għal bosta snin meqjusa bħala inqas ġenwini u xi minn daqqiet kienu mistmerra, imma llum qed jerġgħu jiġu skoperti kullimkien. Matul l-aħħar Sinodu, l-Isqfijiet studjaw issinjifikat tagħhom, b'realiżmu u b'żelu tassew pastorali." (n. 48)

Aħna nħeġġu għalhekk lill-insara biex matul ix-xahar ta' Mejju jiltaqgħu kull filgħaxija fil-knejjes ħalli hemmhekk jisimgħu tagħlim dwar il-Madonna, jirreċitaw ir-Rużarju Mqaddes u jkantaw it-tifħir Lilha.

Fuq kollox, biex il-qima lejn Sidtna Marija tkun tabilħaqq sinċiera, huwa meħtieġ li

tqarribna iktar lejn Kristu u għalhekk l-insara matul dan ix-xahar għandhom ifittxu li jersqu iktar ta' spiss lejn is-Sagramenti Mqaddsa. Fil-għeluq tax-xahar ta' Mejju, għandu jsir ukoll it-tiġdid tal-Konsagrazzjoni talparroċċa lill-Qalb Immakulata ta' Sidtna Marija. (Ċirk. 53/71)

Nirrikkmandaw anki li matul dan ix-xahar, isiru **pellegrinaġġi għas-Santwarji Marjani.** Skond ix-xewqa tal-Papa, dawn is-santwarji għandhom ikunu postijiet li fihom isir "talb għall-paċi, għall-unità u għall-ħena talbnedmin kollha, speċjalment sabiex il-bnedmin jaċċettaw il-Kelma tal-Fidi, u din issir il-qalba tal-ħajja tagħhom. Minn dawn ilpostijiet, in-nies għandhom jirritornaw lura lejn darhom imħeġġin fil-fehma li jaħdmu b' ħilithom kollha għall-paċi tad-dinja u għallunità tal-Knisja." (Ittra lir-Retturi tas-Santwarji Marjani, 1-5-71)

(Miċ-Ċirkulari tat-22 t'April 1976)

IL-ĠURNATA MISSJUNARJA

Fis-sena 1926, il-Papa Piju XI, fuq talba tal-Kunsill Ġenerali tas-Soċjetà tal-Propaganda tal-Fidi, ordna li f'Ottubru ta' kull sena, fil-Ħadd ta' qabel l-aħħar wieħed, isir appell **għat-talb u għall-offerti għall-Missjonijiet.** U minn dak iż-żmien sal-lum, ta' kull sena, f'kull djoċesi u parroċċa tad-dinja kattolika, ġiet imwettqa din il-ħidma ta' koperazzjoni missjunarja.

spiritwali tagħhom.

(Miċ-Ċirkulari tal-11 ta' Diċembru 1976)

IL-ĠIEĦ LILL-ISEM T'ALLA U L-PJAGA TAD-DAGĦA

Huwa dmir tal-bnedmin li wara li jkunu għarfu lil Alla, jħobbuH, u jagħtuH qima. Min għandu din il-qima lejn Alla juriha mhux biss waqt li jkun jaduraH u jitolbu iżda wkoll billi kull meta jsemmi l-Isem ta' Ġesù, tal-Madonna u tal-Qaddisin, jagħmel dan bl-ikbar imħabba u rispett. Peress li minn għand Alla u l-Qaddisin Tiegħu aħna nirċievu ħotra ta' ġid spiritwali, l-ismijiet tagħhom għandhom ikunu għeżież għal qalbna l-insara, kif huma dawk tal-ikbar benefatturi tagħna.

Għall-kuntrarju, **id-dagħa u l-kliem ta' żeblieh kontra Alla u kontra l-Qaddisin** Tiegħu huma offiżi l-iktar gravi lill-maestà t'Alla. Min jidgħi jagħmel ukoll għajb lilu nnifsu u lill-pajjiżu barra milli jxerred ma dwarhu l-iskandlu li bih iġib ħsara spiritwali. Għaddagħajja wkoll jgħoddu l-kelmiet ta' Kristu: (Mt. 18. 7) "Min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun aħjar għalih li jdendlulu ma għonqu ġebla tat-tħin minn dawk li jdawru l-ħmir u jgħarrquh f' qiegħ ta' baħar. Ħażin għaliha d-dinja minħabba l-iskandli."

Ma jistax ikun għalhekk li ma nħossux għafsa ta' qalb meta ninnotaw li d-drawwa vili ta' dagħa donnha qegħda tikber, hekk li

xi whud igħidu li saret il-**"vizzju nazzjonali"** ta' pajjiżna. Iktar u iktar għandna ninkwetaw ruħna meta saħansitra xi tfal, għax skandalizzati, għandhom fuq xofftejhom id-dagħa u l-imprekazzjonijiet.

Aħna nħossuh bħala dmirna li nqanqlu l-kuxjenza tal-ulied spiritwali tagħna dwar din il-pjaga u għalhekk fl-okkażjoni tal-Jum tal-Isem t'Alla, nirrikkmandawlhom bis-sħiħ, sabiex:

(1) **Iżommu l-bogħod minnhom,** mill-familji tagħhom, u mill-postijiet fejn jaħdmu u jiddevertu, dan **il-vizzju mishut.**

(2) Ikollhom il-kuraġġ li bil-karità u bil-prudenza **jikkorieġu** meta jkun il-waqt lil min jidgħi u jieħdu l-passi kollha meħtieġa ħalli tittaffa din il-marda;

(3) **Jagħmlu** mill-aħjar li jistgħu **tpattija** għall-offiżi li jsiru lil Alla bid-dagħa, billi jgħidu bid-devozzjoni l-invokazzjonijiet ta' riparazzjoni li jiġu reċitati ta' kuljum fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika u talb ieħor simili.

(Miċ-Ċirkulari 26 ta' Jannar 1977)

IS-SMIEGĦ TAL-KELMA T'ALLA

Il-predikazzjoni hija x-xandir tal-messaġġ nisrani per mezz tal-kelma ħajja. Biha tinbet u tikber fis-semmiegħa l-fidi fi Kristu, tiġi formata l-kommunita' ta' dawk li jemmnu u tin-

twera lil kulħadd it-triq li twassal għas-salvazzjoni. Kristu stess qalilna: "Tassew, tassew ngħidilkom, li min jisma' kelmti u jemmen f' min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem u ma jsirx ħaqq minnhu, imma għadda mill-mewt għal-ħajja." (Ġw. 5. 24).

Madankollu xi wħud jilmentaw li l-prietki ma tantx iqanqlu fihom interess; anzi jħossu li l-kelma li tiġi mxandra lilhom meta jmorru l-knisja ftit tolqot il-ħajja tagħhom ta' kuljum. Jidhrilhom ukoll li l-predikazzjoni hija marbuta żżejjed ma żminijiet oħra u nieqsa minn dak id-dinamiżmu tant apprezzat fi żminijietna. Dawn it-talin għalhekk, aktarx jispiċċaw biex jieħdu atteġġjament ta' ndifferenza għallpriedki u forsi jittraskurawhom ukoll.

Iżda r-raġuni ta' dan in-nuqqas ta' interess mhix għaliex il-kelma t'Alla mxandra fil-prietki tilfet il-qawwa tagħha. Kif naqraw fl-Ittra lil Lhud: "Il-kelma ta' Alla hija ħajja u qawwija, taqa' aktar min xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsiebijiet u l-fehmiet tal-qalb." (Lh. 4. 12.)

Dan in-nuqqas ta' nteress ġej aktarx millfatt li ċerti nsara ma humiex konvinti biżżejjed mill-ħtieġa tal-prietki għall-ħajja spiritwali tagħhom, ma japprezzawhomx biżżjed jew ma jkunux imħejjija kif imiss biex isimugħhom.

Kif josserva l-Papa Pawlu VI, fl-eżortazzjoni "Evanġelii Nuntiandi" n. 42. "Il-predikazzjoni, ix-xandir ta' messaġġ bil-kliem, hu dejjem

indispensabbli. Aħna nafu tajjeb li l-bniedem modern huwa mxebba' bid-diskors, jidher ċar li għejja jisma' u, agħar minn hekk, daħk li jingħad ma jippenetrax fih ..... B'danakollu, m' għandniex inħallu li l-għejja li jġib ħafna diskors vojt illum il-ġurnata u l-importanza li ħadu forom oħra ta' kommunikazzjoni soċjali, inaqqsu mill-qawwa permanenti li għandha l-kelma ħajja jew itellfulna l-fiduċja fiha. Il-kelma tibqa dejjem fiokha, speċjalment meta tkun qed twassal is-setgħa ta' Alla; Cfr. I Kor. 2, 1-15. Għalhekk dak li S. Pawl igħidilna: "Il-Fidi tiġi mis-smiegħ" Rum. 10. 17, huwa fioku anke llum: hija l-kelma mismugħa li twassal għattwemmin."

Ma jistax ikun li l-bniedem jemmen fi Kristu, jekk qatt ma kien semgħa Bih. Allura biex tinbet il-fidi fil-qalb tal-bniedem, jeħtieġ li Kristu - oġġett tal-Fidi - ikun mxandar u dan isir per mezz tal-predikazzjoni. Kif tgħallimna l-Iskrittura din il-laqgħa bejn il-bniedem u Kristu titwettaq, bħala regola ġenerali, fil-mument li fih il-kelma tiġi mxandra. Bejn Kristu li jsejjaħ u l-bneidem li jwieġeb għassejħa tiegħu, jkun hemm aktarx persuna oħra, dik tal-predikatur. Għalhekk San Pawl jistqarr li billi "id-dinja b'għerfa ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bilbluha tal-predikazzjoni" (I. Kor 1. 21.) Il-predikazzjoni hija parti ntegranti mill-istorja tas-salvazzjoni, għaliex biha nqeda Alla ħalli jħabbrilna l-fidwa u jagħtielna.

twera lil kulħadd it-triq li twassal għas-salvazzjoni. Kristu stess qalilna: "Tassew, tassew ngħidilkom, li min jisma' kelmti u jemmen f' min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem u ma jsirx ħaqq minnhu, imma għadda mill-mewt għal-ħajja." (Ġw. 5. 24).

Madankollu xi wħud jilmentaw li l-prietki ma tantx iqanqlu fihom interess; anzi jħossu li l-kelma li tiġi mxandra lilhom meta jmorru l-knisja ftit tolqot il-ħajja tagħhom ta' kuljum. Jidhrilhom ukoll li l-predikazzjoni hija marbuta żżejjed ma żminijiet oħra u nieqsa minn dak id-dinamiżmu tant apprezzat fi żminijietna. Dawn it-talin għalhekk, aktarx jispiċċaw biex jieħdu atteġġjament ta' ndifferenza għallpriedki u forsi jittraskurawhom ukoll.

Iżda r-raġuni ta' dan in-nuqqas ta' interess mhix għaliex il-kelma t'Alla mxandra fil-prietki tilfet il-qawwa tagħha. Kif naqraw fl-Ittra lil Lhud: "Il-kelma ta' Alla hija ħajja u qawwija, taqa' aktar min xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsiebijiet u l-fehmiet tal-qalb." (Lh. 4. 12.)

Dan in-nuqqas ta' nteress ġej aktarx millfatt li ċerti nsara ma humiex konvinti biżżejjed mill-ħtieġa tal-prietki għall-ħajja spiritwali tagħhom, ma japprezzawhomx biżżjjed jew ma jkunux imħejjija kif imiss biex isimugħhom.

Kif josserva l-Papa Pawlu VI, fl-eżortazzjoni "Evanġelii Nuntiandi" n. 42. "Il-predikazzjoni, ix-xandir ta' messaġġ bil-kliem, hu dejjem

indispensabbli. Aħna nafu tajjeb li l-bniedem modern huwa mxebba' bid-diskors, jidher ċar li għejja jisma' u, agħar minn hekk, daħk li jingħad ma jippenetrax fih ..... B'danakollu, m' għandniex inħallu li l-għejja li jġib ħafna diskors vojt illum il-ġurnata u l-importanza li ħadu forom oħra ta' kommunikazzjoni soċjali, inaqqsu mill-qawwa permanenti li għandha l-kelma ħajja jew itellfulna l-fiduċja fiha. Il-kelma tibqa dejjem flokha, speċjalment meta tkun qed twassal is-setgħa ta' Alla; Cfr. I Kor. 2, 1-15. Għalhekk dak li S. Pawl igħidilna: "Il-Fidi tiġi mis-smiegħ" Rum. 10. 17, huwa floku anke llum: hija l-kelma mismugħa li twassal għattwemmin."

Ma jistax ikun li l-bniedem jemmen fi Kristu, jekk qatt ma kien semgħa Bih. Allura biex tinbet il-fidi fil-qalb tal-bniedem, jeħtieġ li Kristu - oġġett tal-Fidi - ikun mxandar u dan isir per mezz tal-predikazzjoni. Kif tgħallimna l-Iskrittura din il-laqgħa bejn il-bniedem u Kristu titwettaq, bħala regola ġenerali, fil-mument li fih il-kelma tiġi mxandra. Bejn Kristu li jsejjaħ u l-bneidem li jwieġeb għassejħa tiegħu, jkun hemm aktarx persuna oħra, dik tal-predikatur. Għalhekk San Pawl jistqarr li billi "id-dinja b'għerfa ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bilbluha tal-predikazzjoni" (I. Kor 1. 21.) Il-predikazzjoni hija parti ntegranti mill-istorja tas-salvazzjoni, għaliex biha nqeda Alla ħalli jħabbrilna l-fidwa u jagħtielna.

Barra minn hekk, l-fidi ma tistax tibqa' sħiħa u tikber jekk in-nisrani ma jiftakarx kontinwament fit-tagħlim ta' Kristu u jaħdem bla heda biex ħajtu tkun imfassla skond dan it-tagħlim. Għalhekk, anke dawk li diġa' emmnu, jeħtieġu li l-kelma tal-verità tkun imxandra lilhom bla waqfien sabiex biha jiftakru fit-twemmin tagħhom u jitħeġġu sabiex bil-għajnuna tal-grazzja jimxu l-quddiem fil-proċess ta' konversjoni lejn Alla.

Kull nisrani għandu l-jedd li minn fomm is-saċerdoti jisma "il-kelma ta' Alla li tgħix u tibqa' għal dejjem" (I. Pet. 1. 23.). Huwa t-tagħlim etern u li ma jinbidilx iżda li l-predikaturi "għandhom jispjegawh b'mod li jaqbel mal-ħtiġijiet taż-żmien li ngħixu fih; b'mod ċioe li tingħata tweġiba għad-diffikultajiet u l-problemi li bihom jinsabu mħabbtin u nkwetati l-bnedmin tal-lum." (Cfr. Christus Dominus n.13).

Iżda kif is-saċerdoti għandhom id-dmir li jipprietkaw l-Vanġelu, hekk ukoll l-insara huma obbligati li jisimgħu l-prietki u jikkoperaw mal-ministri tal-Knisja f'din il-ħidma ta' formazzjoni nisranija.

Fl-aħħarnett, sabiex il-prietki jħallu frott spiritwali, jiġifieri jsaħħu l-Fidi u jgħinu fil-konversjoni lejn Alla, jeħtieġ li l-insara jmorru jisimgħuhom mhux sempliċement bi drawwa jew għal kurżità iżda mqanqlin mix-xewqa li jiskopru r-Rieda t'Alla u b'fehma soda li jwettquha; hekk il-fidi tagħhom "tinbena

mhux fuq il-għerf tal-bniedem, imma fuj il-qawwa ta' Alla" (I Kor. 2. 5.)

(Mić-Ċirkulari 23 ta' Frar, 1977.)

IL-PASTORALI ORGANIKA

1. X'inhi l-Pastorali Organika

Biex jitwassal il-messaġġ tal-Vanġelu lil kulħadd, u x-xhieda ta' Kristu tkun bħal ħmira fis-soċjetà kollha fid-diversi strati tagħha, mhix biżżejjed il-ħidma iżolata ta' ftit imma meħtieġa l-ħidma koordinata ta' kulħadd, tal-membri kollha tal-Knisja; u dan huwa veru iktar u iktar fiż-żminijiet tagħna, meta aħna naraw illi hemm tant tibdil fis-soċjetà, meta aħna naraw illi hemm gruppi ta' mentalitajiet differenti, li jwettqu xogħlijiet u ħidmiet differenti minn ta' xulxin. Kif fis-soċjetà hemm varjetà kbira ta' ħidmiet li qegħdin jitwettqu, hekk ukoll, fil-knisja ta' Kristu, hemm multipliċità ta' ħidmiet.

Illum ħafna qegħdin jitkellmu dwar **il-pjanijiet pastorali** u fuq kollox dwar **il-ħidma pastorali organika.** Imma nistaqsu: X'inhi proprjament dil-ħidma pastorali organika jew kif isemmuha oħrajn "La pastorale d'ensemble" jew "La pastorale d'insieme"? F'hiex tikkonsisti?

Nistgħu 'nagħtu l-ewwelnett, definizzjoni approssimativa, u ngħidu illi l-pastorali organika, hija "dik il-ħidma li tipprova ssolvi l-problemi pastorali tad-Djoċesi meħudin il-koll flimkien." Definizzjoni iktar eżatta hija din: B'pastorali organika nifhmu "dik il-ħidma pastorali li permezz tagħha, il-forzi kollha apostoliċi, il-parroċċi u l-istituzzjonijiet, bil-mod il-mod, jidraw jiltaqgħu flimkien u jaħdmu id f'id taħt l-awtorità tal-Isqof, li għandu l-missjoni li jikkoordinahom u jiddiriġihom."

Irridu niċċaraw x'nifhmu b'ħidma pastorali; ħidma pastorali qegħdin nifhmu biha kull għajnuna li tingħata għas-salvazzjoni tal-erwieħ. Allura b'ħidma pastorali nistgħu nifhmu wkoll it-tagħlim tad-Duttrina, l-edukazzjoni nisranija li jagħtu l-ġenituri lil uliedhom, u kull ħidma oħra li ssir għall-glorja t'Alla u s-salvazzjoni tal-bnedmin.

2. Min hu nvolut f'din il-Pastorali Organika?

a) Naturalment l-ewwel wieħed involut huwa **l-Isqof** illi għandu d-dmir u l-grazzja tal-istat biex jista' jikkoordina dawn id-diversi ħidmiet li semmejna.

b) Jiġu mbagħad **is-Saċerdoti,** li mill-vokazzjoni tagħhom stess huma msejħin biex iwettqu dan l-appostolat; mill-vokazzjoni tagħhom stess ġew imsejħin biex isalvaw l-erwieħ. Naturalment, jekk is-saċerdoti jittraskuraw dan ix-xogħol, ikunu bħal dak il-qaddej tal-parabbola, li ħeba t-talent tiegħu u allura kellu jagħti kont lis-sid. Is-saċerdot li ma jagħtix każ ta' din il-ħidma pastorali, nistgħu ngħidu li jkun qed jittradixxi l-vokazzjoni tiegħu saċerdotali.

c) Barra mill-Isqof u s-saċerdoti tiegħu, hemm ukoll **ir-Reliġjużi,** illi peress li huma erwieħ ikkonsagrati lil Alla, għandhom ikunu iktar sensibbli għal din il-problema tas-salvazzjoni tal-erwieħ.

d) Għandna fl-aħħarnet, għad li mhux l-aħħar, **il-Lajċi** illi bil-magħmudija li ħadu u bil-Griżma tal-Isqof, huma msejħin ukoll sabiex jagħu l-koperazzjoni tagħhom għat-twaqqif tas-saltna t'Alla. Anzi għal-lajċi nistgħu ngħidu, li huma qegħdni f'pożizzjoni privileġġjata biex iwettqu dik li jsejħulha "Consecratio Mundi". Huma jgħixu fid-dinja jaħdmu fid-dinja, jgħammru fl-ambjenti kollha, u għandhom bil-preżenza tagħhom, jipprova iwasslu hemmhekk ix-xhieda ta' Kristu u t-tagħlim tiegħu.

Dawn li semmejna mela huma il-kollaboraturi, dawk li jieħdu sehem f'dan il-ħidma li sejjaħnielha Pastorali Organika.

3. Strutturi meħtieġa fil-Pastorali Organika

Meħtieġin ukoll l-istrutturi, xi whud

minnhom huma tradizzjonali, oħrajn huma post-konċiljari. Is-soltu jiddistingwu bejn dawk li jsejħulhom strutturi vertikali u oħrajn li jsejħulhom strutturi orizzontali.

i) Bħala **strutturi vertikali,** nistgħu insemmu l-familja, il-Grupp, l-Assoċjazzjoni, l-Għaqda Reliġjuża li fiha jkunu dawn il-membri; il-Parroċċa, u biex nitilgħu iktar fuq id-Djoċesi. Dawn huma strutturi li jieħdu ħsieb diversi għamliet ta' Apostolat rigward il-membri tagħhom.

ii) Barra minn dawn l-istrutturi li semmejna hemm strutturi oħrajn imsejħa **Orizzontali** jew **Speċjalizzati,** il-għaliex dawn jwettqu aspett partikulari tal-Pastorali, p.e. meta għandek struttura li tieħu ħiseb biss il-Liturġija, bħala eżempju fid-djoċesi tagħna għandna l-Kummissjonijiet Djoċesani; u fuq bażi parrokkjali, il-kumitat tad-duttrina, li fil-parroċċi jieħu ħsieb dan l-aspett speċjalizzat ċioè t-tagħlim tal-katekiżmu lill-Kbar u liż-Żgħar.

Meħtieġ però li dawn l-istrutturi orizzontali u vertikali,

i) ma jkunux paralleli, jiġifieri ma jaħdmux għal rashom, imma jiltaqgħu.

ii) ma jinjorawx lil xulxin, wieħed ma jafx x'qiegħed jagħmel l-ieħor, imma jsegwu b'interess il-ħidma ta' l-oħrajn, anke biex ma nikkreawx duppjuni, u biex ma naħlux enerġija fix-xejn;

iii) l-iktar importanti li dawn l-istrutturi ma għandhomx jopponu lil xulxin, ifixklu lil xulxin, imma għandhom jikkollaboraw.

Għalhekk p.e. bejn id-Djoċesi u l-Parroċċa m'għandux ikun hemm oppożizzjoni, l-anqas bejn parroċċa u l-Għaqda reliġjuża.

L-istess ngħidu meta nikkunsidraw l-istrutturi orizzontali. Bejn il-Kummissjoni Kateketika u l-Kummissjoni tal-Mezzi tal-Kmomunikazzjoni Soċjali, m'għandux ikun hemm nuqqas ta' qbil, imma għandu jkun hemm kollaborazzjoni. U anke jekk aħna nikkunsidraw mhux biss l-istrutturi fl-istess kategorija tagħhom, imma l-istrutturi mqabblin flimkien, p.e. għandek l-għaqda, l-assoċjazzjoni, u l-kummissjoni kateketika. L-Għaqda hija struttura vertikali u l-Kummissjoni kateketika hija struttura orizzontali. M'għandux ikun hemm parallelliżmu bejniethom, kulħadd jimxi għal rasu, l-anqas għandu jkun hemm antagoniżmu, imma għandu jkun hemm ħidma id f'id, għajnuna reċiproka.

4. Kif jista' jinħoloq dan il-kordinament ta' l-Istrutturi

Kif jistgħu jaslu biex jaħdmu id f'id? M' huwiex proċess ħafif, meħtieġa edukazzjoni f'din il-ħaġa; jekk ma jaħdmux id f'id, jekk ma jkunx hemm kordinament, allura nirfsu wieħed lil ieħor u flok ġid nagħmlu ħsara.

a) **Fuq bażi djoċesana:** għandna l-Kunsill Pastorali u Presbiterali, biex hemm ikun jista' jinstema' l-leħen sewwa tal-istrutturi vertikali kif ukoll tal-istrutturi orizzontali u ċerti problemi jiġu studjati b'kollaborazzjoni flimkien.

b) **Fuq bażi Parrokkjali:** għandna l-Kunsilli parrokkjali u l-presbyterium. Anke hawnhekk għad li iktar fiċ-ċokon hemm inkontru bejn dawk li jirrappreżentaw l-istrutturi vertikali u dawk li jirrappreżentaw il-ħidma speċjalizzata.

c) Għandna **l-Kulleġġ tal-Kappillani** fejn jista' jintlaħaq djalogu bejn min jirrappreżenta l-bażi Djoċesana li huwa l-Isqof u min jirrappreżenta l-bażi parrokkjali li huwa l-Kappillan.

d) Hemm imbagħad **il-Kurja:** illi skond l-idea post-konċiljari, m'għandhiex tkun uffiċċju ta' amministrazzjoni u la iżjed u lanqas inqas, imma għandha tkun ċentru li jorganizza u li jikkordina l-apostolat, il-pastorali tad-Djoċesi kollha kemm hi; il-Kurja li għandha tkun bħaċ-ċentru tas-sistema nervuż fil-bniedem.

Is-sistema nervuż tagħna jġib lejn il-moħħ dak kollu li jħoss fil-periferija bis-sensi tal-ġisem, imbagħad minn dan iċ-ċentru nervuż, jitilqu d-direttivi illi jirregolaw l-aġir, ittaħrik tal-ġisem kollu kemm hu. Hekk għandha tkun is-sezzjoni Pastorali tal-Kurja, tirċievi l-informazzjoni mill-istrutturi kollha, l-istrutturi vertikali, u l-istrutturi orizzontali, u mbagħad minn hemm ukoll jitilqu d-direttivi lill-Istrutturi kollha.

Għalhekk aħna sal-lum ipprovajna illi nżsistu biex il-Kunsilli Parrokkjali jagħtuna l-minuti tagħhom, il-Presbyteria parrokkjali

jagħtuna l-minuti tagħhom ta' kull xahar, b' hekk il-Kurja, meta ngħid il-Kurja nifhem l-Isqof u dawk li jgħinuh f'dan ix-xogħol, ikunu nformati bil-problemi, bil-mentalità li tkun teżisti fid-diversi parroċċi.

Ninsistu wkoll illi l-għaqdiet għall-inqas darba fis-sena, jibgħatulna relazzjoni tal-ħidma tagħhom. Ninsistu wkoll li l-kumissjonijiet ta' kull sena jifformaw il-programm u r-rapport; rapport tas-sena li għaddiet u programm tas-sena li ġejja.

Dana biex ikollna din l-informazzjoni. Imbagħad naturalment mill-Kurja wkoll, permezz taċ-ċirkulari, permezz tal-avviżi, permezz anke tal-laqgħat li norganizzaw perjodikament, jitilqu d-direttivi illi dawk li jieħdu sehem fl-apostolat, jagħmlu sewwa li jsegwu u jwettqu.

5. Barra mill-Istrutturi meħtieġa Mentalità

S'issa tkellemna mill-istrutturi, però l-istrutturi weħidhom m'humiex biżżejjed. Kif il-ġisem tal-bniedem barra mill-qafas, barra mill-iskeletru, jeħtieġ anke r-ruħ, il-vini, il-laħam u d-demm, hekk ukoll barra mill-istrutturi, biex nistgħu nagħmlu Pastorali Organika neħtieġu mentalità — mentalità adegwata għal dan l-iskop — mentalità post-konċiljari.

F'hiex tikkonsisti din il-Mentalità

a) L-ewwelnett jeħtieġ li jkun hemm

viżjoni tal-ġid komuni tal-knisja lokali. Wieħed irid jinteressa ruħu mhux biss fl-attività li jista' jkollu f'idejh hu, kbira u żgħira, imma jrid jinteressa ruħu sinċerament mill-ġid spiritwali tal-erwieħ kollha illi jifformaw iddjoċesi. Wieħed irid iħabbel mohħu ftit jew wisq bil-problemi kollha li jolqtu d-djoċesi.

b) Imbagħad meħtieġ li jkun hemm dak li jsejħulu "esprit de Corps", illi mhux kulħadd iħawwad għal rasu, u kulħadd jagħmel kif jaqbillu, imma kollha kemm aħna niġbdu ħabel wieħed, u nużaw il-mezzi kollha għal skop uniku, li huwa t-taqdis tal-erwieħ, u l-glorja t'Alla. Allura, fil-Pastorali Organika m' hemmx post għall-partikulariżmi, imma fil-Pastorali Organika jeħtieġ li l-ħidma ssir id f'id, dak li s-soltu jgħidulu "team work".

c) Barra minn dan, meħtieġ **spirtu ta' sagrifiċċju u umiltà** — ħa ngħidu din il-kelma b'isimha, avolja din il-kelma umiltà ma tantx togħġob. — Jekk ma jkunx hemm dan l-ispirtu ta' sagrifiċċju, jekk ma jkunx hemm l-umiltà, allura bl-istrutturi kollha, bil-pjanijiet pastorali kollha, nibqgħu fejn konna qabel.

Għaliex xi darba f'din il-Pastorali Organika, jista' jkun hemm bżonn li wieħed jissagrifika l-opinjoni tiegħu, anke opinjoni l-iktar sabiħa. Allura meħtieġ l-ispirtu ta' sagrifiċċju, meħtieġa l-umiltà.

Barra minn hekk, ma nistgħux nagħmlu kollox f'salt, imma rridu nagħmlu l-għażliet

tagħna, ħaġa tiġi qabel l-oħra u fi-għażla tal-'priorities' jista' jkun illi dak li wieħed jidhirlu li hu 'priority', lill-kommunità u lil min qiegħed irieġi jidhrilhom li huwa ħaġa ta' importanza sekondarja.

Allura anke f'dan, jiġifieri meta niġu għad-deċiżjoni ta' 'priorities', ikun meħtieġ li wieħed jaċċetta l-opinjoni ta' l-oħrajn bi spirtu ta' sagrifiċċju.

d) Din il-mentalità ġdida tinkludi **dispożizzjoni għas-servizz** — irridu nkunu lesti li naqdu lill-oħrajn, fi-aħħar mill-aħħar, il-pastorali hija qadi tal-oħrajn, hija servizz lill-kommunità nisranija.

e) Tinkludi wkoll **spirtu tal-vanġelu,** u fuq kollox il-karità spiritwali li l-vanġelu tant jinsisti fuqha, "in omnibus charitas". Din hi l-mentalità meħtieġa biex tista' tinħadem il-pastorali organika.

6. Il-binari li timxi fuqhom il-Pastorali Organika

Biex ma tiżvijax, il-Pastorali Organika jeħtieġ li timxi fuq il-binari tal-Fedeltà — Fedeltà lejn Kristu u Fedeltà lejn il-Bnedmin.

a) **Fedeltà lejn Kristu:** — dawk kollha li jieħdu sehem f'din il-pastorali, jeħtieġ li juru bil-kliem u bil-fatti, l-adeżjoni sħiħa mat-tagħlim rivelat, għax inkella flok ma nibnu, inkunu qegħdin inħottu; naċċettaw it-tagħlim rivelat, nittrasmettu t-tagħlim rivelat u fl-istess ħin ukoll adeżjoni mal-maġisteru tal-Knisja, biex hekk inkunu ċerti li qegħdin fil-verità. Din hija l-fedeltà lejn Kristu.

b) **Fedeltà lejn il-bnedmin:** — li huma d-destinatari tad-don tal-Fidi u tal-Grazzja, il-bnedmin li magħhom irridu nwettqu din il-ħidma pastorali. U m'għandniex nistaqsu x' jogħġob lilna, x'jidhrilna lilna li huwa l-aħjar, imma għandna nistaqsu x'għandhom bżonn dawn il-bnedmin, x'inhi l-ħtieġa, l-eżiġenza spiritwali tagħhom. Iżda meta ngħidu bnedmin ma nifhmux xi ħaġa astratta, imma nifhmu l-individwi, il-persuni illi jkollna kuntatt magħhom u meħtieġa għalhekk:

i) konoxxenza tal-psikoloġija tal-individwi. Jekk qegħdin nagħmlu pastorali mat-tfal, meħtieġa psikoloġija tat-tfal, jekk qegħdin nagħmlu pastorali man-nisa, psikoloġija tan-nisa, jekk qegħdin nagħmlu pastorali mal-morda meħtieġa psikoloġija tal-morda, jekk qegħdin nagħmlu pastorali mal-anzjani, meħtieġa wkoll li nkunu nafu l-psikoloġija tagħhom.

ii) Meħtieġa wkoll konoxxenza tas-sitwazzjoni soċjoloġika li jkunu fiha. Allura jekk irridu nagħmlu pastorali mal-ħaddiema tal-fabbriki, wieħed ikollu idea x'qed isir fil-fabbriki. Jekk rridu nagħmlu pastorali mat-tfal tal-iskola, irid ikollna idea x'kurrenti għaddejjin f'dik l-iskola.

Mela biex nuru fedeltà mal-bnedmin li lilhom irridu nwasslu l-messaġġ tal-Vanġelu,

jaqbel li kemm jista' jkun inkunu aġġornati f'dak li huwa tagħrif psikoloġiku tal-individwi kif ukoll f'dawk li huma informazzjonijiet soċjoloġiċi dwar il-ħajja tagħhom.

7. Il-Kungress bħala parti fil-Pastorali Organika

Niġu għall-aħħar domanda. Forsi xi ħadd jistaqsi: "imma l-Kungress x'għandu x'jaqsam ma' dil-pastorali organika li tkellemna fuqha?" Għandu x'jaqsam ħafna għax il-Kungress mhux ħaġa oħra ħlief eżempju konkret u prattiku ta' kif għandha tkun il-pastorali organika. Flok ma noqogħdu nagħtu d-definizzjonijiet, flok ma noqogħdu nitkellmu fl-astratt dak li se jsir fil-Kungress huwa propju esperjenza ta' pastorali organika.

a) Difatti, iltqajna flimkien, diversi kollaboraturi; hawn saċerdoti, hawn reliġjużi, hawn lajċi.

Iltqajna flimkien nirrappreżentaw diversi strutturi. Jien nirrappreżenta d-Djoċesi, hawn il-Kappillani jirrappreżentaw il-Parroċċa tagħhom, għandna Diretturi Spiritwali tal-Għaqdiet, membri tal-Għaqdiet, jirrappreżentaw ukoll l-assoċjazzjoni tagħhom. Rappreżentati anke l-istrutturi orizzontali ilgħaliex għandna Segretarji tal-Kummissjonijiet — Kummissjoni kateketika, il-Kummissjoni Mezzi tal-Kommunikazzjonijiet Soċjali, Kummissjoni Reliġjużi u tal-Kummissjonijiet l-oħra.

Iltqajna flimkien aħna illi għandna esperjenzi diversi fil-ħajja tal-appostolat, min bħala teacher, min bħala nurse, min bħala missier ta' familja, min bħala saċerdot, min bħala kappillan u l-bqija.

Iltqajna hawnhekk għad li għandna diversi etajiet, għax fil-pastorali organika ma nistgħux inkunu biss progressivi jew konservattivi biss, fil-Pastorali Organika hemm post għal kulħadd, basta kulħadd ikun animat bi spirtu ta' karità, basta kulħadd jirrispetta l-opinjoni ta' ħaddieħor, kif irid lil ħaddieħor jirrispetta l-opinjoni tiegħu. Allura m'hemmx dik il-"Clear cut" bejn dawk li ġew kmieni u dawk li ġew imwaħħrin, kollha għandhom fil-Knisja l-post tagħhom.

Għandna anke diversi fehmiet, hawn min huwa teoretiku ħafna, hawn min huwa prattiku, hawn min huwa attakkat mal-kotba, hawn min il-kotba għalih ma jfissru xejn, imma tfisser għalih l-azzjoni, il-ħidma. Allura kif qegħdin miġburin hawnhekk li nirrappreżentaw diversi strutturi, nirrappreżentaw diversi esperjenzi u diversi fehmiet, aħna rridu nipprovaw f'dan il-Kungress tagħna nagħmlu waħda mill-ewwel esperjenzi tal-Pastorali Organika.

8. L-Iskop tal-Kungress

Iltqajna flimkien biex nistudjaw flimkien is-sitwazzjoni Pastorali minn aspetti differenti u minn livelli differenti. M'aħniex se

nistudjaw problema waħda biss, imma diversi problemi. Kellna nillimitaw ruħna għal tletin tema, imma diġà huma ħafna, u jinkludu fihom, problemi differenti li jolqtu lid-Djoċesi, lill-Parroċċa, lill-Familja, lill-Kommunità.

Iltqajna hawnhekk biex b'dan l-istudju tagħna ninnotaw l-ewwelnett **dak li huwa pożittiv u nsaħħuh,** allura jeħtieġ li nkunu attenti għas-sinjali taż-żminijiet, il-għaliex b'hekk turi ruħha fostna, il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu. Ma ġejniex hawnhekk biex nilmentaw jew biex inbattlu x-xkora tal-inkwiet li jkollna, imma ġejna hawnhekk biex ninnotaw dak li huwa pożittiv, dak li qed isir tajjeb anke minn ħaddieħor, u naraw x'nistgħu nagħmlu biex intejbuh.

Imma fl-istess ħin ukoll irridu ninnotaw **dak li huwa negattiv u nipprovaw x'rimedji nistgħu nsibu.** Hemm ħafna affarijiet fil-ħajja ekkleżjali tal-Kommunità Lokali illi jeħtieġu li jiġu rranġati. Allura jekk ninnotaw dawn id-difetti, bil-kuraġġ u bl-umiltà aħna nipprovaw insemmu xi soluzzjonijiet jew xi rimedji għalihom.

9. **Kristu magħna**

Fil-Vanġelu nsibu li Kristu qal: "Fejn hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismi, hemm jien inkun f'nofshom". Aħna nġbarna hawnhekk biex inwettqu r-rieda ta' Kristu, Kristu mela qiegħed magħna.

F'isem Kristu ltqajna flimkien, fl-imħabba ta' Kristu aħna beħsiebna nitkellmu ma' xulxin u nisimgħu lil xulxin; imħeġġin miżżelu ta' Kristu, nisperaw li nohorġu minn dan il-Kungress iktar ippreparati biex inwettqu x-xogħol tal-Apostolat illi Kristu, ir-Raġħaj Ewlieni, jistenna minn għandna.

(Mid-Diskors tal-20 ta' Mejju, 1975).

L-ISPIRITWALITA' FIL-BIBBJA

Il-Bibbja hija l-Kelma t'Alla reġistrata. Biex inġibu eżempju, nistgħu ngħidu li kif fittape recorder il-kelma tiġi reġistrata b'ċertu mod li wieħed jista' jerġa' jismagħha kull x' ħin irid, hekk ukoll fil-Kotba Mqaddsa, sewwa tat-testment il-qadim kif ukoll dawk tat-tesment il-ġdid, aħna għandna miktuba, kristalizzata, reġistrata l-Kelma t'Alla vera u ħajja.

Il-Bibbja hija djalogu: Alla jkellem lill-bniedem, u l-bniedem iwieġeb lil Alla. F'dan id-djalogu t'Alla mal-bniedem, hemm kamp għar-riflessjoni dwar l-ispiritwalità, għaliex Alla, meta jkellem lill-bniedem, ikun qiegħed fl-istess waqt jelevah u jistiednu għal ħajja iktar nobbli u qaddisa.

Iżda l-kotba tal-Iskrittura Mqaddsa, ma nistgħux inqegħduhom kollha fuq l-istess li-

vell, għax għad li huma kollha ispirati mill-Ispirtu s-Santu, Alla jadatta ruħu fihom skond il-mentalità tal-bnedmin li kien qiegħed jitkellem magħhom. Għal din ir-raġuni, aħna naraw illi l-Kotba Mqaddsa huma regolati bil-**liġi tal-gradwalità** li tidher ħafna fihom: Alla jimmanifesta ruħu lill-bnedmin bil-mod il-mod. Sewwa meta jgħallem ċerti veritajiet, kif ukoll meta jitlob ċertu stil ta' ħajja, ċerta spiritwalità mill-bnedmin, Alla ma jikkomunikax u ma jitlobx kollox f'daqqa, imma ħaġa wara l-oħra.

Hekk biex inġibu eżempju, il-Misteru tat-Trinità huwa rrivelat b'mod ċar fit-Testment il-Ġdid, imma fit-Testment il-Qadim hemm biss aċċenni illi n-nies ta' dik l-epoka, almenu fil-maġġoranza tagħhom, forsi ma fehemuhomx. U l-istess għal dik li hija spiritwalità; altru kif huma mfissra l-virtujiet rivelati fit-testment il-ġdid, u altru kif kienu jfissruhom qabel ma Kristu ġie fid-dinja. Però mill-ewwel ktieb tal-Iskrittura sal-aħħar wieħed, mill-Ġenesi sal-Apokalissi, aħna naraw li Alla ried fuq kollox li l-bniedem jingħaqad intimament Miegħu, u jesiġi minnu tliet virtujiet: Fidi, Tama u Mħabba! Verament, l-ispiritwalità mhix limitata għal dawn it-tliet virtujiet biss, imma ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li fil-virtujiet tal-Fidi, Tama u Karità, aħna għandna l-qofol u l-essenza tal-ispiritwalità.

● **Fidi mqanqla mill-Kelma t'Alla**

It-testment il-qadim jeżalta ħafna l-fidi

ta' Abraham, li emmen bis-sħiħ il-kelma ta' Alla; u l-Iżraeliti kienu mitluba li jemmnu f' Alla wieħed u veru, mhux biss f'Alla bħala Ħallieq imma wkoll f'Alla li għamel magħhom patt u alleanza. Il-poplu ta' Iżrael kellu din l-ideja fundamentali f'moħħu, bħala ideja tar-reliġjon: li Alla ħatar għalih poplu, u mpenja ruħu biex lil dan il-poplu jiddefendih, bil-patt li dan il-poplu da parti tiegħu kellu joqgħod għal dak kollu li ried Alla minnu, li jwettaq il-liġi tal-Mulej. Din hi l-ideja, it-tifsira tal-alleanza li Alla għamel ma' Abraham u l-ġens kbir li kellu joħroġ minnu: Iżrael.

Fit-Testment il-ġdid, il-ħtieġa tal-Fidi tidher b'mod iktar ċar, għaliex l-istess tagħlim ta' Kristu huwa sejħa għall-interjorità, jinsisti mhux fuq dak li jidher, imma fuq dak li ma jidhirx; ifakkar lill-bnedmin f'Missier li għandhom fis-Smewwiet, f'Alla li ħadd ma raH ħlief l-Iben, u l-Iben li jirrivela din il-glorja t'Alla lill-oħrajn. Fl-ittri ta' San Pawl, imbagħad, insibu wkoll l-istess insistenza fuq il-fidi, b'riferenza partikulari għall-fatt li s-salvazzjoni ma tiddependix biss mill-opri tajba tal-individwu, imma tiddependi qabel xejn u fuq kollox mill-fidi fi Kristu u fil-Kelma Tiegħu. Il-bidu tal-ġustifikazzjoni hija l-fidi.

Naturalment, fidi sħiħa mhix sempliċement fidi teoretika. Il-fidi vera hija dik li mhux biss temmen u taċċetta l-veritajiet rivelati minn Alla, imma wkoll li twettaq u tgħix dak li Alla jitlob u jesiġi mill-bniedem.

Il-Wegħdiet t'Alla u t-tama tagħna

Ngħaddu biex naraw xi ħaġa dwar il-virtù tat-Tama. Jekk aħna niftħu t-testment il-qadim, naraw tiddomina fih din in-nota tat-tama. Hemm ċerta dijalettika fit-testment il-qadim, jiġifieri ċerta lotta bejn żewġ konċetti, żewġ kurrenti ta' idejat: min-naħa l-waħda tilmaħ il-pessimiżmu, speċjalment fil-fatt li l-bnedmin kontinwament jidinbu, iġibu ruħhom ħażin u jitbegħdu minn Alla; min-naħa l-oħra għandek ukoll dik in-nota ta' ottimiżmu, it-tama sħiħa fil-wegħda tal-fidwa, il-fiduċja li l-kelma t'Alla ma tistax tiġi nieqsa, u l-bżonn li din il-wegħda t'Alla tittieħed bis-serjetà. It-testment il-qadim huwa l-epoka tal-wegħda mistennija titwettaq. Dan jidher mill-profeziji, mill-kelma t'Alla fil-ġnien tal-Eden wara l-waqa' tal-bniedem fid-dnub, il-wegħda tal-Feddej, wegħda li baqgħet dejjem iddawwal bħal kewkba fil-bogħod lil dawk li ġew qabel Kristu, u li kienu ispirati mit-tama li l-Messija għad jasal.

Meta mbagħad il-Messija tant mistenni verament ġie, u t-tama mfissra mill-profeti seħħet fil-miġja ta' Kristu, mhux kulħadd għarfu u laqgħu. Għad li l-poplu Lhudi kien qed jistenna u jgħix bit-tama tal-Messija, numru żgħir biss minnu għaraf u laqa' l-Feddej meta ġie fir-realtà fil-persuna ta' Kristu. U Kristu ġie mhux biss biex isseħħ il-wegħda tal-Eden, imma fuq kollox biex isaħħaħ l-istess wegħda b'wegħda oħra: il-wegħda tas-Saltna t'Alla li tinbeda f'din id-dinja u titkompla fid-dinja li għad trid tiġi. Hija l-wegħda tal-Knisja li Kristu waqqaf, li għallbidu kellha tkun bħal xitla żgħira, li ssir siġra u tagħti frott abbundanti aktar 'l quddiem.

L-ewlenin Insara kienu jgħixu b'din l-istennija tal-miġja ta' Kristu mill-ġdid. Anke wara li Kristu tela' s-sema, l-ewlenin Insara kienu jafu li twettaq il-Misteru tal-Għid bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu, imma kellhom din il-fiduċja sħiħa li Kristu kellu jerġa' jiġi. Difatti, jekk niftħu l-Atti tal-Appostli, insibu dik id-deskrizzjoni meta Kristu tela' s-sema u d-dixxipli baqgħu jħarsu 'l fuq. L-anġli mlewhom bit-tama: dan Kristu għad jerġa' jiġi, fl-aħħar taż-żmien. U din issa saret it-tama tagħhom, il-"parusia", l-istennija għattieni miġja ta' Kristu!

Fil-ktieb tal-Apokalissi, aħna naraw mhux biss dik id-dijalettika, dik il-ġlieda bejn il-qawwa tat-tajjeb u l-qawwa tal-ħażen, imma wkoll naraw l-istess tama tiddomina: fl-aħħar it-tajjeb għad jittrijonfa, fl-aħħar it-tajbin fil-ġenna jkollhom il-glorja tal-premju li jistħoqqilhom, u r-rikonoxxenza eterna għallopri tajba li jkunu wettqu matul ħajjithom. L-Apokalissi jagħlaq b'dik l-invokazzjoni sabiħa: "Veni Domine Jesu!" — Ejja, Mgħallem Ġesù! F'dawn il-kelmiet hija espressa t-tama tal-ewlenin Insara. U San Pawl ikompli jagħtina prova ta' dan meta jgħidilna li "kull darba li niċċelebraw il-Misteru Ewkaristiku, aħ-

na nħabbru l-mewt ta' Kristu sa ma jerġa' jiġi".

Allura r-Reliġjon Nisranija fiha nfisha hija bħala tensjoni rigward il-futur, mhux il-futur tad-dinja bħala tali, imma l-futur eskatoloġiku, jiġifieri l-istennija ta' dik il-bidla li għad isseħħ f'ħajjitna meta nidħlu f'dinja oħra, u niltaqgħu ma' Kristu ggloriflkat biex nieħdu sehem mis-sebħ glorjuż Tiegħu. U hawn iseħħ fil-milja tiegħu l-Misteru tal-Għid ta' Kristu. Għax kif Kristu miet, irxoxta u daħal fil-glorja tal-Missier, hekk ukoll aħna qed ngħixu bit-tama li wara mewtna, aħna wkoll fl-aħħar jum, għad nirxoxtaw għal ħajja biex nidħlu fl-istess glorja dejjiema li Kristu ħejja għalina. Din hi t-tama tagħna.

Nistgħu ngħidu, mela, li fil-Bibbja nsibu dik is-sejħa kontinwa biex nittamaw fil-ġejjieni ta' Alla. L-Iskrittura Mqaddsa timliena bit-tama mhux fi-affarijiet tal-preżent, filħajja li qegħdin ngħixu fil-mument, imma f'dak li Alla qiegħed jippreparalna, f'dak li Alla wegħdna jekk ngħixu fl-imħabba Tiegħu: ilħajja eterna.

● **Progress fil-Karità**

Anke rigward il-Karità, nistgħu ngħidu li fl-Iskrittura Mqaddsa hemm il-liġi tal-progress, il-liġi tal-iżvilupp gradwali. Fil-kotba tat-testment il-qadim, il-karità kienet pjuttost liġi limitata għall-membri tal-istess nazzjon. L-Israelin kienu obbligati li jħobbu linnies tal-poplu tagħhom, imma ma kienx hemm insistenza fuq id-dmir li jħobbu lill-bnedmin l-oħra, inklużi l-għedewwa tagħhom. Anzi, f'dik li hija l-imħabba tal-għedewwa, l-Israeliti ta' qabel Kristu kellhom ideat differenti għal kollox minn dawk li għallimna Hu fil-Vanġelu Mqaddes. Kien hemm dik li jsejħulha l-liġi tat-"taglione": għajn għal għajn u sinna għal sinna! Jiġifieri, jekk xi ħadd qalgħalek għajn waħda, int għandek iddritt taqlagħlu għajn waħda, imma mhux tnejn, u jekk xi ħadd tajjarlek sinna, int tista' ttajjarlu sinna oħra, mhux iktar. Din aktarx kienet liġi li Israelin setgħu japplikawha fid-dežert, liġi tan-nomadi, billi f'dak l-ambjent wieħed ma setgħax jirrikorri fi qrati u għand imħallfin, kif jiġri f'nazzjon organizzat. Kien hemm allura l-periklu li l-bniedem jieħu l-liġi f'idejh, u meta jirċievi azzjoni ħażina jitħallas minnha hu stess. Għalhekk Alla kien imponielhom ċertu limiti, b'tali mod li tista' tikkastigaha l-ħsara li saret mingħajr ma ssir ħsara ikbar.

Anke f'xi whud mis-salmi, kultant niltaqgħu max-xewqa li ssir kull xorta ta' deni u ħsara lill-għedewwa! Jekk dan naqrawh bilmentalità tagħna ta' Nsara, skond it-tagħlim tat-testment il-ġdid, aħna nħossuh stonat f'widnejna, u għandna raġun. Però rridu nifhmu li l-poplu Lhudi kien pjuttost poplu żorr, poplu faċilment jitlef sabru, u allura Alla ried jimxi miegħu b'mod gradwali, pass wara l-ieħor. Għalhekk ma rrivelalux il-liġi tiegħu

tal-karità kollha kemm hi fil-perfezzjoni tagħha. Il-liġi tat-testment il-qadim fiha t-tjubija u s-sbuħija tagħha, imma hija għal kollox inferjuri għal-liġi tal-perfezzjoni li mbagħad fasslilna Kristu fil-Vanġelu Mqaddes.

Fit-testment il-ġdid il-liġi tal-Imħabba hija sublimata u mqegħda bħala fundament tar-reliġjon kollha kemm hi. Għandna nħobbu lil kulħadd, b'karità universali, u dan għallimħabba t'Alla. Kif igħallimna San Pawl, fi Kristu m'hemmx iktar distinzjoni bejn Lhud u ġentili, griegi jew razza oħra. Hija karità miftuħa għal kulħadd. Mhix bħal sentiment vojt fil-qalb tal-bniedem, imma għandha tkun bħala d-dinamiżmu tal-ħajja tan-nisrani, b' tali mod li kulma jagħmel irid ikun ispirat u motivat mill-imħabba t'Alla u tal-proxxmu.

Mela, kif rajna fil-qosor, jidher ċar illi jekk aħna naqbdu f'idejna l-Kotba Mqaddsa għandna naraw fihom stedina għall-qdusija, qdusija mibnija prinċipalment fuq dawn ittliet virtujiet teologali. M'għandniex nippretendu li l-kotba tat-testment il-qadim għandhom jagħtuna mudelli perfetti ta' fidi, tama u mħabba, kif insibuhom fit-testment il-ġdid; imma anke fihom nistgħu nsibu dik iż-żerriegħa jew aħjar il-bidu ta' dawn il-virtujiet teologali li permezz tagħhom il-bniedem jista' jintrabat dejjem aktar ma' Alla.

● **Naqraw il-Bibbja bl-attenzjoni u bl-umiltà**

Biex mill-Bibbja niksbu l-ikbar profitt spiritwali, jeħtieġ li naqrawha b'dik l-attenzjoni li biha l-istess aġġjografu rċieva l-Kelma t'Alla! Kif il-kittieb uman qagħad attent biex jilqa' l-ispirazzjoni t'Alla ħalli mbagħad ikun jista' jesprimiha fi kliemu bil-miktub, hekk aħna l-Insara għandna nisimgħu l-kelma ta' Alla bl-attenzjoni u bl-umiltà, u nirriflettu fuqha, biex imbagħad inkunu nistgħu nipprattikawha fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Il-Bibbja mhijiex text-book ta' storja jew xjenza, u lanqas għandna nħarsu lejha bħala text-book tat-teoloġija. Għalina, il-Bibbja għandha tkun qisha ittra għażiża mibgħuta lilna minn Alla, li fiha għandna messaġġ u sejħa speċjali; sejħa ta' Missier lil uliedu, biex jurihom x'qed jistenna minnhom. Għalhekk il-Bibbja mhix ħaġa miktuba b'mod sistematiku, b'taqsim eżatt u b'ordni perfett. Xogħol bħal dan jagħmluh l-istudjużi tal-Bibbja, l-interpreti u t-teoloġi, meta jagħtuna ktieb irfinat li nistgħu nużawh bħala textbook għall-istudji tagħna. Iżda l-Bibbja fiha nfisha hija dak il-leħen t'Alla li rridu nħalluh jidwi f'widnejna u f'qalbna. Għalhekk ma għandniex naqraw l-Iskrittura Mqaddsa sempliċement għall-kurżità, jew biex nieħdu ideja kif kien igħix il-poplu Lhudi. Jeħtieġ li naqrawha biex minnha naraw x'irid Alla, kif Alla jkellem ir-ruħ tagħna.

Barra minn hekk, għandna naqraw il-Bibbja b'sens kbir ta' umiltà. Ma nippretendux li nifhmu kollox; imma dak li jirnexxilna nifhmu, u forsi jekk ikollna ċerta preparazzjoni jirnexxilna nifhmu ħafna, żgur li għandu

jkun ta' ġid kbir għal ruħna. Ma ninsgħux dik il-parabbola li fiha Kristu uriena kif il-Kelma t'Alla hija bħaż-żerriegħa, li biċċa taqa' fuq art tajba u biċċa oħra fuq art ħażina jew li ma tantx hi addattata, hekk li mhux kollha tipproduċi l-istess frott. Jista' jkollok diversi nies li jaqraw l-Iskrittura Mqaddsa: xi whud minn dak il-qari jafu jieħdu profitt kbir għal ruħhom, oħrajn jieħdu xi ħaġa żgħira, oħrajn ma jieħdu xejn, u forsi oħrajn ukoll flok ma jimxu 'l quddiem spiritwalment, l-istess qari jista' jkun għalihom ta' tfixkil. Allura l-Iskrittura għandna naqrawha dejjem mhux bi spirtu ta' kurżità imma bl-umiltà, mhux biex inkunu nafu aktar fix-xjenza umana, imma biex nisimgħu l-istedina, il-leħen t'Alla, u nagħrfu x' irid sewwa minna.

Għalina l-Kattoliċi hemm ċanfira li naħseb, anke wara l-Konċilju Vatikan II, għadha valida ftit jew wisq. Fil-waqt li nsara ta' denominazzjonijiet oħra, bħal m'huma l-protestanti, għandhom dik il-familjarità mal-Iskrittura Mqaddsa, aħna għadna lura wisq biex ngħidu li l-Bibbja qed nagħtu kasha biżżejjed! Nisimgħuha l-Kelma t'Alla, iva, speċjalment fil-qari tal-quddiesa, imma mbagħad kemm huma dawk li qed iħabblu moħhom, sepċjalment hawn f'pajjiżna, biex jaqraw almenu ftit mill-Bibbja kuljum? Is-saċerdoti naturalment igħidu l-brevjar u hemmhekk isibu għażla varjata ta' salmi u lezzjonijiet mill-Kotba Mqaddsa, għar-riflessjoni tagħhom ta' kuljum. Imma wasal ukoll il-mument li anke l-lajċi jibdew jaqraw u jirriflettu fuq il-Kelma t'Alla,

u ta' kuljum ifittxu fiha x'irid Alla minnhom.

Nistgħu ngħalqu bil-kelmiet ta' Kristu nnifsu: "Mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla"! L-Iskrittura Mqaddsa hija l-kelma ħajja ħierġa minn fomm Alla, u għalhekk għandha tkun l-ikel bnin li ruħna teħtieġ ta' kuljum. Il-progress spiritwali tagħna għandna nibnuh u nsostnuh fuq ir-rieda t'Alla mfissra fil-Kotba Mqaddsa.

(Mid-diskors lill-Moviment "Pro Sanctitate" 1-XI-75)

IS-SAĊERDOZJU MINISTERJALI

Il-Knisja f'din l-epoka post-konċiljari qiegħda tipprova tagħraf aħjar lilha nfisha u torganizza ruħha biex tilħaq ċertu grad ta' effiċjenza pastorali kif jitolbu ż-żminijiet tallum.

Ir-riflessjoni teoloġika dwar l-ekkleżjoloġija hija fl-aqwa tagħha. Ma setax għalhekk jonqos li tingħata attenzjoni speċjali lill-figura tas-saċerdot, li fil-kamp pastorali u l-istrutturi tagħha, għandha post importanti ħafna.

Illum ċerti aspetti tas-saċerdozju, li kienu fil-periklu li jiġu miċħuda jew imwarrba filġenb, qed jiġu studjati iktar bir-reqqa, speċjalment fid-dawl tad-dokumenti konċiljari,

bħalma huma l-'Lumen Gentium' u d-digriet 'Presbyterorum Ordinis'.

Però, biex wieħed jifforma idea ċara tas-saċerdozju ministerjali, irid iħares lejh f'relazzjoni mas-saċerdozju ta' Kristu u mas-saċerdozju komuni tal-Insara. Difatti, is-saċerdot kattoliku jħoss li huwa jwettaq il-ministeru tiegħu f'isem Kristu u bis-setgħa tiegħu.

● Is-Saċerdozju ta' Kristu GĦAJN tas-Saċerdozju tagħna

Is-saċerdozju ta' Kristu mela, huwa bħala għajn li minnha s-saċerdozju tagħna jipparteċipa jew it-'terminus a quo' li fih għandu bidu s-saċerdozju ministerjali tal-Liġi l-ġdida. Is-saċerdozju komuni tal-Insara min-naħa l-oħra huwa konness mal-ministeru tal-qassisin, mhux biss għaliex aħna wkoll bħall-insara l-oħra għandna sehem fih, iżda wkoll għaliex jidher bħala skop tal-eżistenza u tal-ħidma tagħna.

Huwa dmir tagħna illi nħejju l-bnedmin biex jidħlu fis-saċerdozju komuni u nsaħħuhom fih. Is-saċerdozju komuni tal-Insara l-oħra għalhekk, nistgħu nsejħulu t-'terminus ad quem' li jagħti sinjifikat u orjentament lill-uffiċċju u attività pastorali tagħna.

● Is-Saċerdozju ta' Kristu

L-aspett saċerdotali tal-missjoni u tal-opra tal-fidwa ta' Kristu huwa evidenti fit-tagħlim messjaniku tal-Vanġeli Sinottiċi, fil-vedu-

ta soterjoloġika tar-raba' Vanġelu, fit-tagħlim ta' San Pawl u, fuq kollox, fit-teoloġija dwar is-saċerdozju li hemm fl-ittra lil-Lhud.

Fil-persuna ta' Kristu huma miġbura u ipperfezzjonati dawk l-elementi tas-saċerdozju li dwarhom jitkellem it-Testment il-Qadim; jiġifieri huwa jwettaq missjoni jew uffiċċju **profetiku, regali u kultwali.** Iżda fi Kristu titwettaq l-idea tas-saċerdozju ġdid u li jiżboq għal kollox dak tar-Rabta l-Qadima. Kif igħidilna l-awtur tal-ittra lil-Lhud:

> "Dan hu, tabilħaqq, il-qassis il-kbir li kien igħodd għalina: qaddis, innoċenti, safi, maqtugħ mill-midinbin, merfugħ 'l fuq mis-smewwiet; li ma għandux bżonn, bħall-qassisin il-kbar l-oħra, joffri kuljum is-sagrifiċċju, l-ewwel għad-dnubiet tiegħu stess, imbagħad għad-dnubiet tal-poplu. Dan hu għamlu darba għal dejjem, meta offra lilu nnifsu għax il-Liġi tqiegħed bħala qassisin il-kbar bnedmin li huma dgħajfa; iżda l-kelma tal-ġuramент, li ġiet wara l-Liġi tqiegħed Iben, li ġie magħmul perfett għal dejjem." (Lhud 7: 26-28)

Il-mudell ta' kull saċerdozju tar-Rabta l-Ġdida, mhux iżjed dak tat-Testment il-Qadim iżda huwa dak ta' Kristu, il-Qassis il-Kbir, saċerdot perfett u etern.

● Is-Saċerdozju tal-Poplu t'Alla

Il-poplu ġdid t'Alla, li wettaq fih il-wegħ-

diet messjaniċi u biddel il-figura f'realtà, għandu wkoll is-saċerdozju tiegħu li huwa ġej minn dak ta' Kristu, saċerdozju uniku u etern u jagħmel sehem miegħu.

It-test fundamentali li jafferma b'mod ċar is-saċerdozju komuni jew spiritwali tal-Poplu t'Alla kollu kemm hu, hu meħud mill-ewwel ittra ta' San Pietru:

"Intom ukoll, bħal ġebel ħaj; inbnew f' dar spiritwali; saċerdozju qaddis biex toffru sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu 'l Alla, permezz ta' Ġesù Kristu". (I Pet. 2:5)

Intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom middlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb. Intom li darba ma kontux poplu, issa sirtu l-poplu ta' Alla". (I Pet. 2: 9-10)

Il-Konċilju fid-digriet 'Presbyterorum Ordinis' (n. 2), bi kliem ċar iddeskriva s-saċerdozju komuni jew spiritwali tal-Poplu t'Alla u afferma li fih jipparteċipa kull membru tal-ġisem mistiku:

> "Sidna Ġesù, li l-Missier qaddsu u bagħtu fid-dinja (Ġw. 10:36), mill-Konsagrazzjoni li hu nnifsu ħa mill-Ispirtu, ta sehem bil-Ġisem Mistiku tiegħu kollu: fih il-fidili kollha jsiru saltna qaddisa ta' qassisin, joffru sagrifiċċji spiritwali 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu u jxandru

> l-għemejjel kbar ta' dak li sejħilna middlamijiet għad-dawl tiegħu tal-għaġeb. Għalhekk ebda membru ma hemm li m' għandux sehem mill-missjoni tal-Ġisem kollu; kull wieħed minnhom għandu f' qalbu lil Ġesù u fl-ispirtu tal-profezija, jagħti x-xhieda ta' Ġesù".

Bejn is-saċerdozju ta' Kristu u dak tal-Poplu t'Alla hemm però differenza fundamentali: Kristu waħdu huwa kapaċi li jwettaq kult perfett, kif insibu fl-ittra lil-Lhud (9: 14): "Kristu, fl-ispirtu ta' dejjem, offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla". L-Insara mhumiex kapaċi jwettqu weħidhom kult xieraq lil Alla, iżda biss jekk ikunu **magħqudin ma' Kristu** jistgħu jelevaw il-ħajja tagħhom lejn Alla.

Il-Medjazzjoni ta' Kristu

Issa s-saċerdozju ta' Kristu fih żewġ aspetti:

1) **L-Aspett tal-Kult**, u
2) **L-Aspett tal-medjazzjoni**.

L-ewwel aspett jinsab ukoll fis-saċerdozju tal-Insara kollha li huma ammessi biex jersqu lejn Alla u joffru s-sagrifiċċji spiritwali tagħhom, jiġifieri jikkoperaw m'Alla sabiex ibiddel l-eżistenza tagħhom f'ħajja qaddisa.

It-tieni aspett, ċioè dak tal-medjazzjoni bejn Alla u l-bnedmin jappartieni esklussivament lil Kristu — "Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-bniedem Ġesù Kristu, li ta lilu nnifsu bħala

prezz tal-fidwa għal kulħadd". (I Tim. 2: 5)

Sewwa l-kult jew qima li tingħata lil Alla kif ukoll il-komunjoni ekkleżjali jew l-għaqda flimkien tal-Insara jiddependu ħafna mill-medjazzjoni ta' Kristu Salvatur. Mingħajr medjazzjoni effikaċi, il-kult huwa vojt u ma jservi għal xejn, u dan għaliex dawk li jieħdu sehem f'dan il-kult huma midinbin.

Il-komunjoni tal-Insara, min-naħa l-oħra, teħtieġ il-medjatur għaliex fuqu hija mibnija bħal għaqda ta' fidi u ta' karità. Għalhekk Kristu hu msejjaħ 'medjatur ta' patt ġdid'. (Lhud. 9: 15)

● **Hemm bżonn ta' Saċerdozju Ministerjali?**

Forsi hawn tinħoloq diffikultà u xi ħadd jistaqsi: "Jekk il-Poplu t'Alla għandu sehem fis-saċerdozju ta' Kristu, jekk Kristu hu l-medjatur tiegħu quddiem Alla, allura m' hemmx bżonn ta' persuni oħra mżejnin b'saċerdozju speċjali jew ministerjali fil-kommunità nisranija?"

Għall-bnedmin kien meħtieġ li mhux biss ikun hemm il-medjazzjoni ta' Kristu, imma li tkun tidher u tinħass. Ladarba l-bnedmin huma esseri sensibbli, il-medjazzjoni ta' Kristu fosthom jeħtieġ li jkollha bħala element essenzjali tagħha xi għamla ta' espressjoni konkreta, viżibbli u verifikabbli.

U preċiżament din hija r-raġuni tal-eżistenza tas-saċerdozju ministerjali: li jkun sinjal u sagrament tal-medjazzjoni ta' Kristu: li jimmanifesta l-preżenza ta' Kristu medjatur u tal-ħidma tiegħu fil-ħajja tal-Insara.

Biex jirrappreżentawh f'diversi żminijiet u postijiet, Kristu ried li jkun hemm ukoll "il-ministri tal-Patt il-Ġdid" (II Kor. 3: 6). Issetgħa tagħhom mhix ġejja mill-bnedmin iżda minn Alla (II Kor. 3: 5). Jagixxu mhux f' isimhom u bl-awtorità tagħhom infushom, imma "bħala ambaxxaturi ta' Kristu" (II Kor. 5: 20), f'għaqda miegħu u fi ħdan il-poplu li Huwa kiseb għalih.

Il-Vanġelu Mqaddes jurina li dan kien il-pjan li hejja Kristu meta waqqaf il-Knisja tiegħu.

1) Huwa ried li l-komunjoni ekkleżjali tkun għaqda organika u mhux biss folla ta' nies bla ebda għamla ta' organizzazzjoni.

2) Huwa ried ukoll li ma tkunx grupp magħluq fih innifsu imma li jagħti attenzjoni wkoll għan-nagħaġ l-oħra

3) Fl-aħħarnett, Kristu għamilha ċara wkoll sa mit-twaqqif tagħha, li fil-Knisja tiegħu, il-komunjoni mhix biss frott tal-ħidma u tħabrik tal-bnedmin, iżda hija fuq kollox rigal t'Alla.

● **Il-Missjoni tat-Tnax**

Sinjal l-aktar ċar li Kristu ried jifforma l-Kommunità, huwa li minn jeddu ġabar madwaru d-dixxipli. Kull rabbi kellu d-dixxipli

tiegħu, però Ġesù ma kienx Mgħallem ordinarju bħall-oħrajn u għalhekk il-grupp tassegwaċi tiegħu kellu xi ħaġa speċjali li l-gruppi tal-imgħallmin l-oħra ma kellhomx.

Id-dixxipli tar-rabbini l-oħra kienu huma li jagħżlu l-imgħallem tagħhom, u bil-mod kienu minn għandu jitgħallmu l-interpretazzjoni tal-liġi, sakemm fl-aħħar jilħqu rabbini u mgħallmin huma stess.

Fil-każ ta' Kristu, huwa ċar li mhux iddixxipli jagħżlu lilu: "Mhux intom għażiltu lili, imma jiena għażilt lilkom u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa' " (Ġw. 15: 16). Huwa sejjaħ lil dawk li jrid (Mk. 3: 13) mingħajr ambigwità u b'awtorità sħiħa. Kristu jitlob mis-segwaċi tiegħu kull ċaħda, biex imorru warajh, iħallu kollox, anke l-istess ġenituri tagħhom u dan b'mod irrevokabbli: "Min iqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura, mhuwiex tajjeb għas-saltna t'Alla" (Lq. 9: 62).

Id-dixxipli ta' Kristu jifformaw il-merħla żgħira illi huwa ħarreġ fil-misteri tas-saltna t'Alla. Iżda huwa kien jagħti attenzjoni speċjali lill-formazzjoni tat-tnax. Hu għallimhom igħammdu: "Hu nnifsu ma kienx igħammed, imma d-dixxipli tiegħu" (Ġw. 4: 2). Il-messaġġ li riedhom ixandru ma kienx limitat biss għall-interpretazzjoni tal-liġi, kif kienu jordnaw ir-rabbini lid-dixxipli tagħhom, iżda Ġesù għamel l-appostli tiegħu ħabbara ta' ġrajja importanti, il-miġja tas-saltna t'Alla.

● L-Awtorità ta' l-Appostli

Il-missjoni tagħhom kienet waħda ta' awtorità kbira u li timplika setgħat speċjali: "Sejjaħ lejh it-Tnax-il dixxiplu u tahom issetgħa fuq l-ispirti ħżiena, biex ikeċċuhom u jfejqu kull xorta ta' mard u 'l kull min kien nieqes minn saħħtu" (Mt. 10: 1). Lill-appostli ġiet afdata l-awtorità jew setgħa li kellhom minn Kristu iżda din is-setgħa baqgħet tiegħu biss. Fl-istess ħin hu għarrafhom bir-responsabbiltà kbira li biha kien qed jgħabbihom: "Għax jekk tawk ħafna, ifittxu li jieħdu ħafna minn għandek, u jekk ħallewlek ħafna ħwejjeġ taħt idejk, iżjed jippretendu minn għandek." (Lq. 12: 48)

Kif Kristu ġie biex jaqdi, imma kellu l-awtorità fuq il-merħla żgħira li kellu madwaru, hekk huwa ta lill-appostli l-uffiċċju li jkunu qaddejja tal-poplu t'Alla u fl-istess ħin, ir-rappreżentanti tiegħu mżejnin bl-awtorità.

Dan l-uffiċċju li Huwa afdalhom, jidher mit-testi li ġejjin: "Tassew ngħidilkom, li kull ma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-sema u kull ma tħollu fuq l-art ikun maħlul fis-sema". (Matt. 18: 18)

Li torbot u tħoll tfisser, fost l-oħrajn, l-awtorità li tmexxi kommunità u li tiddeċiedi kwistjoni.

Fl-aħħar ċena Ġesù ta mandat lill-appos-

tli tiegħu: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq. 22:19). Wara l-qawmien mill-imwiet, kif jgħidilna l-Vanġelu, Huwa nefaħ fuq l-appostli u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubietħom ikunu maħfura u dawk li żżommuhomlom ikunu miżmuma" (Ġw. 20:23).

L-appostli mela kienu mogħnija bl-awtorità li jrieġu l-kommunità, li jgħallmu u li jamministraw is-sinjali tal-Mulej.

● SAGRAMENT

L-uffiċċju ta' dawn l-persuni (magħżula biex ikomplu l-mandat tal-Appostli huwa sagrament, jiġifieri permezz tiegħu Kristu jibqa' preżenti fost il-bnedmin, anke meta r-rappreżentant rċieva missjoni u awtorità li huma ikbar minn dawk li għandu l-bniedem. L-isqfijiet, is-saċerdoti jġorru fuqhom realtà li permezz tagħha Kristu huwa preżenti fid-dinja; u x-xogħol ta' Kristu għall-Knisja tiegħu jibqa' jitwettaq permezz tagħhom:

> "Kristu, imqaddes u mibgħut mill-Missier (Ġw. 10:36) permezz tal-appostli għamel sehem mill-konsagrazzjoni u mill-missjoni tiegħu lis-suċċessuri tagħhom, jiġifieri l-isqfijiet li b'mod xieraq afdaw, b'grad divers, il-ħidma tal-ministeru tagħhom lil diversi soġġetti tal-Knisja. Hekk, il-ministeru ekkleżjastiku ta' istituzzjoni divina jiġi mwettaq f'diversi ordni minn dawk li mill-ewwel żmenijiet ġew imsejħa Isqfijiet, Presbiteri u Djakni. (Lumen Ġentium No. 28)

● L-Aspett Ontoloġiku tas-saċerdozju ministerjali

Il-preżenza attiva ta' Kristu fiż-żewġ gradi tas-saċerdozju ministerjali, isqfijiet u presbiteri, tesiġi li bejnhom u bejn Kristu ikun hemm rabta ontoloġika li tagħmilhom jixbħu lil Kristu f'dik l-intensita' li għaliha tista' tasal kreatura.

Din l-assimilizzazzjoni jew xebħ ma jistax jitnissel ħlief permezz ta' sagrament speċjali; għaliex fl-ekonomija attwali tal-opra tas-salvazzjoni, is-sagramenti huma l-mezzi divini li jnisslu din il-parteċipazzjoni mill-ħajja ta' Kristu.

Fi kliem ieħor, huwa s-sagrament tal-Ordni Sagri li jipproduċi f'min jirċevih trasformazzjoni interjuri, li tpoġġih fi stat li jkun kapaċi jwettaq l-uffiċċju saċerdotali lilu afdat. "L-uffiċċju tal-presbiteri", jgħidilna d-digriet Presbiterorum Ordinis, Nru. 2,

> "marbut kif inhu mal-ordni tal-isqfijiet għandu sehem mis-setgħa li biha Kristu nnifsu jibni l-Ġisem tiegħu, iqaddsu u jmexxih. Għalhekk tassew li s-saċerdozju tal-presbiteri għandu bħala sies tiegħu s-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija, iżda hu jingħata permezz ta' dak is-sagrament speċjali li bih il-Presbiteri, bissaħħa tal-konsagrazzjoni tagħhom mill-Ispirtu s-Santu, jirċievu fihom infushom karattru speċjali hekk jissieħbu ma Kristu Saċerdot, b'mod li jkollhom il-qawwa li

jagħmlu għemil fil-persuna ta' Kristu Kap."

● IL-KARATTRU SAĊERDOTALI

Għad li d-duttrina dwar il-karattru għadhom isiru riċerki dwarha fit-teoloġija, pero' hija verità ta' fidi, promulgata fil-konċilju ta' Trentu, l-eżistenza tiegħu u l-effetti li ġejjin minnu. Il-karattru saċerdotali għandu jitqies bħala sinjal jew realtà ontoloġika, spiritwali u ndelibbli u għalhekk l-Ordni Sagri mhux reiterabbli.

Il-Konċilju Vat. II jinsisti b'mod partikulari fuq dawn **l-effetti tas-sagrament tal-Ordni Sagri** u jara fihom trasformazzjoni permanenti, li għandha bħala skop tagħha l-funzjoni saċerdotali fis-sens propju tal-kelma, li titwettaq f'isem Kristu fil-kommunità ekkleżjali.

Għalhekk min jitkellem dwar saċerdozju funzjonali u mhux ontoloġiku ma jkunx konformi mat-tagħlim tal-fidi. L-għotja tas-saċerdozju, it-tqegħid tal-idejn (2 Tim. 1:6 u I Tim 4:14) bħala konsagrazzjoni permanenti mogħtija b'att sagramentali la hija kariżma persunali u lanqas funzjoni, tranżitorja.

Is-saċerdozju tal-liġi l-ġdida mhux okkupazzjoni 'part time' jew għal żmien limitat, imma s-saċerdot nisrani jwettaq jew ma jwettaqx il-ministeru tiegħu, jibqagħlu dejjem fih konfigurazzjoni ma' Kristu, xi ħaġa li

tagħmlu jixbaħ lil Kristu u tagħtih parteċipazzjoni mill-awtorità tiegħu.

● L-Aspett Dinamiku tas-Saċerdozju:

Fit-tagħlim tal-Konċilju ta' Trentu, it-teoloġija tal-Presbiterat kellha bħala ċentru tagħha l-Ewkaristija: is-setgħa saċerdotali għad li mhux b'mod esklusiv iżda primarjament hija fuq il-Ġisem Ewkaristiku ta' Kristu. Il-presbiteru huwa l-ministru tal-Ewkaristija, huwa ordnat għall-Ewkaristija.

> "Is-sagrifiċċju u s-saċerdozju huma hekk marbutin flimkien skond ir-rieda t' Alla, li f'kull liġi jeżistu flimkien. Ladarba, allura fil-liġi l-Ġdida, il-Knisja Kattolika rċeviet is-sagrifiċċju viżibbli tal-Ewkaristija mwaqqaf mis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, jeħtieġ nistqarru li fiha hemm ukoll saċerdozju estern u viżibbli, minflok dak tal-imgħoddi. Il-Kotba Mqaddsa juru u t-tradizzjoni tal-Knisja Kattolika dejjem għallmet illi s-saċerdozju tal-Liġi l-Ġdida ġie mwaqqaf mis-salvatur tagħna u li lill-Appostli u lis-suċċessuri tagħhom fis-saċerdozju ġiet mogħtija s-setgħa li jikkonsagraw, joffru u jamministraw il-ġisem u d-demm ta' Kristu, kif ukoll li jaħfru u jżommu d-dnubiet" (Konċilju ta' Trentu; **sess. XXIII, Cap I D.B. 957.**)

Il-Konċilju Vatikan II jerġa' jtenni din il-prospettiva ewkaristika tal-Konċilju ta' Trentu, imma jintegraha fl-ekkleżjoloġija.

Kristu ħaj u attiv fost il-poplu tiegħu. Il-konsagrazzjoni saċerdotali hija realtà spiritwali li minnha ma jistax jinfired.

2) **il-Missjoni**

Għandu **missjoni** x'jaqdi, programm ta' ħidma li ma jfasslux huwa kif jaqbillu, imma skond ir-rieda ta' dak li bagħtu. "Il-presbiteri tal-patt il-Ġdid", jgħidilna d-digriet presbyterorum Ordinis, "bis-sejħa u l-ordinazzjoni tagħhom, b'xi mod jingħażlu għalihom fi ħdan il-poplu t'Alla, mhux biex jinfirdu minnu jew minn xi ħadd mill-bnedmin, iżda biex jingħataw kollhom kemm huma għal ħidma li għaliha Alla ħatarhom. Għax ma kienux jistgħu jkunu ministri ta' Kristu jekk ma jixhdux u ma jqassmux lill-bnedmin ħajja oħra li mhijiex ta' din l-art.

3) **u s-Servizz.**

Fl-aħħarnett, **id-djakonija,** jiġifieri għandu jiftakar li huwa l-bniedem għall-oħrajn, kif kien Kristu biex "hekk jitrawmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-ġisem ta' Kristu, sakemm aħna lkoll naslu sabiex insiru ħaġa waħda fil-fidi u fil-għarfien tal-Iben t'Alla" (Ef. 4:12). Hija fuq kollox djakonija għall-evanġelizazzjoni permezz tax-xandir tal-Evanġelju u ta' testimonjanza.

Jekk is-saċerdot jibni l-ħajja tiegħu fuq dawn it-tliet pedamenti, huwa jħoss il-ħtieġa ta' formazzjoni u maturazzjoni dejjem ikbar

sewwa u umana kif ukoll spiritwali, teoloġika u kulturali, bl-impenn kollu u b'sens ta' responsabbilta' jintefa' għal din il-ħidma kontinwa. Hekk huwa ma jiddubita qatt mill-identità tiegħu bħala saċerdot ta' Kristu u jkun tabilħaqq mgħallem u xhud tal-fidi u tal-ħajja Nisranija.

(Mid-diskors tas-Seminar fuq il-Vokazzjoni

14-2-76)

IR-RELIĠJON TAĦT IN-NAR TAL-KRITIKA

Jeħtieġ li nintebħu li qegħdin ngħixu f' epoka ġdida għaliex qegħdin fi-aħħar kwart tas-seklu li meta jintemm jwassalna għas-sena 2000, jiġifieri ikun beda it-tielet millenju fl-istorja tal-Knisja.

Hemm bżonn ukoll li aħna nintebħu li qegħdin ngħixu f'dinja ġdida f'dinja li ċkienet għaliex hemm tant konnessjonijiet bejn pajjiż u ieħor li l-artijiet tad-dinja saru kważi pajjiż wieħed.

Dak kollu li jiġri fid-dinja ftit jew wisq jinfluwenza lil-pajjiżna wkoll. Nistgħu ngħidu li aħna ibbunbardati bl-ideat li jiġu minn pajjiżi oħra; biżżejjed insemmu t-television li huwa messaġġ kontinwu li jasal fid-djar tagħna.

Anke l-films għandhom influwenza kbira fuq in-nies li jmorru jarawhom. Hemm ukoll

l-ġurnali u l-kotba li jaslu minn barra.

Ma rridux ninsew imbagħad it-turiżmu; mhux biss in-nies ta' hawn illi issa ħaduha bi drawwa li jieħdu l-vaganzi tagħhom barra minn pajjiżna iżda wkoll it-turisti li jiġu għal ftit ta' żmien jew għal żmien twil u jħallulna l-eżempju tagħhom u l-ideat tagħhom. Dak li l-iktar huwa mportanti huma l-ideat.

Għalhekk, irridu nżommu quddiem għajnejna dan il-fatt:—

1) mhux biss qegħdin ngħixu fi żmien ġdid - ser nibdew it-tielet millenju

— imma qegħdin ngħixu f'dinja ġdida,

2) mhux iżjed fi ġżira li għandha ftit relazzjonijiet ma barra,

— iżda li qegħda f'nofs iċ-ċivilta' u f'nofs il-kultura tal-epoka tagħna.

Dak li qed jiġri barra għad jiġri hawn ukoll. Il-ħażen li għaddejjin minnu barra għad ngħaddu minnu aħna wkoll u forsi mhux bogħod iż-żmien li naraw fuqna l-problemi li jeżistu barra minn pajjiżna. Jekk aħna nilħqu nippreċedu u nippreparaw ruħna għalihom allura nkunu qegħdin napprofittaw mis-sitwazzjoni ta' ħaddieħor.

Barra minn hekk, mhux kulma qed jiġri f'artijiet oħra huwa ħażin; ċerti **riżvelji** huma tajbin u pożitivi, għalhekk hemm bżonn li ninnotawhom u naċċettawhom.

Meta ngħidu li l-pastorali għandha jkollha quddiem għajnejha veduta universali, ma jfissirx li se ninsew l-interessi tagħna biex naħsbu biss fl-interessi ta' l-oħrajn; imma jfisser fuq kollox li nirrikonoxxu li aħna parti mid-dinja u li nitgħallmu mid-dinja biex hekk anke aħna f'pajjiżna nkunu ippreparati aħjar għal dak li qed jistenniena.

Issa biex nifhmu xi ħaġa minn dak li qiegħed jiġri fid-dinja tal-lum, jeħtieġ ninnotaw tliet żviluppi fil-mentalità ta' ħafna nies u anke fil-kultura kontemporanja;

a) **L-UMANIŻMU MODERN:** Il-bniedem qed jiġi kkonsidrat bħala ċentru tal-istorja u tal-ħolqien;

— **il-bniedem** b'dak li hu, b'dak li għandu u b'dak li jista' jagħmel,

— **il-bniedem** mingħajr id-dipendenza tiegħu lejn Alla,

— fi ftit kliem, **il-bniedem awtonomu.**

Kien fis-seklu l-ieħor illi Augustus Comte ħareġ bit-teorija li l-evoluzzjoni soċjali waslet fi stadju li għandha titwaqqaf ir-reliġjon talumanità li fiha ma tingħatax qima lil Alla iżda qima lil bniedem jew il-ġens uman. Hemm anke it-teorija ta' Feuerbach li qal li jeħtieġ inbaxxu lil Alla biex ngħollu l-bniedem.

Huma teoriji li jwasslu għall-ateiżmu, jeżaltaw il-bniedem u jagħmlu enfasi fuq l-awtonomija tiegħu u fl-istess ħin iwarrbu lil Alla mill-ħsieb u mill-ħajja tal-bnedmin. Fihom aspetti żbaljati iżda għandhom "impact" kbir fuq il-mentalità tal-lum.

b) **IL-PROGRESS XJENTIFIKU U TEKNIKU:** Huwa fatt illi x-xjenza u t-teknoloġija għamlu progress immens. Hija ħaġa diskutibbli jekk hux dejjem favur il-bniedem jew kontra tiegħu għaliex mhux il-progress kollu tax-xjenza għen lill- bniedem, kien hemm anke progress li ħoloq problemi kbar.

Pero ċerti nies m'humiex kuntenti li jgawdu dan il-progress imma jaħsbu li ladarba għandhom ix-xjenza u t-teknoloġija allura m'għandhomx bżonn t'Alla.

Hekk per eżempju, fi-opinjoni tagħhom jekk wieħed ikun marid m'hemmx bżonn jgħamel wegħda biex ifieq iżda juża l-mediċina li toffrilu x-xjenza. Allura min għandu din il-mentalità ma jirrikorrix lejn Alla bħala setgħa superjuri għall-bniedem imma jirrikorri għas-sejbiet tax-xjenza u tat-teknoloġija.

Ħafna jaħsbu li x-xjenza waslet biex issolvi l-problemi kollha tal-ħajja tal-bniedem u tas-soċjetà u jpoġġu fiha fiduċja għamja.

c) Aspett ieħor tal-mentalità tal-lum huwa **l-iżvilupp tad-demokraziji.** Proprjament, id-demokrazija hija forma ta' gvern illi fiha l-poplu jagħżel ir-rappreżentanti tiegħu u jiggverna permezz tagħhom. Però l-kelma "demokrazija" saret ambigwa, min jifhimha mod u min jifhimha mod ieħor.

Kif josserva s-soċjologu Laloux "Fir-reġim ta' demokrazija moderna, is-soċjetà profana trid tieħu f'idejha u b'awtonomija sħiħa, l-istituzzjonijiet imwaqqfa bl-iskop li jippromovu

l-ġid temporali tal-membri tagħha." (Introduzione alla sociologia religiosa p.42).

Għalhekk ġara li anke l-Knisja f'xi pajjiżi ġie emarġinata, għaliex ċerta ħidma li qabel kienet titwettaq minnha, illum qiegħda titwettaq mill-istat. Però l-Knisja dejjem jibqagħlha kamp t'attivita' fejn tista' tiżvolġi il-missjoni tagħha.

Dawn huma mela it-tliet aspetti tal-kultura moderna li jekk ninsewhom jew nissottovalutawhom inkunu f'periklu:—

— li niġġudikaw ħażin is-sitwazzjoni
— u li norjentaw b'mod żbaljat il-ħidma tagħna pastorali;

Dawn huma:—

1) **L-UMANIŻMU MODERN:** b'enfasi fuq il-bniedem u l-awtonomija iegħu.
2) **IL-PROGRESS XJENTIFIKU u TEKNIKU**
3) **L-IŻVILUPPI TAD-DEMOKRAZIJI MODERNI.**

Niġu issa għar-rifless ta' din il-metalità fuq il-fenomenu reliġjuż. X'inhuma l-konsegwenzi fil-ħajja reliġjuża tal-individwi u tas-soċjetà li ġejjin minn din il-mentalita' li semmejna?

Nistgħu ngħidu qabel xejn li ċerta enfasi m'għadhiex issir fuq l-istess valuri kif kienet issir qabel iżda r-riżultati kienu differenti minn individwu għall-ieħor u minn soċjetà għall-oħra.

Waħda mill-konsegwenzi l-aktar allarmanti huwa **l-ateiżmu modern** li jgħallem moralità mifruda minn Alla. Għall-ateisti il-ħajja morali bl-obbligi u d-dmirijiet tagħha m'għandhiex bħala fundament lil Alla u l-liġi tiegħu, iżda pjuttost id-dinjità tal-bniedem u l-libertà.

Dan l-ateiżmu modern huwa fenominu li għandu tant influwenza fil-ħajja tas-soċjetà tal-lum li anke il-Vatikan ħass il-ħtieġa li jwaqqaf segretarjat biex jistudja l-iżviluppi tiegħu.

Riżultat ieħor ta' din il-mentalità ta' żminijietna huwa **l-materjaliżmu prattiku** bl-indifferenza reliġjuża li jġib miegħu. Ċerti nies ma jħabbtux rashom bir-reliġjon imma ħsiebhom biss li jieklu, jiddevertu u jgħixu ħajja paxxuta.

Il-materjaliżmu prattiku mhuwiex xi ħaġa astratta u l-bogħod minna iżda huwa realtà li rridu nħabbtu wiċċna magħha ta' sikwit.

Bħala riżultat tal-mentalità moderna tfaċċaw wkoll xi **għamliet ta' reliġjożità vaga** bħalma huwa il-kult ta' ċerti idoli moderni. Illum ċerti żgħażagħ kważi jaduraw il-player tal-futbol, l-artist jew l-kantant preferit tagħhom.

Barra minn hekk f'xi pajjiżi tqanqal interess ġdid għall-ispiritiżmu u l-maġija. Dawn huma forom ta' superstizzjoni jew reliġjożità vaga li huma għal kollox differenti mir-reliġ-

jon ta' Kristu.

F'ċerti ambjenti, il-mentalita moderna ħolqot effett għall-kollox kuntrarju għat- tlieta li semmejna qabel; u dan huwa ir-RINNOVAMENT RELIĠJUŻ.

Dan ifisser; fidi aktar

— personali
— konvinta
— matura bi pratika ta' ħajja aktar sinċiera u li taqbel mal-ideali tal-Vanġelu.

Jiġifieri, iktar milli reliġjon tal-massa, jeħtieġ li tkun reliġjon li fiha l-individwu huwa konvint li jeżisti Alla u jħoss l-ħtieġa tat-talb.

In-nisrani ta' din il-kwalita jgħaraf li d-dinjità tiegħu bħala bniedem tiddependi minn Alla u jaf ukoll li għandu missjoni x'jaqdi fid-dinja.

Minn dawn l-erba' konsegwenzi tal-mentalità moderna: **ateiżmu; materjaliżmu, superstizzjoni** u **rinnovament reliġjuż,** ma nistgħux naċċettaw bħala nsara ħlief l-aħħar waħda.

Pero, r-rinnovament reliġjuż mhux xi ħaġa li titnissel weħidha imma rridu naħdmu għalih. Din hija l-missjoni tagħna fis-siegħa tal-lum illi b'kull mezz li għandna f'idejna u b'kull għamla ta' ħidma pastorali nipprovaw nifformaw insara konvinti li għandhom fidi personali u jgħixuha fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Minn dan jiddependi ħafna l-futur tal-Knisja, u tar-reliġjon.

Fl-istess ħin jeħtieġ li nżommu quddiem għajnejna l-kritika kontinwa illi ssir fid-dinja dwar r-reliġjon Kattolika. Ma nistgħux ninjoraw il-kritika li qegħda issir lil-fenomenu reliġjuż.

Anke dawk li ma jemmnux, ma jaslux biex jiċħdu l-fenominu reliġjuż bħala fatt soċjoloġiku, għax jammettu li hemm xi nies li jemmnu u li jippratikaw b'mod jew ieħor ir-reliġjon. Pero huma jinterpretaw il-fenominu reliġjuż b'mod u manjiera li jiżvojtawh mill-kontenut tiegħu u jirrenduh kważi ħaġa ridikola.

Issa aħna rridu nkunu nafu x'inhuma l-argumenti li qegħdin iġibu kontra r-reliġjon. Din hija challenge li hemm bżonn naffaċċjawha.

Naraw għalhekk liema huma l-objezzjonijiet l-aktar importanti biex kulħadd juża l-intelliġenza tiegħu u jintebah kemm hemm verità u kemm hemm falsità f'din il-kritika.

Dawn l-obbjezzjonijiet nistgħu nikklassifikawhom fi tliet gruppi: Hemm xi uħud li jinħolqu A) fil-kamp xjentifiku, oħrajn B) fil-kamp psikoloġiku, jew C) fil-kamp soċjoloġiku.

Nibdew bl-obbjezzjonijiet li jagħmlu xi xjenzjati jew li jitkellmu f'isem ix-xjenza, moderna:

1 *OBBJEZZJONI: Ir-reliġjon u l-prova tal-eżistenza t'Alla jgħidulna dawn it-talin, m'għandhomx bażi xjentifika. Ix-xjenza ma rnexxielha qatt, jgħid DEWEY u awturi oħra, li tipprova*

- *li Alla jeżisti*
- *li r-ruħ hija spiritwali u immortali.*

Allura la darba dawn il-"preambula fidei" jiġifieri fatti li l-fidi tissopponi bħala veri, ma jistgħux jiġu ppruvati, il-fidi kollha tkun mibnija fuq sisien m'humiex sodi.

Din l-Obbjezzjoni ġejja mill-preġudizzju positivistiku li jammetti biss ir-realtà li tista' tiġi osservata bis-sensi tal-bniedem. Pero mhux biss ir-Reliġjon iżda wkoll ir-raġuni tgħallimna li teżisti realta oħra jiġifieri ir-realta spiritwali.

2 *OBBJEZZJONI: oħra hija din: it-teknoloġija inevitabilment twarrab u toqtol ir-reliġjon; jiġifieri jekk hemm nies li għandhom imorru l-knisja u jitolbu dan għax għadhom ma daqux li vantaġġi tal-progress ta' żminijietna. Tasal għalihom ukoll it-teknoloġija il-magni, il-fabbriki, u*

l-mezzi moderni l-oħra u dawn jitfu fil-bnedmin li jidraw bihom, is-sens t'Alla u tal-qima lejH.

Din l-obbjezzjoni tinsa li barra mil-ħtiġijiet tal-ġisem li għalihom taħseb it-teknoloġija hemm fil-bniedem il-ħtiġijiet spiritwali li jirrikjiedu l-għajnuna tar-reliġjon.

3

OBBJEZZJONI: Ma naqsux dawk li jakkużaw lir-reliġjon bħala organizzazzjoni oskurantista, jiġifieri li żżomm l-membri tagħha fl-injoranza għax tibża' li jekk jiftħu għajnejjhom u jaraw l-progress li qed isir, huma jiċħdu t-tagħlim reliġjuż u jinqatgħu minnha.

Għalhekk il-Knisja - ikomplu jinsistu dawk li jakkużawha - lill-fidili tagħha ma tkellemhom qatt fuq il-progress tad-dinja u ma tgħidilhomx x'qed jiġri madwarhom u lanqas issemmilhom id-drittijiet tagħhom f'din id-dinja biex huma jibqgħu dejjem moħhom magħluq u jinteressaw ruħhom biss mid-dmirijiet li għandhom lejn Alla, bit-tama ta' ħajja oħra.

Min jistudja bir-reqqa t-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II u isegwi l-Messaġġi tal-Papiet, jaf ċert kemm din l-akkuża hija inġusta

1) għax ir-reliġjon tgħallem mhux biss id-dmirijiet, iżda wkoll id-drittijiet tal-bniedem

2) għax għad li għandha bħala skop tagħha il-ħajja fl-eternità, ma tistax tinjora l-ħtiġijiet u l-problemi tal-ħajja preżenti.

4

OBBJEZZJONI: Anke fil-kamp psikoloġiku insibu xi obbjezzjonijiet kontra r-reliġjon. Nibdew mill-obbjezzjoni ta' Freud, il-fundatur tal-psikanalisi li kellha effett kbir fuq il-letteratura ta' żmienna u fuq il-produzzjoni tal-films. Freud jgħidilna li r-reliġjon hija forma ta' nevrosi jew skwilibriju mentali, allura hija bħal marda li hemm bżonn tiġi mfejqa. Il-bniedem matur jeħtieġ li jissupera l-mentalità' reliġjuża biex hekk jeħles minn ċerti konflitti u tensjonijiet interni li r-reliġjon toħloq ġewwa fih.

Huwa veru li ċerti manifestazzjonijiet tar-reliġjon jista' jkun fihom sintomi ta' infantiliżmu u li speċjalment f'dawk li huma skrup-

lużi r-reliġjon tista' tieħu għamla ta' ossessjoni. Pero dawn huma deformazzjonijiet tar-reliġjon u mhux r-reliġjon fiha nfisha.

Għall-kuntrarju r-reliġjon mifhuma tajjeb u pprattikata kif imiss issaħħaħ il-karattru tal-bniedem, tqawwi r-rieda tiegħu u tkun għalih ta' għajnuna kbira biex jaffronta l-problemi tal-ħajja.

5 *OBBJEZZJONI: Ir-reliġjon ġiet akkużata wkoll li toqtol il-ferħ uman għaliex toħloq ħafna restrizzjonijiet, tbeżża' lill-bnedmin b'ħafna taboos u tagħmilhom ħlejjaq imdejqa.*

Jista' jkun li fl-imgħoddi xi drabi saret iktar insistenza fuq il-veritajiet negativi milli fuq il-veritajiet pożitivi, iktar kien hemm biża' mill-kastigi milli vera mħabba t'Alla u tama fil-ħniena tiegħU.

Pero minnha nfisha r-reliġjon ippreżentata tajjeb għandha toħloq il-paċi tal-qalb li tkun tidher wkoll fl-imġieba tal-individwu kif ġara fil-ħajjiet ta' ħafna qaddisin li kienu mgħarufa għall-atteġjament ferrieħi tagħhom.

6 *OBBJEZZJONI: Ir-reliġjon hija il-parassita tat-tbatija. Kif jifhmuha xi uħud, kull fejn hemm it-tbatija hemm jinsab l-aħjar ambjent biex iżżomm ħajja r-reliġjon. Meta l-bniedem ikun ibati, huwa maħqur jew mgħafus bl-uġiegħ inkella qed jibża' minn xi gwaj ieħor allura f'dan il-mument jitfaċċa fih is-sentiment reliġjuż u jdur lejn Alla.*

Sa ċertu punt xi drabi il-bnedmin jiftakru f'Alla meta jkunu magħfusin bil-mard jew bil-perikli, imma r-reliġjon ma tikkonsistix biss fi sfog tal-qalb tal-bniedem imdejjaq jew muġugħ.

Ir-reliġjon tirrigwarda kull aspett tal-ħajja tal-bniedem normali, allura anke fit-twettiq tad-dmirijiet tal-familja fix-xogħol u fid-divertiment wieħed jista' jipprattika r-reliġjon tiegħu.

Nisrani koerenti li jgħix il-fidi tiegħu r-reliġjon idaħħalha mhux biss meta jkun marid jew batut iżda matul ħajtu kollha.

7 *OBBJEZZJONI: Ir-reliġjon tmur kontra l-libertà tal-kuxjenza għaliex timponi regoli riġidi li joħonqu l-libertà spiritwali. Il-bniedem ta' sentimenti reliġjużi, jgħidulek xi uħud, mhuiex liberu għaliex għandu quddiemu binarju li jrid jimxi fuq u ma jistax jitbiegħed minnu.*

Veru li xi nies draw wisq illi flok ma jiġġudikaw x'għandhom jagħmlu u ma jgħamlux skond il-Liġi t'Alla u fil-kuxjenza tagħhom, jistennew li s-saċerdot jagħtihom jew jimponilhom riċetta eżatta tal-aġir tagħhom. Dan huwa infantiliżmu reliġjuż.

Ir-reliġjon tgħallimna li l-obbligazzjoni tal-Liġi Divina tiġi mill-volonta' t'Alla kif tirrifletti ruħha fil-kuxjenza tal-bniedem. Allura hemm bżonn li l-insara maturi jitgħallmu jiformaw l-kuxjenza tagħhom u jiġġudikaw għemilhom stess b'sens ta' responsabiltà.

Ir-reliġjon meta tkun ipprattikata b'dan il-mod ma toħnoqx il-libertà tal-bniedem iżda tilliberah mill-abbuż tal-libertà u mill-kapriċċi egoistiċi tiegħu.

8

OBBJEZZJONI: oħra din id-darba mill-kamp soċjoloġiku takkuża r-reliġjon li qegħda tfixkel il-progress għaliex hija sopravivenza talpassat. Fejn hemm ir-reliġjon huwa sinjal li hemmhekk levoluzzjoni soċjali ma mxietx kemm kellha timxi, allura jeħtieġ illi anke f'dawn is-setturi tasal din l-arja ġdida talprogress u jiġu mwarrba filġenb il-mentalità u d-drawwiet tal-imgħoddi.

Huwa ovvju pero li r-reliġjon m'għandha xejn kontra l-veru progress tas-soċjetà. Imma biex ikun hemm progress veru jeħtieġ li titjieb mhux biss il-qagħda materjali tal-bniedem imma wkoll il-kultura u l-imġieba morali tiegħu. Ir-reliġjon m'għandhiex titqies bħala mużew tal-imgħoddi imma fuq kollox bħala għassiesa u mgħallma tal-verità u tal-valuri morali.

9

OBBJEZZJONI: Ir-reliġjon tiġi akkużata wkoll li hija alleata mal-kapitalisti u mas-sidien tal-fabbriki u għalhekk tikkopera magħhom biex il-ħaddiem u l-fqir jibqa' dejjem fi-istat tal-miżerja tiegħu. Din hi obbjezzjoni li rridu noqgħdu attenti ħafna għaliha għaliex għamlet tant ħsara lill-Knisja billi firdet minnha eluf ta' ħaddiema.

Madankollu jekk wieħed jara sewwa l-fatti, jintebaħ li r-reliġjon tgħallem il-karità u l-ġustizzja ma' kulħadd u għalhekk ma tista' qatt tapprova li l-ħaddiema u l-foqra jiġu sfruttati. Difatti mhux darba u tnejn il-mexxejja reliġjużi kkundannaw l-abbużi tal-kapitalisti u ta' dawk li kienu jagħmlu qliegħ bl-inġustizzja.

OBBJEZZJONI: ta' Marx smajniha ħafna drabi: "ir-reliġjon hija l-opju

10

tal-poplu" u taljenaħ mill-impenji soċjali tiegħu għaliex iġgħalu jaħseb fuq ħajja taddinja l-oħra. Il-bniedem jissaporti bil-paċenzja l-inġustizzi li jkunu qed isiru kontra tiegħu u ma jqumx biex jiddefendi ruħu dment li jkun taħt l-influwenza tar-reliġjon li tipprietkalu l-manswetudni u s-sabar.

Sa ċertu punt, ma nistgħux ngħidu illi Marx f'din il-ħaġa kien żbaljat għal kollox, għaliex ir-reliġjon li kien jaf hu, jiġifieri l-Luteraniżmu tal-epoka tiegħu, ftit u xejn kien iħabrek biex jirranġa s-sitwazzjoni tal-ħaddiema.

Iżda l-objezzjoni ta' Marx ma tiswiex dejjem u kullimkien. Minn żmienu sal-lum, f' isem ir-reliġjon, bdew u tkomplew ħafna inizjattivi biex itejbu l-qagħda tal-ħaddiema u jipprotieġu d-drittijiet tagħhom.

Anke aħna hemm bżonn li naħdmu biex f'ebda mument ir-reliġjon ma tisfa oppju talpoplu imma tkun dejjem spinta 'l quddiem biex il-ħaddiem jagħraf u jiddefendi d-dinjità tiegħu ta' bniedem u ta' iben t'Alla.

OBBJEZZJONI: Kien hemm min qal ukoll li r-reliġjon hija kawża ta' tilwim u ta' gwerer fost il-bned-

11

min. Kien hemm ħafna gwerer matul l-istorja li tqanqlu f' isem ir-reliġjon u bħala eżempju jsemmulek il-kroċjati kontra il-misilmin taż-żminijiet tan-nofs u l-gwerer ċivili tal-Irlanda u tal-Libanu fi żminijietna.

Hawn irridu nagħmlu distinzjoni bejn il-fanatiżmu reliġjuż li tabilħaqq huwa kawża ta' ġlied u tilwim u r-reliġjon ipprattikata b' mod intelliġenti u li jixraq lill-bnedmin.

Għall-inqas rigward ir-reliġjon Kattolika nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li hija reliġjon li tippriedka r-rispett lejn xulxin, l-imħabba tal-aħwa u l-ħidma għall-paċi.

Issa li rajna dawn l-akkużi, meta r-reliġjon hija attakkata u ikkritikata b'dan il-mod, x'sejra tkun ir-risposta tagħna?

Nistgħu nagħmlu erba' suġġerimenti:

1) **ATTENZJONI GĦALL-IŻVILUPPI TA' MADWARNA:** Jekk aħna ma niftħux għajnejna biex nosservaw l-iżvilupp ta' madwarna bis-sabiħ u bl-ikrah, bit-tajjeb u bil-perikli li jġib miegħu, allura niffossilizzaw ruħna u s-soċjetà tibda tqisna bħala elementi inutli.

Jista' jiġri wkoll li niffossilizzaw ruħna mhux biss aħna personalment, imma wkoll l-

istituzzjonijiet tagħna jekk dawn ma jkunux aġġornati kontinwament.

Fl-aħħar mill-aħħar aħna nemmnu li dak li jiġri fid-dinja jippermettih Alla; it-tajjeb Alla jridu u l-ħażin jippermettih b'volontà permissiva għax huwa kapaċi li anke mill-ħażin jislet it-tajjeb.

San Pawl igħidilna li għal dawk li jħobbu lil Alla kollox jisfa ta' ġid. Jekk aħna nħobbu tabilħaqq lil Alla, anke din l-isfida tal-ateiżmu u l-areliġjożità tista' tkun ta' ġid għalina għaliex tqanqalna biex inqumu min-ngħas tagħna u nieħdu bis-serjetà l-impenji li jkollna.

Mela nagħtu dejjem attenzjoni għal dak li jiġri madwarna mhux biss f'pajjiżna imma anke fid-dinja kollha għax aħna ċittadini tad-dinja u mhux tal-gżejjer tagħna biss.

2) **AWTOKRITIKA**: jiġifieri ma nassumux a priori illi dejjem għandna raġun u li qatt ma żbaljajna jew ma nistgħux niżbaljaw. Jekk aħna b'din il-viżjoni tad-dinja quddiem għajnejna niġġudikaw il-metodi pastorali tagħna, il-ministeru saċerdotali u l-ħidma tal-Għaqdiet Kattoliċi, ikollna nikkonkludu u ngħidu li ġie li ħlejna żmien f'affarijiet ta' importanza żgħira u ħallejna ħidmiet oħra li kienu jkunu wisq iktar għall-glorja t'Alla u għall-ġid ta' l-erwieħ.

Forsi ma stajniex nagħmlu mod ieħor u

ċerti attivitajiet, għad li huma sekondarji, ikollna nidħlu għalihom. Però, mhux inpoġġu fihom l-enerġija u l-attenzjoni tagħna b'ċertu mod u manjiera li għal ħidmiet oħra mportanti ma jibqagħlniex imbagħad ħin għalihom.

Allura jekk hija meħtieġa reviżjoni talmentalità u tal-metodi pastorali nagħmluha bil-kuraġġ, bl-umiltà u bil-paċenzja.

Dan li tfisser l-awtokritika, li ma nagħlqux għajnejna u nilludu ruħna li kulma qegħdin nagħmlu aħna huwa perfett u ma jistax jiġi meljorat. Għandna nammettu li jista' jkun hemm xi nuqqasijiet jew xi żbalji li tajjeb nikkoreġuhom.

Fl-aħħar mill-aħħar sa minn żmien il-Konċilju Lateran IV, kien jingħad "Ecclesia semper reformanda in capite et in membris". Il-Knisja titlob din ir-riforma u dan kien l-iskop tal-Ġublew biex sewwa l-individwi kif ukoll il-kommunitajiet jirrivedu dak li hemm bżonn jiġi rivedut bi spirtu ta' vera konverżjoni.

Anke hawnhekk tiswa r-regola li jagħtina l-Appostlu Missierna San Pawl: **"Ippruvaw kollox, it-tajjeb żommuh".** (I Tess. 5, 21)

3) **AWTODIXXIPLINA** — jiġifieri kemm il-kleru kif ukoll l-insara hemm bżonn li jkunu jafu d-dmirijiet tagħhom u jwettquhom b'sens ta' responsabilità u ta' mħabba sinċiera lejn il-Knisja ta' Kristu.

Fi żminijietna l-Knisja għandha bżonn kleru matur, intelliġenti u responsabbli li kapaċi jwassal il-messaġġ ta' Kristu lill-bnedmin tal-lum; dejjem naturalment bil-prudenza u bil-karità iżda mingħajr ma joqgħod jistenna impożizzjoni minn xi ħadd ieħor.

Fl-istess ħin dan ma jfissirx li kull wieħed jimxi għal rasu imma jfisser illi kulħadd ikun jaf x'inhija d-direttiva jew l-orjentament li tagħti l-awtorità tal-Knisja, imbagħad minn jeddu u bil-kontribut personali tiegħu jinterpreta u jwettaq fl-ambjent tiegħu dawn id-direttivi.

Fis-siegħa tal-lum huma meħtieġa wkoll insara maturi għax il-lajkat kattoliku għandu responsabiltà mitt darba iżjed milli kellu fissekli l-imgħoddija.

Illum, f'ħafna ċirkustanzi u sitwazzjonijiet, in-nisrani jeħtieġ li jkun jaf sewwa l-prinċipji tat-tagħlim kattoliku u d-direttivi tal-maġisteru, imbagħad jiġġudika hu x'għandu jagħmel u ma jagħmilx fil-każi partikulari tal-ħajja. Jekk jiġġudika tajjeb, ikun meritu tiegħu jekk jiġġudika ħażin m'għandux għax iwaħħal f'ħaddieħor.

L-awtur kattoliku franċiż Bernanos ħareġ b'din l-espressjoni: "L-aqwa objezzjoni kontra l-kristjanezmu huma l-kristjani". Għax kieku l-insara jgħixu u jaġixxu verament ta' nsara kieku r-reliġjon kattolika kienet tkun wisq aktar aċċettata, maħbuba u

mferrxa mad-dinja kollha.

Il-ħajja nisranija għandna ngħixuha biddmirijiet kollha li ġġib magħha mhux minħabba l-biża' tal-kastig jew skond il-pressjoni soċjali li jkollna madwarna iżda b'konvinzjoni li qegħdin nagħmlu dak li Alla jrid minna meta nimxu skond id-direttivi tal-Knisja u b' awtodeċiżjoni li nieħdu aħna bil-libertà sħiħa tagħna.

4) **ASSIMILIZZAZZJONI TAT-TAGĦLIM U TAD-DIRETTIVI TAL-KONĊILJU.** Dawn iddokumenti mhux biss għandna naqrawhom u niddiskutuhom, imma wkoll nassimilawhom hekk li jsiru parti mill-mentalità tagħna.

Il-Knisja fi żminijietna għandha quddiemha żewġ alternattivi

1) **JEW taċċetta** bis-serjetà u twettaq dak li għallem il-Konċilju u allura jirnexxilha tissupera l-problemi tal-epoka tagħna,

2) **JEW inkella ma taċċettax** it-tagħlim Konċiljari u allura jkun hemm periklu ta' frammentazzjoni u ta' qerda.

Il-Knisja kattolika ma tistax tinqered kollha kemm hi għax hemm il-kelmiet ta' Kristu: "Il-bibien ta' l-infern ma jgħelbuhiex" iżda tista' ssofri telfiet għall-inqas f' ċerti pajjiżi.

Is-salvazzjoni tagħna fis-siegħa tal-lum huwa t-tagħlim tal-Konċilju interpretat mhux b'mod arbitrarju iżda minn dawk li għand-

hom is-setgħa li jfissruh.

Għalhekk mhux nistudjaw biss id-dokumenti tal-konċilju imma anke l-istruzzjonijiet tas-Santa Sede li ħarġu mill-Konċilju 'l hawn. Hemm rikkezza ta' tagħlim f'dawn id-dokumenti u meħtieġ żmien u mpenn biex wieħed japprofondihom.

Jekk aħna nagħtu każ ta' dawn l-erba' suġġerimenti u nipprovaw inwettquhom fl-ambjent tagħna m'hemmx dubju li r-reliġjon minkejja kull tfixkil tkompli tissaħħaħ u tmur 'il quddiem.

(Mid-diskors lill-Kleru tat-3 ta' Jannar 1976).

Daħla

I PARTI (L-ITTRI PASTORALI)

1. L-Irtiri Spiritwali 1
2. Il-Kommunità Nisranija 11
3. L-Imħabba ta' Kristu 43
4. Il-Qima lejn Sidtna Marija 69
5. Il-Promozzjoni tal-Bniedem 95
6. Il-Ħin Liberu 118

II PARTI (SILTIET MILL-ITTRI ĊIRKULARI)

It-Talb fil-Familja 143
Il-Ġurnata tal-Emigranti 144
Mejju u l-Madonna 146
Il-Ġurnata Missjunarja 147
Il-Messaġġ Franġiskan u ż-żminijiet tal-lum 148
Il-Ġieħ lill-Isem t'Alla u l-Pjaga tad-Dagħa 150
Is-Smiegħ tal-Kelma t'Alla 151

III PARTI (SILTIET MINN TAĦDIDIET)

Il-Pastorali Organika 156
L-Ispiritwalità fil-Bibbja 169
Is-Saċerdozju Ministerjali 179
Ir-Reliġjon taħt in-Nar tal-Kritika 195

Stampat fil-**"Gozo Press"** Għ'sielem, Għawdex.